ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 311

Edizzjoni bil-Malti

Volum 51

5 ta' Diċembru 2008

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti ta' l-Awdituri**


2008/C 311/01 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 1

2008/C 311/02 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 7

2008/C 311/03 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 13

2008/C 311/04 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 20

2008/C 311/05 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 27

2008/C 311/06 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija 34

2008/C 311/07 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 42

2008/C 311/08 Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 50

2008/C 311/09 Rapport dwar il-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija ... 57


MT

**Prezz: 30 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

| Avviż Nru | Werrej (*ikompli*) | Paġna |
|---|---|---|
| 2008/C 311/10 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija | 64 |
| 2008/C 311/11 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija | 71 |
| 2008/C 311/12 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija | 79 |
| 2008/C 311/13 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija | 86 |
| 2008/C 311/14 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija | 92 |
| 2008/C 311/15 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità | 100 |
| 2008/C 311/16 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità | 107 |
| 2008/C 311/17 | Rapport fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 116 |
| 2008/C 311/18 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 122 |
| 2008/C 311/19 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 130 |
| 2008/C 311/20 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Puluzija għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ | 136 |
| 2008/C 311/21 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' L-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Eurojust | 142 |
| 2008/C 311/22 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni | 149 |
| 2008/C 311/23 | Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (EUROFOUND) għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni | 156 |
| 2008/C 311/24 | Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru | 164 |
| 2008/C 311/25 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju | 172 |
| 2008/C 311/26 | Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju | 178 |

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra) ..... s3


MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2008/C 311/01)

**WERREJ**


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 2 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 2 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 2 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 3 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 6 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 ([1]) tas-26 ta' April 2005. L-għan ewlieni ta' l-Aġenzija hu li torganizza l-koordinazzjoni operattiva ta' kontroll u spezzjoni ta' l-attivitajiet tas-sajd mill-Istati Membri sabiex tiżgura l-applikazzjoni effettiva u uniformi tagħha tar-regoli dwar il-Politika Komuni tas-Sajd. L-Aġenzija kisbet l-indipendenza finanzjarja tagħha fil-11 ta' Novembru 2007.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u attivitajiet ta' l-Aġenzija. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 hija mogħtija fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 768/2005, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI ([4]), safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

> ***Affidabilità tal-kontijiet***
>
> Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.
>
> ***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***
>
> It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.
>
> L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-Aġenzija għall-2007 kien ta' 5 miljun euro. Peress li l-Aġenzija kisbet l-indipendenza finanzjarja tagħha biss f'Novembru 2007, il-Kummissjoni ġestiet iktar min-nofs il-baġit tagħha. M'hemm l-ebda rapport uffiċjali tat-transferiment ta' responsabbilitajiet rigward il-parti tal-baġit ta' l-Aġenzija ġestita mill-Kummissjoni. It-*Tabella 2* turi l-parti tal-baġit ġestita mill-Aġenzija li hija ffinanzjata minn sussidji mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea.

8. L-Aġenzija ma kinitx stabbiliet proċeduri effiċjenti għalgħeluq is-sena sabiex jiġu ddeterminati l-approprijazzjonijiet li għandhom jinġiebu 'l quddiem. Approrijazzjonijiet li jammontaw għal mill-anqas 125 000 euro ġew miġjuba 'l quddiem ([5]) mingħajr impenji legali.

9. Il-proċeduri ta' kontroll intern meħtieġa mll-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju sabiex jassiguraw trasparenza u ġestjoni finanzjarja tajba għadhom ma ġewx iddokumentati kollha. Il-Bord Amministrattiv ma adotta l-ebda standards ta' kontrolli interni, b'mod formali.

10. Id-deskrizzjoni tas-sistemi tal-kontijiet kienet ippreparata mill-uffiċjal responsabbli fl-aħħar tas-sena u għadha ma ġietx ivvalidata mill-uffiċjal tal-kontijiet.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

([1]) ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fis-17 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2008.
([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).
([5]) It-Titolu I, 67 000 euro u t-Titolu III, 58 000 euro.

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (Brussell)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 | Attivitajiet u servizzi provduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea.<br><br>L-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd, teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw kontroll, spezzjoni u infurzar effettiv tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u li jikkoperaw bejniethom u ma pajjiżi terzi għal fini ta' dan l-għan.<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 li jistabbilixxi l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd. | **Oġġettivi**<br><br>Ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, li l-għan tagħha huwa li torganizza koordinazzjoni operattiva tal-kontroll u l-ispezzjoni ta' l-attivitajiet tas-sajd mill-Istati Membri u li tkun ta' assistenza lilhom sabiex jikkooperaw lejn il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd sabiex tiżgura l-applikazzjoni effettiva u uniformi tagħha. | **Missjoni u Kompiti**<br><br>*Missjoni*<br><br>(i) tikkoordina l-obbligi ta' kontroll u spezzjoni tal-Komunità;<br><br>(ii) tikkoordina l-użu tal-mezzi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni miġbura mill-Istati Membri kkonċernati;<br><br>(iii) tkun ta' assistenza għall-Istati Membri fl-għoti ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' sajd u attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni;<br><br>(iv) tkun ta' assistenza għall-Istati Membri biex iwettqu l-kompiti u l-obbligi tagħhom skond ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;<br><br>(v) tkun ta' assistenza għall-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-armonizzazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd;<br><br>(vi) tagħti kontribut fix-xogħol ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qasam ta' riċerka u żvilupp ta' tekniki ta' kontroll u spezzjoni;<br><br>(vii) tagħti kontribut għall-koordinazzjoni ta' taħriġ għal spetturi u l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri;<br><br>(viii) tikkoordina l-operazzjonijiet biex jiġi miġġieled sajd Illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat skond ir-regoli tal-Komunità. | 1. **Bord Amministrattiv**<br><br>Jikkonsisti f'rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u sitt rappreżentanti tal-Kummissjoni.<br><br>2. **Direttur Eżekuttiv**<br><br>Maħtur mill-Bord Amministrattiv minn lista ta' mill-anqas żewġ kandidati proposti mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Verifika Esterna**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>4. **Awtorità tal-Kwittanza**<br><br>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br><br>5 miljun euro<br><br>Disponibbli lis-CFCA fiż-żmien ta' l-indipendenza finanzjarja: 2,2 miljun euro<br><br>**Pjan ta' stabbiliment fl-2007:**<br><br>38 membru tal-persunal<br><br>**Total tal-persunal fil-31.12.2007:**<br><br>17-il membru tal-persunal temporanju (Ir-reklutaġġ batta b'antiċipazzjoni għar-rilokazzjoni lejn Vigo fil-bidu ta' l-2008)<br><br>**Karigi oħra:**<br><br>8 Persunal b'kuntratt | Matul l-2007 is-CFCA nediet l-ewwel attivitajiet operazzjonali fi tliet oqsma skond il-Programm ta' Ħidma ta' l-2007 u ppreparat għal żewġ attivitajiet operazzjonali f'żewġ oqsma oħra.<br><br>1. **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-ibħra li jmissu miegħu**<br><br>Fuq il-bażi tal-koperazzjoni eżistenti bejn xi Stati Membri (l-operazzjonijiet hekk imsemmija "SHARK" u "SAINT PIERRE"), fl-2007, is-CFCA elaborat Pjan ta' Eżerċizzju Konġunt (JDP) flimkien ma l-Istati Membri ta' madwar il-Baħar tat-Tramuntana.<br><br>2. **Żona Regolatorja tan-NAFO ("R.A.")**<br><br>Is-CFCA matul l-2007 żgurat il-koordinazzjoni ta' spezzjoni u sorveljanza fin-NAFO R.A. skond il-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tan-NAFO ("CEM") mill-Ispetturi tal-Komunità (NAFO), bil-preżenza ta' Koordinatur tas-CFCA abbord il-bastiment ta' spezzjoni ta' l-UE "Jean Charcot" f'NAFO R.A. mikri mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Il-Baħar Baltiku**<br><br>Bejn Mejju u Diċembru ta' l-2007 saru sitt kampanji ta' spezzjoni u sorveljanza konġunti, ikkoordinati mis-CFCA. Il-kampanji JISS ġew imwaqqfa bl-istess mod bħal dawk fil-Baħar tat-Tramuntana u kull kampanja kienet ikkoordinata minn wieħed miċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-MS ikkonċernat, b'koordinatur tas-CFCA preżenti f' dan iċ-ċentru.<br><br>4. **Tonn tal-pinna kaħlanija**<br><br>Fl-2007 is-CFCA bdiet xogħol preparatorju għal-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll, spezzjoni u sorveljanza mill-Istati Membri.<br><br>5. **IUU**<br><br>Fl-istennija ta' adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida f'dan il-qasam, inbeda xi xogħol preparatorju. |

*Sors:* Informazzjoni ppreżentata mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (Brussell) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Allokazzjoni tan-nefqa | Dħul miġbur | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | Approprijazzjonijiet amministrati mill-Aġenzija | | | | |
| | | | | mdaħħla | disponibbli | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 5 000 | 2 292 | Titolu I Persunal | 2 650 | 923 | 391 | 223 | 168 | 532 |
| | | | Titolu II Amministrazzjoni | 1 250 | 963 | 804 | 55 | 750 | 159 |
| | | | Titolu III Attivitajiet operattivi | | | | | | |
| | | | — CA | 1 100 | 407 | 192 | — | — | 215 |
| | | | — PA | 1 100 | 407 | — | 19 | — | 388 |
| **Total** | **5 000** | **2 292** | **Total — CA** | **5 000** | **2 293** | **1 387** | **278** | **918** | **906** |
| | | | **Total — PA** | **5 000** | **2 293** | **—** | **297** | **918** | **1 079** |

CA: approprijazzjonijiet ta' impenn f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati
PA: approprijazzjonijiet ta' pagament f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati
*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (Brussell) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| | 2007 |
|---|---|
| **Dħul operattiv** | |
| Sussidji Komunitarji | 1 148 |
| Dħul ieħor | 39 |
| **Total (a)** | **1 187** |
| **Nefqa operattiva** | |
| Nefqa fuq il-persunal | 306 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 2 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 563 |
| Nefqa operattiva | 34 |
| **Total (b)** | **905** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (c = a – b)** | **282** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (Brussell) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007**

*(1 000 euro)*

| | 2007 |
|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 0 |
| Attiv fiss tanġibbli | 37 |
| **Attiv kurrenti** | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 4 |
| Likwidità u likwidi ekwivalenti | 2 002 |
| **Total ta' l-attiv** | **2 043** |
| **Passiv kurrenti** | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 79 |
| Kontijiet pagabbli | 1 682 |
| **Total tal-passiv** | **1 761** |
| **Attiv nett** | **282** |
| **Riżerva** | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 0 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 282 |
| **Kapital nett** | **282** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

8. Bil-għan li jissaħħu l-proċeduri għal għeluq is-sena u jiġu evitati ċirkostanzi simili, minn Jannar 2008, l-Aġenzija stabbiliet strumenti ta' segwitu addizzjonali.

9. F'Marzu 2008, il-Bord tat-Tmexxija tas-CFCA adotta l-Istandards ta' Kontrolli Interni (16). L-istruttura organizzattiva u s-sistemi ta' kontroll intern meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontrolli Interni se jitwaqqfu fl-2008.

10. Il-proċeduri finanzjarji stabbiliti mill-uffiċjal responsabbli għad iridu jiġu vvalidati mill-uffiċjal tal-kontijiet minħabba t-terminu ta' żmien qasir ħafna bejn l-indipendenza finanzjarja tal-Aġenzija u għeluq is-sena. Attwalment, l-Aġenzija qiegħda tiddefinixxi pjan għal din il-validazzjoni, bil-ħsieb li jitwettaq fl-2008.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/02)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 8 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 8 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-9 | 8 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 9 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 12 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"), li qabel kienet iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u estendiet il-kompetenzi tagħha, ġiet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 ([1]). L-objettiv ta' l-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet rilevanti u lill-awtoritajiet tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha, fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja, b'assistenza u b'kompetenza relatati mad-drittijiet fundamentali biex tagħtihom appoġġ meta jieħdu miżuri jew jifformulaw pjanijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom biex id-drittijiet fundamentali jkunu rrispettati bis-sħiħ.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

## DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit finali ta' l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 14,2 miljun euro meta mqabbel mad-9,3 miljun euro allokati lill-EUMC is-sena ta' qabel. Kważi l-baġit kollu kien impenjat (13,9 miljun euro) imma 7,5 miljun euro ġew miġjuba 'l quddiem. Il-livell għoli ta' trasferimenti kien minħabba fl-estensjoni tal-mandat ta' l-Aġenzija f'Marzu ta' l-2007. Din l-estensjoni ttardjat l-adozzjoni tal-programm tax-xogħol il-ġdid ta' l-Aġenzija u n-nomina ta' direttur ġdid u konsegwentement l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet ippjanati għall-2007.

8. Minħabba fl-estensjoni tal-mandat tagħha, l-Aġenzija permezz ta' emendi fil-baġit tagħha u diversi trasferimenti, naqqset il-linji tal-baġit tan-nefqa tal-persunal tagħha b' 798 000 euro, b'hekk ġew evitati annullamenti ta' approprijazzjonijiet għan-nefqa tal-persunal fi tmiem is-sena.

9. Fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist, f'każ minnhom, il-metodu ta' evalwazzjoni finanzjarja ppubblikata, indirettament naqqas l-importanza relattiva tal-kriterju tal-prezz. Dan seta' ostakola xi wħud mill-offerenti potenzjali u ma kkonformax mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

([1]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fl-4 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fil-11 ta' Ġunju 2008.
([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

*Tabella 1*

**L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna)**

| Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2007<br>*(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi fornuti matul is-sena finanzjarja 2007<br>*(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ġbir ta' l-informazzjoni**<br><br>Il-Kummissjoni tista', fil-limiti u skond il-kundizzjonijiet imniżżla f'dan it-Trattat, tiġbor kwalunkwe informazzjoni u tagħmel kwalunkwe kontrolli meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kompiti li ġew fdati lilha.<br><br>*(l-Artikolu 284 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>Li tipprovdi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja b'assistenza u b'kompetenza relatati mad-drittijiet fundamentali biex tagħtihom appoġġ meta jieħdu miżuri jew jif-formulaw pjanijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom biex id-drittijiet fundamentali jkunu rris-pettati bis-sħiħ. | **Kompiti**<br><br>— Tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni u *data* oġġettivi, affidabbli u komparabbli rilevanti, inkluż ir-riżultati minn riċerka u monitoraġġ ikkomunikati lilha minn Stati Membri, istituzzjonijiet ta' l-Unjoni kif ukoll korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Komunità u ta' l-Unjoni, ċentri tar-riċerka, korpi nazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u b'mod partikolari mill-korpi kompetenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa.<br><br>— Tiżviluppa metodi u standards għat-titjib tal-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-*data* fuq livell Ewropew.<br><br>— Twettaq, tikkoopera ma' jew tinkoraġġixxi riċerka xjentifika u stħarriġ, studji preparatorji u studji ta' fattibbiltà, inkluż, fejn hu xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tagħha u mal-programm ta' ħidma annwali tagħha, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.<br><br>— Tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi, għall-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt Komunitarju, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni.<br><br>— Tippubblika rapport annwali dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali koperti mill-oqsma ta' l-attività ta' l-Aġenzija, u rapport tematiċi, kif ukoll rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhha.<br><br>— Tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u tippromwovi djalogu mas-soċjetà ċivili, sabiex tqajjem għarfien pubbliku dwar drittijiet fundamentali. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>Persuna waħda indipendenti maħtura minn kull Stat Membru, persuna waħda indipendenti maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni.<br><br>*Dmirijiet*<br><br>— Jadotta l-programm tax-xogħol u r-rapport annwali ġenerali.<br><br>— Jadotta l-baġit finali u l-pjan ta' twaqqif.<br><br>— Jagħti opinjoni fuq il-kontijiet finali.<br><br>2. **Bord Eżekuttiv**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>— President u Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija;<br><br>— il-persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa fil-Bord tat-Tmexxija tista' tipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv;<br><br>— rappreżentant tal-Kummissjoni;<br><br>— żewġ membri oħra mill-Bord tat-Tmexxija.<br><br>3. **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni u wara l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<br><br>4. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>5. **Verifika interna**<br><br>Is-servizz ta' verifika interna tal-Kummissjoni.<br><br>6. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br><br>14,2 miljun euro<br><br>*(9,3 miljun euro)*<br><br>li minnhom is-sussidju tal-Komunità huwa 98 % (*100%*)<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>46 (*37*) kariga fil-pjan ta' twaqqif,<br><br>li minnhom okkupati: 34 (*35*)<br><br>+ 11 (*10*) persunal ieħor (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati, persunal mill-aġenziji ta' l-impjieg)<br><br>*Total tal-persunal*: 57 (*47*)<br><br>li qed iwettqu l-kompiti li ġejjin<br><br>operattivi 31 (*28*)<br><br>amministrattivi: 21 (*15*)<br><br>mħallta: 5 (*4*) | **In-netwerk RAXEN:**<br><br>Numru ta' kontribuzzjonijiet fil-25 punt fokali nazzjonali: 245 (*375*)<br><br>Numru ta' kontribuzzjonijiet fil-kuntest tal-proġett PHARE tal-Kroazja/Turkija: 6<br><br>Numru ta' laqgħat: 1 (*2*)<br><br>**Rapporti ta' Riċerka:**<br><br>Numru ta' rapporti: 4 (*9*)<br><br>Numru ta' laqgħat: 6 (*5*)<br><br>Rapporti annwali: 2 (*2*)<br><br>**Materjali li mhumiex riċerka**<br><br>Pubblikazzjonijiet varji FRA: 15 (*9*)<br><br>**Koperazzjonima' Stati Membri u Istituzzjonijiet oħrajn:**<br><br>Stati Membri: 7 (*15*)<br><br>Il-Kummissjoni Ewropea: 8 (*29*)<br><br>Il-Parlament Ewropew: 6 (*7*)<br><br>Il-Kumitat tar-Reġjuni 1 (*2*)<br><br>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew 3 (*1*)<br><br>Il-Kunsill ta' l-Ewropa: 4 (*10*)<br><br>OSCE: 5 (*4*)<br><br>Bejn l-Aġenziji: 2 (*4*)<br><br>Nazzjonijiet Uniti 2 (*1*)<br><br>Laqgħat oħra u Round Tables: 23 (*5*) |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul irċevut | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena(snin) finanzjarji preċedenti | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | imħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | imħallsa | annullati |
| Sussidji komunitarji | 14 000 | 14 000 | Titolu I<br>Persunal | 4 085 | 4 012 | 3 903 | 109 | 73 | 50 | 37 | 13 |
| Dħul assenjat ieħor | 0 | 240 | Titolu II<br>Amministrazzjoni | 2 375 | 2 337 | 750 | 1 587 | 38 | 283 | 273 | 10 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 7 540 | 7 430 | 1 810 | 5 620 | 110 | 942 | 881 | 61 |
| Phare 2005 ([1]) | 0 | 90 | Phare 2005 ([1]) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 90 | 90 | 0 |
| Phare 2006 ([1]) | 191 | 191 | Phare 2006 ([1]) | 191 | 168 | 53 | 138 | 0 | 245 | 245 | 0 |
| **Total** | **14 191** | **14 521** | **Total** | **14 191** | **13 947** | **6 516** | **7 454** | **221** | **1 610** | **1 526** | **84** |

([1]) Dħul assenjat

*Sors:* Data mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 14 074 | 8 609 |
| Dħul ieħor | 207 | 8 |
| **Total (a)** | **14 281** | **8 617** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Spejjeż tal-persunal | 3 532 | 3 051 |
| Spejjeż relatati ma' attiv fiss | 168 | 52 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 1 538 | 1 403 |
| Spejjeż relatati ma' operazzjonijiet | 3 450 | 3 556 |
| **Total (b)** | **8 688** | **8 061** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (c = a – b)** | **5 593** | **556** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* pprovduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 109 | 84 |
| Attiv fiss tanġibbli | 333 | 388 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 0 | 70 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 291 | 453 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 8 196 | 2 288 |
| **Total ta' l-attiv** | **8 929** | **3 282** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u ħlasijiet | 48 | 48 |
| Kontijiet pagabbbli | 1 588 | 1 535 |
| **Total tal-passiv** | **1 636** | **1 582** |
| **Attiv nett** | **7 293** | **1 700** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 1 700 | 1 143 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 5 593 | 556 |
| **Kapital Nett** | **7 293** | **1 700** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* pprovduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

**L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIRRISPONDI**

7. l-Aġenzija ħadet il-miżuri neċessarji kollha sabiex tilħaq dawn il-każi ta’ dewmien sabiex jiġu minimizzati l-kanċellazzjonijiet ta’ approprijazzjonijiet miġjuba ‘l quddiem. L-għan li jiġu kanċellati anqas minn 10 % ta’ l-ammonti miġjuba ‘l quddiem għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib matul l-2008.

8. It-trasferimenti u l-baġits ta’ emenda kienu neċessarji minħabba d-diffikultajiet marbuta ma’ l-estensjoni tal-mandat ta’ l-Aġenzija li inibixxa l-implimentazzjoni ta’ attivitajiet li kienu previsti minn qabel. Fil-futur l-Aġenzija ser tkompli ttejjeb l-ipprogrammar ta’ l-attivitajiet tagħha.

9. Il-metodu wżat kien konformi b’mod sħiħ mar-regolament finanzjarju. Minkejja dan, sabiex ikun assigurat l-akbar valur għal flus, l-Aġenzija ser tintroduċi l-metodu ta’ evalwazzjoni li ġie propost issa mis-servizzi tal-Kummissjoni.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/03)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 14 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 14 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-11 | 14 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 16 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 19 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejha "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 ([1]). Il-kompitu prinċipali ta' l-Aġenzija huwa li ssaħħaħ il-kapaċità tal-Komunità li tipprevjeni u tirrispondi għall-problemi ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni billi tibni fuq l-isforzi nazzjonali u tal-Komunità.

2. It-*Tabella 1* tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 460/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 8,3 miljun euro meta mqabbel mas-7,0 miljun euro tas-sena ta' qabel. L-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet operattivi (it-Titolu lll) kienet ikkonċentrata fl-aħħar tliet xhur tas-sena 2007. Madwar 40 % ta' l-impenji u aktar minn 50 % tal-pagamenti tat-Titolu lll ġew eżegwiti f'Novembru u f'Diċembru ta' l-2007 minħabba r-rilaxx ittardjat tal-fondi. Għal Aġenziji żgħar b'riżorsi limitati, ir-rilaxx tal-fondi fl-aħħar tas-sena jipperikola l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet operattivi.

8. L-approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mhux dejjem ikkorrispondew ma' l-impenji legali f'erba' każijiet ([5]). Barra minn hekk, trid tiġi ppreparata informazzjoni finanzjarja aktar preċiża, mid-dipartimenti operattivi ([6]) biex ir-riskju ta' żbalji fil-kontijiet jiġi minimizzat.

9. L-inventarju ta' l-attiv fiss ġie ġestit permezz ta' spreadsheet, li ma ggarantietx l-integrità tad-*data* u ma sar l-ebda inventarju fiżiku eżawrjenti.

10. Ġew innutati nuqqasijiet rikorrenti fil-proċeduri ta' l-akkwist: it-talbiet ta' selezzjoni minn qabel ma kinux iġġustifikati, id-dokumenti ta' evalwazzjoni ma ġewx iffirmati mill-kumitati ta' evalwazzjoni, u l-fajls ma kinux strutturati u lanqas kompluti. F'wieħed mill-każi, informazzjoni relevanti ma setgħetx tinstab. Din is-sitwazzjoni ma kkonformatx mal-prinċipju tat-trasparenza.

([1]) ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-25 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2008.

([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([5]) Valur totali ta' 121 500 euro.

([6]) Waqt il-verifika gew identifikati u kkoreġuti żbalji ta' madwar 105 000 euro ta' dovuti.

11. Skond l-Artikolu 27 tar-regolament fondatur, il-mandat ta’ l-Aġenzija jiskadi fit-13 ta’ Marzu 2009. Minħabba fl-impatt finanzjarju u organizzattiv ta’ l-attivitajiet ta’ l-Aġenzija, għandha tittieħed deċiżjoni.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta’ l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta’ Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta’ l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (Heraklion)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja | Kompetenzi ta' l-Aġenzija<br>Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 460/2004 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija<br>*(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi provduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, bi ftehim komuni, adottaw dikjarazzjoni dwar it-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni. L-Aġenzija għandha topera bħala punt ta' referenza u toħloq kunfidenza permezz ta' l-indipendenza, il-kwalità tal-parir li hija tagħti u l-informazzjoni li tqassam, it-trasparenza tal-proċeduri tagħha u tal-metodi li biħom topera, u d-diliġenza tagħha fit-twettiq tal-kompiti assenjati lilha.<br><br>*(Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2004 meħuda fuq bażi ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br>— L-Aġenzija ssaħħaħ il-kapaċità tal-Komunità, ta' l-Istati Membri u tan-negozji tal-Komunità sabiex jipprevjenu, jindirizzaw u jirrispondu għall-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.<br>— L-Aġenzija tipprovdi assistenza u pariri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħhom.<br>— L-Aġenzija tiżviluppa livell għoli ta' kompetenza u tuża din il-kompetenza biex tistimula koperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-setturi pubbliċi u privati.<br>— L-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni meta mitluba, fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u ta' l-informazzjoni. | **Kompiti**<br>L-Aġenzija:<br>(a) tiġbor l-informazzjoni fuq riskji kurrenti u emerġenti li jistgħu jipproduċu impatt fuq in-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;<br>(b) tipprovdi lil-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lil-korpi Ewropej jew korpi nazzjonali kompetenti b'pariri u assistenza.<br>(c) issaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-atturi f'dan il-qasam;<br>(d) tiffaċilita l-koperazzjoni fuq metodoloġiji komuni sabiex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.<br>(e) tikkontribwixxi sabiex tqajjem kuxjenza fuq kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;<br>(f) tassisti l-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-relazzjonijiet ma' l-industrija;<br>(g) timmonitorja l-istandards;<br>(h) tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar ir-riċerka fil-qasam tan-netwerk u l-informazzjoni;<br>(i) tippromwovi l-attivitajiet fuq l-istima tar-riskju, dwar soluzzjonijiet ta' prevenzjoni;<br>(j) tikkontribwixxi għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br>1. Huwa kompost minn rappreżentant minn kull Stat Membru, tliet rappreżentanti maħturin mill-Kummissjoni u tlett rappreżentanti, mingħajr id-dritt tal-vot, kull wieħed minnhom jirrappreżenta l-gruppi li ġejjin:<br>(a) l-industrija tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;<br>(b) gruppi tal-konsumaturi;<br>(c) esperti akkademiċi.<br>2. Il-membri tal-Bord jistgħu jkunu sostitwiti b'alterni.<br><br>2. **Direttur Eżekuttiv**<br>1. L-Aġenzija hija mmexxija mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li huwa indipendenti fit-twettiq taddmirijiet tiegħu.<br>2. Id-Direttur Eżekuttiv huma maħtur għal kariga ta' ħames snin.<br><br>3. **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>4. **Verifika interna**<br>L-awditur intern tal-Kummissjoni<br><br>5. **Awtorità ta' kwittanza**<br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Il-baġit finali**<br>8,3 miljun euro (*100 % Sussidju tal-Komunità*)<br>**Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br>— 44 kariga skond il-pjan ta' twaqqif. Karigi okkupati 42;<br>— Karigi oħra: 11-il Aġent Kuntrattwali, 2 Esperti Nazzjonali Sekondati, 2 Apprentisti.<br>*Total tal-persunal:* 56<br>operattivi: 31 (35)<br>amministrattivi u politika: 25 (*26*) | L-Aġenzija pproduċiet 22 rapport dwar id-diversi suġġetti ta' l-NIS inkluż:<br>— Inizjattivi dwar l-għarfien tas-Sigurtà u l-kejl tal-politiki dwar l-effettività tas-Sigurtà;<br>— Skemi ta' ċertifikazzjoni u akkreditazzjoni;<br>— Miżuri tas-sigurtà implimentati mill-forncituri tas-servizzi;<br>— Is-suq intern ta' l-e-kommunikazzjonijiet;<br>— Inventarju tal-ġestjoni tar-riskju;<br>— Metodi ta' kontinwazzjoni tan-negozju;<br>— Tmexxija;<br>— Riskji emerġenti;<br>— Żviluppi teknoloġiċi;<br>— Applikazzjonijiet u teknoloġiji;<br>— Prattika tajba;<br>— Direttorju tal-kuntatt;<br>— Livelli ta' awtentikazzjoni;<br>— Koperazzjoni CSIRT.<br>L-Aġenzija organizzat 8 Workshops dwar diversi suġġetti ta' l-NIS inkluż it-tqajjim tal-kuxjenza, żviluppi teknoloġiċi, awtentikazzjoni, CSIRT.<br>L-Aġenzija aġġornat il-websajt tagħha.<br>L-Aġenzija ħarġet newsletter kull tliet xhur.<br>L-Aġenzija tat 'il fuq minn 40 preżentazzjoni f'diversi avvenimenti u konferenzi ta' l-NIS.<br>L-Aġenzija ħadet ħsieb seba' rikjesti għal parir u assistenza; ħamsa mill-Istati Membri (tnejn mill-Awstrija, tnejn mill-Greċja u waħda mill-Bulgarija) u żewġ rikjesti mill-Kummissjoni.<br>L-Aġenzija żviluppat kuntatti ma' organi speċjalizzati ta' l-OECD u ta' l-Unjoni tat-Telekomunikazzjoni Internazzjonali sabiex tidentifika sinerġiji possibli u tirrapporta dwar l-attivitajiet tagħhom lill-partijiet interessati ta' l-Aġenzija. |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (Heraklion) — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena(snin) finanzjarja/i preċedenti | | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | mdaħħla | impenjati | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 8 000 | 7 900 | Titolu I<br>Persunal | 4 190 | 4 082 | 3 953 | 129 | 108 | 253 | 253 | 243 | 11 |
| Dħul ieħor | 417 | 417 (1) | Titolu II<br>Amministrazzjoni | 1 135 | 1 103 | 883 | 220 | 32 | 126 | 126 | 121 | 5 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 3 092 | 3 043 | 1 351 | 1 692 | 49 | 538 | 538 | 496 | 42 |
| **Total** | **8 417** | **8 317** | **Total** | **8 417** | **8 228** | **6 187** | **2 041** | **189** | **917** | **917** | **860** | **58** |

(1) L-ammont jinkludi l-użu mill-ġdid ta' 234 528 euro.

*Sors:* Id-*data* ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati abbażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (Heraklion) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 7 988 | 5 476 |
| Dħul ieħor | 203 | 12 |
| **Total (a)** | **8 191** | **5 488** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 3 573 | 3 100 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 126 | 103 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1 477 | 1 515 |
| Nefqa operattiva | 2 199 | 1 236 |
| **Total (b)** | **7 375** | **5 954** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **816** | **– 466** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | — | — |
| Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (f) | 3 | 2 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **– 3** | **– 2** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **813** | **– 468** |

*Sors:* Id-*data*mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (Heraklion) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tangibbli | 36 | 33 |
| Attiv fiss tangibbli | 337 | 312 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 101 | 56 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 2 379 | 2 519 |
| **Total ta' l-attiv** | **2 853** | **2 920** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u spejjez | 155 | 66 |
| Kontijiet pagabbli | 1 255 | 2 224 |
| **Total tal-passiv** | **1 410** | **2 290** |
| **Attiv nett** | **1 443** | **630** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 630 | 1 098 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 813 | – 468 |
| **Kapital nett** | **1 443** | **630** |

*Sors:* Id-*data*mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## RISPOSTI TAL-AĠENZIJA

7. Fil-fatt, fatturi esterni bħall-għoti tard ta' fondi kkondizzjonaw parzjalment l-implimentazzjoni ta' attivitajiet operattivi. Sadanittant, l-Aġenzija ppjanat b'mod preċiż li tosserva l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2008.

8. F'ċerti każijiet li jkollhom għadd sinifikanti ta' varjabbli, l-approprjazzjonijiet imtella' kienu kkalkulati b'ċerta approssimazzjoni. L-Aġenzija hija konxja dwar dan ir-riskju u dejjem tipprova tiżgura sal-iktar punt possibbli li l-approprjazzjonijiet imtella' jkunu preċiżi.

9. L-attiv fiss huwa mmexxi fis-softwer tal-kontabbiltà tal-Aġenzija. L-inventarju amministrattiv huwa mmexxi f'folji tal-kalkolu (*spreadsheets*) minħabba n-numru limitat ta' partiti. Fl-2009, l-Aġenzija biħsiebha tuża s-sistema ta' ġestjoni tal-attiv ABAC.

10. L-Aġenzija hija konxja mill-eżistenza ta' xi nuqqasijiet fit-tliet fajls tal-akkwist u qiegħda tieħu miżuri sabiex telimina dawn il-lakuni amministrattivi inkluż ir-reklutaġġ ta' Uffiċjal tal-Akkwist bl-esperjenza.

11. Il-Kummisjoni Ewropea pproponiet estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija u l-leġiżlaturi qablu li l-estensjoni tkun ta' tliet snin.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/04)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 21 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 21 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 21 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 23 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 26 |

**INTRODUZZJONI**

1. L- Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Aġenzija”) kienet imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2002 (1). Il-kompiti ta’ l-Aġenzija huma li żżomm livell għoli ta’ sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, li tassigura l-iżvilupp xieraq ta’ sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, li tistabilixxi speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u li tipprovdi ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti aeronawtiċi.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta’ l-attivitajiet ta’ l-Aġenzija. Sommarju tad-*data* prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta’ informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta’ l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta’ l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2007 (3) ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta’ l-Etika ta’ l-IFAC u l-ISSAI (4), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta’ bażi huma legali u regolari.

(1) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1

(3) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-30 ta’ Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta’ Lulju 2008.

(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta’ l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta’ l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi***

It-tranżazzjonijiet ta’ bażi tal-kontijiet annwali ta’ l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f’diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta’ l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 72,0 miljun euro meta mqabbel mas-66,0 miljun euro tas-sena ta’ qabel. Il-baġit ta’ l-Aġenzija huwa ffinanzjat minn drittijiet u ħlasijiet imposti fuq ċertifikazzjonijiet u approvazzjonijiet maħruġa jew emendati mill-Aġenzija u minn kontribuzzjoni mill-Kummissjoni.

8. Il-pjan ta’ twaqqif ta’ l-2007 kien jikkonsisti f’467 kariga temporanja, żjieda ta’ 139 kariga meta mqabbel mal-pjan ta’ l-2006. Minħabba li l-approprijazzjonijiet tan-nefqa tal-persunal ma koprewx l-ispejjeż attwali tal-persunal, l-Aġenzija naqqset ir-reklutaġġi tagħha u ftehmet mal-Kummissjoni li tnaqqas in-numru ta’ karigi għal massimu ta’ 342, li minnhom 333 mtlew fi tmiem is-sena. Iżda, il-pjan ta’ twaqqif ma ġiex emendat kif xieraq. L-Aġenzija għandha tiċċekkja bir-reqqa l-konsistenza tal-previżjonijiet tan-nefqa li ser ikunu ppreżentati għal adozzjoni mill-awtorità tal-baġit.

9. Skond ir-regolament il-ġdid dwar drittijiet u ħlasijiet (5) applikabbli mill-1 ta’ Ġunju 2007, l-Aġenzija kkunsidrat 14,9 miljun euro bħala qligħ assenjat biex ikopri l-ispejjeż futuri taċ-ċertifikazzjoni. Madankollu, dan l-ammont, huwa stmat iktar mill-valur proprju minħabba li jinkludi wkoll drittijiet imposti taħt ir-regoli tar-regolament ta’ qabel.

(5) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta’ Mejju 2007, ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3.

10. Fi proċedura ta' akkwist pubbliku, in-nuqqas ta' informazzjoni ċara u kompleta dwar il-kriterji ta' l-assenjazzjoni u l-piż rispettiv tagħhom, fuq naħa waħda, u l-metodu ta' evalwazzjoni finanzjarja fuq in-naħa l-oħra, wasslu għal sitwazzjoni ta' nuqqas ta' trasparenza għall-offerenti. Fi tliet każijiet oħra [1] ġiet applikata l-proċedura ristretta wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess għalkemm il-valur totali tas-servizzi li riedu jingħataw eċċeda l-limitu li jeħtieġ proċedura miftuħa.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

[1] Valur totali approssimattiv: 2,5 miljun euro fuq firxa ta' erba' snin.

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (Cologne)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament u tal-Kunsill | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 (*Data għal 2006*) | Prodotti u servizzi |
|---|---|---|---|---|---|
| **Politika komuni tat-trasport:**<br>"Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura, dispożizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu adottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru."<br>*(Artikolu 80 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br>- Sabiex iżżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u sabiex tassigura l-funzjoni u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili. | **Miżuri li jridu jiġu adottati mill-Aġenzija:**<br>— Sabiex toħroġ opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni;<br>— Sabiex toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inkluzi kodiċi ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u mezzi aċċettabli ta' konformità, u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tal-politika Komunitarja;<br>— Sabiex tieħu deċiżjonijiet rigward ċertifikazzjoni ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u ambjentali;<br>— Sabiex twettaq spezzjonijiet standardizzati fl-awtoritajiet kompetenti tal-Pajjiżi Membri;<br>— Sabiex twettaq l-invetigazzjonijiet neċessarji f'intrapriżi. | 1. **Il-Bord ta' Tmexxija** jikkonsisti f'rappreżentant ta' kull Stat membru u rappreżentant tal-Kummissjoni, iwaqqaf korp ta' konsulenza ta' partijiet interessati.<br>2. **Id-Direttur Eżekuttiv** imexxi l-Aġenzija u huwa maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br>3. **Il-Bord ta' Appell** jirregola fuq id-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija dwar ċertifikazzjoni, drittijiet, ħlasijiet u kontrolli mwettqa fuq impriżi.<br>4. **Kontroll Estern**<br>il-Qorti ta' l-Awdituri.<br>5. **Awtorità ta' Kwittanza**<br>il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br>Baġit totali: 72,0 (*66,8*) miljun euro, inklużi:<br>Dħul minn drittijiet u ħlasijiet:<br>55,8 (*33,2*) miljun euro (*65%*)<br>Sussidju tal-Komunità: 26,5 (*31,4*) mijun euro (*31%*)<br>Kontribuzzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Ministeru tat-Trasport) u mill-Belt ta' Cologne: 0,3 (1,2) miljun euro.<br>**Persunal fil-31.12.2007:**<br>467 (*328*) persunal temporanju fil-pjan ta' twaqqif<br>karigi okkupati: 333 (*276*)<br>persunal ieħor: 29 (33) espert nazzjonali sekondat, persunal bil-kuntratt u awżiljarju<br>*Total tal-persunal:*<br>362 (*309*) assenjati għall-kompiti li ġejjin:<br>— operattivi: 277 (*227*)<br>— amministrattivi: 57 (*57*)<br>— imħallta: 28 (*25*) | **Opinjonijiet:**<br>5 opinjonijiet rigward l-emendi għar-Regolamenti (KE) Nri F1592/2002, 1702/2003 and 2042/2003.<br>**Deċiżjonijiet ta' regolamentazzjoni:**<br>17-il emenda ta' l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni;<br>Speċifikazzjonijiet, (15) u tal-Mezzi Aċċettabbli ta' Materjal għall-Konformità u l-Gwida (2).<br>**Koperazzjoni Internazzjonali:**<br>— 7 Arranġamenti ta' Xogħol maċ-Ċina (5), New Zealand (1) u l- Albanija (1);<br>— Emendi għal Arranġamenti ta' Xogħol mal-Amendments to Working Arrangements mal-Kumitat Interstatali ta' l-Avjazzjoni (USA) u JCAB (Ġapan);<br>— Memorandum ta' Ftehim ma' COCESNA/ACSA.<br>**Deċiżjonijiet ta' Ċertifikazzjoni fil-31.12.2007:**<br>Ċertifikati ta' tip: 29<br>Ċertifikati ta' tip supplimentari: 879<br>Direttivi dwar dak li hu tajjeb għat-titjir: 380<br>Speċifikazzjonijiet Tekniċi Ewropej: 198<br>Mezzi aċċettabbli għall-konformità: 87<br>Modifikazzjonijiet maġġuri: 1 193<br>Modifikazzjonijiet minuri: 2 655<br>Tiswijiet maġġuri: 245<br>Tiswijiet minuri: 156<br>Il-Manwal tat-Titjir ta' l-Ajruplan (AFM): 430<br>Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir (PTF): 508<br>Approvazzjonil ta' organizzazzjonijiet ta' l-iddisinjar: 429<br>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (bilaterali): 1 380<br>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (barranin): 224<br>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar il-manutenzjoni: 24<br>Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' manifattura: 16<br>**Ispezzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni (numru ta' pajjiżi skond it-tip) fil-31.12.2007:**<br>Fil-qasam tal-manutenzjoni (MAST): 28<br>Fil-qasam tal-produzzjoni (POAST): 12 |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (Cologne) — implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dħul | Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet finali tal-baġit | | | | | Approprijazzjoni miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | imħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | imħallsa | annullati |
| Dħul proprju | 42 800 | 40 967 | Titolu I Persunal | 33 624 | 33 086 | 32 152 | 934 | 538 | 286 | 243 | 43 |
| Sussidju Komunitarju | 26 530 | 26 530 | | | | | | | | | |
| Sussidji u dħul oħra | 1 879 | 2 593 | Titolu II Amministrazzjoni | 9 819 | 9 564 | 7 968 | 1 596 | 255 | 2 585 | 2 504 | 81 |
| | | | Titolu III Attivitajiet Operattivi | 27 766 | 27 155 | 9 956 | 17 199 | 611 | 16 381 | 14 238 | 2 143 |
| Dħul assenjat minn drittijiet u ħlasijiet | p.m. | 14 865 | Dħul assenjat minn drittijiet u ħlasijiet | p.m. | 14 865 | 0 | 14 865 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dħul ieħor assenjat | 836 | 326 | Dħul ieħor assenjat | 836 | 326 | 326 | 500 | 10 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | **72 045** | **85 281** | **Total** | **72 045** | **84 996** | **50 402** | **35 094** | **1 414** | **19 252** | **16 985** | **2 267** |

*NB:* Kull diskrepanza fit-totali hija minħabba l-effetti ta' żjieda jew tnaqqis sa l-eqreb numru sħiħ.
*Sors:* informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija – dawn it-tabelli jqassru d-*data* pprovduta mill-Aġenzija fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (Cologne) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Drittijiet u ħlasijiet | 44 167 | 35 173 |
| Sussidji Komunitarji | 24 166 | 26 401 |
| Sussidji oħra | 1 608 | 2 021 |
| Dħul ieħor | 559 | 340 |
| **Total (a)** | **70 500** | **63 935** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa tal-persunal | 31 070 | 23 778 |
| Nefqa relatata ma' l-attiv fiss | 1 392 | 573 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 10 008 | 6 436 |
| Nefqa operattiva | 22 360 | 27 798 |
| **Total (b)** | **64 830** | **58 586** |
| **Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **5 670** | **5 349** |
| Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e) | 605 | 263 |
| Nefqa mill-operazzjonijiet finanzjarji (f) | 17 | 19 |
| **Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **588** | **244** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **6 258** | **5 593** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* pprovduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dawn il-kontijiet huma preparati fuq bażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (Cologne) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv mhux tanġibbli | 274 | 268 |
| Attiv fiss tanġibbli | 1 542 | 1 719 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Iffinanzjar bil-quddiem ta' skadenza qasira | 0 | 0 |
| Stokks | 0 | 0 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 21 820 | 13 881 |
| Likwidità u l-ekwivalenti likwidi | 36 659 | 24 056 |
| **Total ta' l-Attiv** | **60 295** | **39 924** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Diżposizzjonijiet għal riskji u imposti | 797 | 639 |
| Kontijiet pagabbli | 44 618 | 30 663 |
| **Total tal-Passiv** | **45 415** | **31 302** |
| **Attiv Nett** | **14 880** | **8 622** |
| **Riżervi** | | |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 8 622 | 3 029 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 6 258 | 5 593 |
| **Kapital Nett** | **14 880** | **8 622** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* pprovduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dawn il-kontijiet huma preparati fuq bażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAL-AĠENZIJA

8. Matul l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar Drittijiet u Ħlasijiet, id-dħul tal-Aġenzija rriżulta insuffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż kumplessivi previsti. Għal finijiet ta' prudenza, l-Aġenzija ddeċidiet li tbaxxi r-ritmu tar-reklutaġġ. Dan kien rifless fil-Pjan għall-Politika tal-Persunal 2008-2010 li ġie miftiehem mal-Kummissjoni.

9. Is-sena 2007 rrappreżentat fażi ta' tranżizzjoni li fiha ġew applikati kemm ir-Regolament dwar Drittijiet u Ħlasijiet il-qadim kif ukoll il-ġdid. Il-kalkolu tad-dħul assenjat mid-drittijiet u l-ħlasijiet jikkonforma mal-Artikolu 64(5) tar-Regolament Bażiku (216/2008) li jistipola li d-drittjiet [miżati] miġbura fl-2007 għandhom ikunu dħul assenjat. Ir-Regolament Bażiku ma jipprevedix li d-drittijiet miġbura fl-ambitu tar-Regolament preċedenti għandhom jiġu esklużi. Id-dettall tal-kalkoli ġie ppreżentat mill-Kumitat tal-Baġit tal-Bord ta' Tmexxija (28 ta' Mejju 2008).

10. L-Aġenzija hija totalment konxja mill-ħtieġa ta' konformità stretta mar-regoli ta' akkwist tal-Kummissjoni. Hija se tagħti attenzjoni partikolari biex tinforma biċ-ċar lill-offerenti potenzjali dwar il-kriterji tal-għoti u l-evalwazzjoni tagħhom.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/05)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 28 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 28 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-9 | 28 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 30 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 33 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, li ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 ([1]). L-Aġenzija topera permezz ta' netwerk u tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi magħmula disponibbli mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-evalwazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju.

2. It-*Tabella* 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

## DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit finali ta' l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 163,1 miljun euro meta mqabbel mal-138,7 miljun euro tas-sena ta' qabel. Mill-approprijazzjonijiet tal-baġit, 32 miljun euro ġew miġjuba 'l quddiem u 4 miljun euro ġew ikkanċellati. Bħal fl-2006, il-livell għoli tat-trasferimenti għan-nefqa amministrattiva, 18,9 miljun euro, kien prinċipalment minħabba l-programm Telematics għar-regolazzjoni ta' prodotti mediċinali. L-Aġenzija u l-partijiet l-oħra involuti f'dan il-programm iridu jiżguraw ippjanar u monitoraġġ aħjar ta' l-implimentazzjoni tal-programm. Din is-sitwazzjoni ma taqbilx mal-prinċipju ta' l-annwalità. L-Aġenzija għandha tikkunsidra l-użu tas-sistema ta' l-approprijazzjonijiet differenzjati għall-programm tat-Telematics, li hija iktar xierqa għat-tmexxija tal-baġit ta' programmi bħal dawn.

8. Il-verifika tal-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti wriet nuqqasijiet: ġustifikazzjoni insuffiċjenti tal-proċeduri magħżula ([5]) u metodi ta' evalwazzjoni inadegwati għall-kriterji tal-prezzijiet ([6]). Fil-każ ta' proċedura ta' akkwist pubbliku konġunta ma' ħames Aġenziji oħra, il-volum tas-servizzi li jridu jiġu akkwistati ma kienx identifikat b'mod adegwat. Dan irriżulta f'diffikultajiet fl-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-offerti kif ukoll fil-bżonn ta' reviżjoni tal-volumi u l-valuri tas-servizzi li jridu jiġu akkwistati. L-Aġenzija għandha timmira biex ittejjeb il-kwalità tal-proċeduri tagħha ta' akkwist pubbliku sabiex tindirizza l-kwistjonijiet imqajjma hawn fuq.

---

([1]) ĠU L 214, 24.8.1993, p. 18 u ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Skond ir-Regolament imsemmi l-aħħar l-isem oriġinali ta' l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali, ġie mibdul għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fil-15 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2008.

([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([5]) Żewġ każi.

([6]) Tliet każi.

9. Fir-rapport tagħha ta' l-2006 ([1]), il-Qorti osservat li l-Aġenzija ma kinitx wettqet analiżi komprensiva tan-nefqa li saret mir-rapporteurs. Il-Bord ta' l-Amministrazzjonistabbilixxa Costing Group li fit-tmiem l-2007 ipprepara rapport fuq metodi internazzjonali dwar l-infiq li huma ġeneralment aċċettati u proposta fuq għażla alternattiva ta' kif għandhom jitħallsu r-rapporteurs. Il-Qorti tilqa' l-passi li għamlet l-Aġenzija sabiex tindirizza l-kwistjoni ta' l-evalwazzjoni tan-nefqiet u tħeġġeġ aktar progress.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

([1]) ĠU C 309, 19.12.2007, p. 34.

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)**

| Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija *(Data għall-2006)* | Prodotti u Servizzi fl-2007 *(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| Livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Komunità.<br><br>L-azzjoni tal-Komunità, li ser tikkomplimenta l-politiki nazzjonali, għandha tkun immirata lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, tipprevjeni l-mard fuq il-bniedem u twarrab għejun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem (…)<br><br>*(Artikolu 152 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>— Tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi li l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jagħmlu disponibbli lill-Aġenzija għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju;<br><br>— Tipprovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea b'parir xejntifiku dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew l-użu veterinarju. | **Kompiti**<br><br>— Tikkoordina l-evalwazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali li huma soġġetti għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-"marketing" Komunitarju.<br><br>— Tikkoordina s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali li ġew awtorizzati gol-Komunità (farmakoviġilanza)<br><br>— Tagħti pariri dwar il-limiti massimi għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji li jistgħu jkunu aċċettati f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali<br><br>— Tikkoordina verifika ta' l-osservanza mal-prinċipji tajba ta' manifattura, prattika tal-laboratorju tajba u prattika tal-klinika tajba;<br><br>— Tirreġistra l-istat ta' awtorizzazzjonijiet għall-marketing mogħtija għall-prodotti mediċinali. | 1 **Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu tal-Bniedem**, magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq xi mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.<br><br>2 **Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju**, magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq domandi li għandhom x'jaqsmu ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu veterinarju.<br><br>3 **Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni**, huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali orfni.<br><br>4 **Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali li ġejjin mill-Ħxejjex**, huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali li ġejjin ħxejjex.<br><br>5 **Il-Kumitat Pedjatriku**, huwa magħmul minn ħames membri bl-alterni tagħhom tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu tal-Bniedem, membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, sitt membri u alterni li jirrappreżentaw professjonisti tal-kura tas-saħħa u assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, responsabbli mill-evalwazzjoni xjentifika u ftehim dwar pjanijiet ta' investigazzjoni pedjatrika u għas-sistema ta' eżenzjonijiet u posponimenti tagħha.<br><br>6 **Il-Bord ta' Tmexxija** huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti maħtura mill-Parlament Ewropew, żewġ rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-pazjenti, rappreżentant mill-organizzazzjonijiet tat-tobba u rappreżentant mill-organizzazzjonijiet tal-veterinarji. Il-Bord jadotta l-programm ta' xogħol u r-rapport annwali.<br><br>7 **Id-Direttur Eżekuttiv** huwa maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.<br><br>8 **Verifika Esterna:**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.<br><br>9 **Awtorità ta' Kwittanza:**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali għall-2007:**<br><br>163,1 miljun euro (*138,7 miljun euro*)<br><br>Kontribuzzjoni Komunitarja (bl-esklużjoni tas-sussidju mill-mediċini orfni): 24,3 % (*21,6 %*)<br><br>**Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>441 (*424*) kariga stabbilita fil-pjan ta' twaqqif<br><br>Karigi okkupati: 422 (395)<br><br>95 (*77*) persunal ieħor (persunal fuq kuntratti awżiljarji, persunal fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati, persunal ta' aġenzija li thaddem)<br><br>*Total tal-Persunal:*<br><br>518 (*472*)<br><br>Assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:<br><br>Operattivi: 444 (406)<br><br>Amministrazzjoni: 74 (66) | **Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem**<br><br>— Applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet għall-marketing: 91 (*79*);<br><br>— Opinjonijiet favorevoli: 58 (*51*);<br><br>— Żmien medju ta' evalwazzjoni: 171 ġurnata (*171 ġurnata*);<br><br>— Opinjonijiet wara l-awtorizzazzjoni: 1 899 (*1 380*);<br><br>— Farmakoviġilanza: 150 188 rapport (*94 081 rapport*);<br><br>— Rapporti perjodiċi b'aġġornamenti dwar is-sigurtà: 313 (*273*);<br><br>— Opinjonijiet xjentifiċi: 215 (*193*);<br><br>— Proċeduri għar-rikonoxximent reċiproku: 10 932 (*9 241*);<br><br>— Applikazzjonijiet għal pjanijiet ta' investigazzjonijiet pedjatriċi: 85 (*0*) li jirrelataw ma' 202 (*0*) indikazzjonijiet.<br><br>**Prodotti Mediċinali għall-użu Veterinarju**<br><br>— Applikazzjonijiet ġodda: 14 (*5*):<br><br>— Applikazzjonijiet f'dak li għanu x'jaqsam ma' varjanti: 100 (*56*):<br><br>— Spezzjonijiet: 185 (*128*).<br><br>**Prodotti Mediċinali Orfni**<br><br>— Applikazzjonijiet: 125 (*104*):<br><br>— Opinjonijiet favorevoli: 97 (*81*).<br><br>**SMEs**<br><br>— Rikjesti għall-status ta' SME 212 (*145*):<br><br>— Applikazzjonijiet għat-tnaqqis tal-miżata jew diferimenti 81. |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena/snin finanzjarja/i preċedenti | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | imħallsa | trasferiti | annullati | imdaħħla | imħallsa | annullati |
| Dħul proprju | 113 659 | 116 799 | Titolu I Persunal | 51 132 | 49 871 | 49 107 | 764 | 1 261 | 767 | 661 | 106 |
| Sussidji komunitarji | 40 548 | 40 548 | | | | | | | | | |
| Sussidji oħrajn | 6 706 | 5 475 | Titolu II Amministrazzjoni | 47 198 | 44 758 | 25 863 | 18 895 | 2 440 | 15 061 | 14 360 | 701 |
| Dħul ieħor | 2 200 | 2 467 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 64 783 | 64 497 | 52 118 | 12 379 | 286 | 13 585 | 13 257 | 328 |
| **Total** | **163 113** | **165 289** | **Total** | **163 113** | **159 126** | **127 088** | **32 038** | **3 987** | **29 413** | **28 278** | **1 135** |

*NB:* Varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)- Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Onorarji u dħul ieħor | 120 305 | 119 039 |
| Sussidji komunitarji | 41 144 | 31 503 |
| **Total (a)** | **161 449** | **150 542** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Spejjeż relatati mal-persunal | 50 165 | 45 150 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 33 513 | 26 607 |
| Spejjeż operattivi | 67 402 | 63 437 |
| **Total (b)** | **151 080** | **135 194** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **10 369** | **15 348** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | **– 1 188** | **1 433** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (f = e)** | **– 1 188** | **1 433** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (g = c + f)** | **9 181** | **16 781** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-data mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 17 973 | 14 889 |
| Attiv fiss tanġibbli | 12 673 | 6 695 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 32 036 | 26 045 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 34 318 | 37 508 |
| **Total ta' l-attiv** | **97 000** | **85 138** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 2 909 | 2 699 |
| Kontijiet pagabbli | 41 021 | 38 550 |
| **Total tal-passiv** | **43 930** | **41 249** |
| **Attiv nett** | **53 070** | **43 889** |
| **Riżervi** | | |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 43 889 | 27 109 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 9 181 | 16 781 |
| **Kapital Nett** | **53 070** | **43 889** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-data mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha

## IT-TWEĠIBIET TA' L-AĠENZIJA

7. L-Aġenzija tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti. Issir referenza għad-diffikultajiet partikolari tal-konformità sħiħa mal-prinċipju tal-annwalità f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni ta' programmi Telematiċi multiannwali u multinazzjonali, kif ukoll biex issir osservazzjoni stretta tar-rekwiżiti ta' tmexxija finanzjarja soda. L-Aġenzija timpenja ruħha biex tagħmel kull sforz biex tnaqqas il-livell ta' flus miġjuba 'l quddiem u biex tikkunsidra l-proposta ta' l-applikazzjoni ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

8. L-Aġenzija stabbiliet formula għall-valutazzjoni objettiva tal-prezz bħala kriterju tal-għoti, b'effett mis-17 ta' Marzu 2008.

Fil-każ tal-proċedura ta' akkwist pubbliku konġunta ma' ħames Aġenziji oħra, kellha ssir reviżjoni mill-ġdid tal-valur tal-istima oriġinali minħabba avvanzi fit-teknoloġija li seħħew bejn id-definizzjoni tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti u t-tnedija effettiva tal-proċedura ta' akkwist pubbliku. L-Aġenzija timpenja ruħha biex tagħmel kull sforz biex ittejjeb il-kwalità tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħha.

9. L-Aġenzija tieħu nota tal-fatt li l-Qorti laqgħet il-progress li sar fl-Aġenzija. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2008, il-Bord ta' Tmexxija approva l-proposta ta' l-implimentazzjoni ta' fażi pilota sabiex tiġi introdotta sistema ġdida ta' ħlas lil (ko)rapportaturi wara l-fażi pilota sa l-aħħar ta' l-2009.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/06)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 35 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 35 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-12 | 35 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 37 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 41 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") inħolqot mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 (1). Il-kompitu prinċipali ta' l-Aġenzija huwa li tikkoordina l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (sostenn għall-koperazzjoni operattiva, assistenza teknika u operattiva, analiżi tar-riskju).

2. It-*Tabella 1* tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (2); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 (3) ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI (4), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

Mingħajr ma tikkwalifika d-dikjarazzjonijiet t'hawn fuq il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni fil-paragrafu 8.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' Frontex's għall-2007 ammonta għal 42,1 miljun euro, meta mqabbel mad-19,2 miljun euro tas-sena ta' qabel. Din iż-żieda kbira kienet ir-riżultat ta' 19,9 miljun euro li ġew miżjuda mal-baġit inizjali ta' 22,2 miljun euro mill-awtoritajiet tal-baġit f'Awissu 2007. L-ispejjeż prinċipali għall-attivitajiet operazzjonali kienu jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti rigward il-fruntieri ta' l-art, tal-baħar u ta' l-ajru, stimi tar-riskju u taħriġ. Il-baġit ta' l-Aġenzija huwa prinċipalment iffinanzjat minn sussidji mill-Kummissjoni. Ġew ikkunsmati 38,4 miljun euro mill-approprijazzjonijiet ta' impenn ta' l-2007, inkluż 13,3 miljun euro li ġew imħallsa u 22,4 miljun euro li ġew miġjuba 'l quddiem. Trasferimenti mhux awtomatiċi ammontaw għal 0,3 miljun euro. Approprijazzjonijiet ta' 6,4 miljun euro mhux użati ġew annullati. L-approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena preċedenti ammontaw għal 11,8 miljun euro u 4,7 miljun euro minn dawn ġew annullati. B'mod ġenerali, kważi 70 % ta' l-approprijazzjonijiet disponibbli għall-2007 ma ntefqux. Dan il-livell għoli ta' trasferimenti u annulazzjonijiet jindika nuqqasijiet sinifikanti fl-ipprogrammar u l-monitoraġġ ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija.

8. Impenji miġjuba 'l quddiem għall-2008 li għandhom x'jaqsmu ma' ftehim ta' għotjiet konnessi ma' attivitajiet operazzjonali (it-Titolu III) ammontaw għal 18,4 miljun euro. Parti sostanzjali ta' dawn l-impenji saret fuq bażi ta' stimi tan-nefqiet eċċessivi (5). Konsegwentement, hu probabbli li bilanċ baġitarju favur żvelat fil-karta tal-bilanċ u li jrid jiġi rimborżat lill-Kummissjoni kien iddikjarat anqas. Iżda, l-impatt finanzjarju ma jistax jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni suffiċjenti sakemm il-ftehim ta' l-għotjiet ikkonċernati jiġu magħluqa.

9. Raġunijiet oħra għaż-żieda fil-bilanċi miġjuba 'l quddiem kienu li l-pajjiżi sħab ħafna drabi bagħtu t-talbiet finali tagħhom għar-rimborż tard ħafna u li l-Aġenzija ltaqgħet ma' diffikultajiet biex tissodisfa l-iskadenzi tal-pagamenti.

(1) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) Dawn il-kontijiet ġew ppreparati fit-13 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fis-27 ta' Ġunju 2008.

(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

(5) Għall-11 il-ftehim ta' għotjiet magħluqa fl-2007, il-Qorti qieset li n-nefqiet kienu stmati żżejjed b'medja ta' 30 %. L-impenji miġjuba 'l quddiem għall-2008 jistgħu għalhekk ikunu stmati żżejjed b'ammont ta' madwar 5,5 miljun euro.

10. L-ammont għoli ta' likwidità jibqa' ma jintużax u jinżamm mill-Aġenzija fuq kontijiet ta' banek li jirritornaw interess baxx b'mod eċċessiv (1) minħabba li ma teżisti ebda politika tal-ġestjoni tat-teżor.

11. Analiżi tar-Reġistru ta' l-eċċezzjonijiet (2) juri b'mod ċar problemi rikorrenti fis-sistema ta' impenji ta' l-Aġenzija. Impenji tal-Baġit ġew magħmula wara impenji legali (25 każ b'ammont totali ta' 1,5 miljun euro) u ftehim ta' għotjiet mal-pajjiżi sħab ġew iffirmati għal azzjonijiet li kienu diġà bdew jew anke konklużi (33 eċċezzjoni għal ammont totali ta' 8,6 miljun euro).

12. Ir-regoli applikati għall-implimentazzjoni tal-miżuri għar-Regolamenti tal-Persunal li jikkonċernaw in-numru minimu meħtieġ ta' snin ta' esperjenza għal pożizzjoni partikolari huma differenti minn dawk miftehma bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni Ewropea (3). Dan ma jikkonformax mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

(1) Il-fondi mhux biss mhux użati imma fil-biċċa l-kbira mhux produttivi minħabba li huma mqiegħda f'kont li jrodd interessi ta' 0,7 % biss.

(2) L-Aġenzija introduċiet ir-Reġistru ta' l-Eċċezzjonijiet fl-1 ta' April 2007. L-ewwel reġistrazzjoni saret fit-30 ta' Mejju 2007. Fil-31 ta' Diċembru 2007, ir-Reġistru kien fih 64 eċċezzjoni li kellhom x'jaqsmu ma' attivitajiet operazzjonali.

(3) Hekk kif stabbilit fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal. Per eżempju, huma meħtieġa 8 snin ta' esperjenza biss mill-Aġenzija għal kariga AD 10 filwaqt li fl-Aġenziji l-oħra kollha 12-il sena huma n-norma.

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni — Frontex (Varsavja)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(2006)* | Prodotti u servizzi pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-politika tal-Komunità f'dan il-qasam timmira li tiżviluppa standards u proċeduri komuni dwar it-twettiq ta' kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri; barra dan għandhom jittieħdu miżuri biex jassiguraw koperazzjoni bejn id-dipartimenti rilevanti u l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma koperti minn dan it-Titolu, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.<br><br>*(L-Artikoli 62(2)(a) u 66 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>Frontex ġiet stabbilita bl-intenzjoni li ttejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-UE.<br><br>Frontex għandha:<br><br>(a) tiffaċilita u tagħmel aktar effettiva l-applikazzjoni ta' miżuri Komunitarji eżistenti u futuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.<br><br>(b) tassigura l-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, għalhekk tikkontribwixxi għal livell effiċjenti, għoli u uniformi ta' kontroll fuq persuni u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.<br><br>(c) tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għajnuna teknika u l-abbiltà neċessarja fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri. | **Kompiti prinċipali**<br><br>(1) tikkoordina l-koperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni;<br><br>(2) tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-gwardjani tal-fruntieri nazzjonali u tistabbilixxi standards ta' taħriġ komuni<br><br>(3) twettaq analiżi tar-riskju;<br><br>(4) ssegwi l-iżvilupp tar-riċerka fil-kontroll u s-sorveljanza;<br><br>(5) tassisti lill-Istati Membri f'ċirkostanzi li jeħtieġu aktar assistenza teknika u operattiva;<br><br>(6) tipprovdi lill-Istati Membri bis-sostenn neċessarju fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti. | 1 **Bord tat-Tmexxija**<br><br>*Kompost minn:*<br><br>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru;<br><br>— Żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni;<br><br>— Rappreżentant wieħed minn kull pajjiż assoċjat fix-Schengen (in-Norveġja, l-Islanda) bi dritt limitat għal vot.<br><br>2 **Direttur Eżekuttiv**<br><br>Maħtur, fuq proposta tal-Kummissjoni, mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni.<br><br>3 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.<br><br>4 **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali għall-2007**<br><br>42,2 (*19,2*) miljun euro<br><br>Kontribuzzjoni tal-Komunità:<br><br>40,1 miljun euro jew 97,2 % (*18,9 miljun euro jew 98,8 %*)<br><br>Kontribuzzjoni mir-Renju Unit u l-Irlanda:<br><br>0,8 miljun euro jew 1,9 % (*0,2 miljun euro jew 1,2 %*)<br><br>Kontribuzzjoni mis-SAC:<br><br>0,9 miljun euro jew 2,1 %<br><br>**Numri tal-Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br><br>Fil-Pjan ta' Twaqqif: 49 (*28*)<br><br>Persunal temporanju 48 (*25*)<br><br>*Persunal totali:* 132 (*72*)<br><br>+ 84 (*47*) persunal ieħor (esperti nazzjonali sekondati, persunal kuntrattwali, awżiljarji).<br><br>Assenjati għall-kompiti li ġejjin:<br><br>— operazzjonali 103 (*43*)<br><br>— amministrattivi 29 (*29*) | **Analiżi tar-riskju:**<br><br>Ġew prodotti 2 Evalwazzjonijiet Ġenerali/Annwali;<br><br>21 Evalwazzjoni Speċifika ġiet iffinalizzata jew suppost għandha tiġi ffinalizzata sa l-aħħar ta' l-ewwel kwart tas-sena 2008;<br><br>Inħarġu 40 evalwazzjoni *ex-ante* analitiċi ta' l-Operazzjonijiet konġunti tal-Frontex;<br><br>Ġew prodotti 2 bullettini dwar l-Infurzar tal-Liġi u 3 bullettini pubbliċi.<br><br>Tnediet is-sistema dwar l-iskambju regolari ta' informazzjoni (Sistema dwar ir-Rappurtar ta' Inċidenti — IRS, Rapporti Analitiċi ta' kull Xahar u Rapporti ta' Statistika ta' kull Xahar) fi ħdan in-netwerk tal-Frontex Risk Analysis.<br><br>**Koperazzjoni operattiva:**<br><br>Twettqu 25 operazzjoni konġunta u kkoordinata tal-Frontex; Tnedew 7 proġetti pilota.<br><br>**Assistenza lill-Istati Membri:**<br><br>Frontex assistiet lill-Istati Membri f'10 mill-operazzjonijiet ta' ritorn tagħhom fuq it-talba tagħhom u kkoordinat u kkofinanzjat 9 operazzjonijiet ta' ritorn ta' l-Istati Membri.<br><br>**Operazzjonijiet ta' assistenza fir-ritorn:**<br><br>Frontex ikkoordinat u kkofinanzjat 9 operazzjonijiet ta' ritorn ta' l-Istati Membri.<br><br>**Taħriġ:**<br><br>Fi ħdan il-qafas ta' 13-il proġett saru jew ġew kkofinanzjati 39 laqgħa. 600 gwardjan tal-fruntieri, ta' livelli differenti ġew imħarrġa matul 38 sessjoni ta' taħriġ ta' dewmien differenti. |

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(2006)* | Prodotti u servizzi pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Riċerka u żvilupp:**<br>Ġew ippublikati 8 rapporti u bullettini;<br>Saru 5 workshops dwar kwistjonijiet ta' R&D;<br>Inbdew 9 proġetti; wħud minnhom għadhom għaddejjin;<br>Kien hemm attendenza għall-18-il laqgħa, konferenza, jew seminarji.<br>**Koperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex imsieħba ma' l-UE:**<br>Il-Bord ta' Tmexxija ta' mandat lill-Frontex biex tinnegozja arranġamenti ta' ħidma ma' 5 pajjiżi (l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kap Verde, l-Eġittu, il-Moldova, Ġeorġja);<br>Ġie iffirmat arranġament ta' ħidma ma' l-Ukraina;<br>Involviment tar-Russja u ta' l-Ukraina f'2 seminarji IBM;<br>L-Ukraina kienet involuta f'5 proġetti pilota tal-Frontex.<br>**Koperazzjoni ma' l-EUROPOL u organizzazzjonijiet oħra relevanti:**<br>FRONTEX ikkontribwiet għall-("OCTA"), Evalwazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata "ta' l-EUROPOL".<br>Il-livell ta' ħidma fil-koperazzjoni stabbilit ma' diversi organizzazzjonijiet (eż. IOM, UNHCR, OLAF, EUROJUST) baqgħa jinżamm u jiġi utilizzat. |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Varsavja) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | finali | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 40 980 | 40 991 | Titolu I Persunal | 9 387 | 7 767 | 6 332 | 1 435 | 1 620 | 1 065 | 417 | 648 |
| Sussidji oħra | 1 170 | 820 | Titolu II Amministrazzjoni | 5 267 | 4 018 | 1 765 | 2 593 (1) | 909 (1) | 931 | 726 | 205 |
| Dhul ieħor | p.m. | 9 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 27 496 | 26 599 | 5 214 | 18 399 | 3 884 | 9 778 | 5 942 | 3 836 |
| **Total** | **42 150** | **41 820** | **Total** | **42 150** | **38 384** | **13 312** | **22 426** | **6 413** | **11 774** | **7 085** | **4 689** |

(1) Tinkludi it-trasferimenti mhux awtomatiċi ta' 340 000 euro.

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dhul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Varsavja) — Kont tar-Riżultat Ekonomiku għas-sena finanzjarja 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 30 439 | 15 129 |
| Kontribuzzjoni minn pajjiżi | 1 738 | 226 |
| Dħul ieħor | 127 | 26 |
| **Total (a)** | **32 304** | **15 381** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 4 090 | 860 |
| Infiq relatat ma' l-attiv fiss | 78 | 7 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 4 931 | 613 |
| Nefqa operattiva | 20 887 | 4 349 |
| **Total (b)** | **29 986** | **5 829** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **2 318** | **9 552** |
| Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (d) | 1 | 5 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (e = – d)** | **– 1** | **– 5** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)** | **2 317** | **9 547** |

*Sors* :*Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Varsavja) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 103 | 0 |
| Attiv fiss tanġibbli | 588 | 31 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Pre-finanzjament ta' skadenza qasira | 40 | 0 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 1 457 | 75 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 32 637 | 14 236 |
| **Total ta' l-attiv** | **34 825** | **14 342** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 75 | 84 |
| Kontijiet pagabbli | 22 886 | 4 711 |
| **Total tal-passiv** | **22 961** | **4 795** |
| **Attiv nett** | **11 864** | **9 547** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 9 547 | 0 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 2 317 | 9 547 |
| **Kapital Nett** | **11 864** | **9 547** |

*Sors* :*Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## RISPOSTA' TA' L-AĠENZIJA

7. Iż-żieda ta' 19,9 miljun ewro tal-baġit hija bbażata fuq żewġ emendi:

1) 12,8 miljun ewro tal-baġit inizjali kienu ffriżati mill-Awtorità tal-Baġit u saru disponibbli b'mod effettiv f'Ġunju 2007 biss; u għalhekk l-impenji kienu possibbli biss fit-tieni nofs tal-2007.

2) 7 miljun ewro saru disponibbli mill-Kummissjoni f'Ġunju 2007 sabiex jintużaw b'mod speċjali għal operazzjonijiet fil-Fruntieri tal-Baħar. Minħabba li dawn l-operazzjonijiet jirrikjedu d-disponibbiltà tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru mill-Istati Membri u, minħabba l-kumplessità tagħhom, u b'hekk jeħtieġu ħidma ta' koordinazzjoni importanti u li tieħu ħafna ħin, l-impenji jistgħu jsiru biss fl-aħħar tal-2007.

Din is-sitwazzjoni affettwat il-volum ta' ħlasijiet fl-2007 u wasslet għal fondi sinjifikanti li jgħaddu minn sena għall-oħra.

Madankollu, l-Aġenzija tenfażizza li l-monitoraġġ tan-nefqa tjieb b'mod sinjifikanti fl-2007. Ir-rapporti ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġew ippreparati u qegħdin jitqassmu lill-maniġment.

8. L-istima tal-ispejjeż hija kwistjoni kumplessa u sejjer jiġi implimentat maniġment tal-baġit aktar strett biex isolvi din il-problema. Il-Frontex bdiet issawwar ir-reġistru ċentralizzat ta' tagħmir tekniku (CRATE). Dan ir-reġistru jagħti lista ta' tagħmir mill-Istati Membri li jista' jintuża matul operazzjonijiet konġunti u huwa marbut ma' metodu komuni għall-kalkolazzjoni tal-ispejjeż (REM). Il-kunċett REM ser jintuża u jiġi evalwat matul l-2008/2009 u għandu jwassal għal użu aktar effiċjenti tal-allokazzjoni baġitarja. Minbarra dan, il-Frontex bdiet tintroduċi fażijiet fl-operazzjonijiet tagħha għal żmien twil, bil-għan li tiffaċilita l-ġestjoni tal-baġit.

9. Fil-Ftehim ta' Qafas ta' Sħubija (FPA) il-Frontex u l-Istati Membri qablu li l-Istat Membru jibgħat klejms għal rimborż fi żmien 45 ġurnata wara li tkun intemmet l-azzjoni. Madankollu, minħabba d-diffikultajiet tal-Istati Membri biex jiġbru l-fatturi kollha fil-ħin, l-Aġenzija ma tirrifjutax il-ħlas f'każ li klejm tiġi rċevuta aktar tard minn 45 ġurnata. Id-Direttur Eżekuttiv ripetutament għamel lill-membri tal-Bord Maniġerjali konxji ta' din il-problema waqt il-laqgħat tagħhom.

Sa minn kmieni fl-2008, bdew jintbagħtu noti ta' tfakkir b'mod sistematiku lill-Istati Membri parteċipanti.

Għall-ħabta ta' nofs is-sena 2008, il-Frontex ser tibda tqassam lill-Istati Membri kollha ħarsa ġenerali tal-ħlasijiet kollha fuq bażi ta' kull xahar.

Minbarra dan, it-taqsimiet/setturi tal-Frontex jiġu infurmati fuq bażi ta' kull xahar dwar il-fatturi li jkunu għadhom pendenti.

10. L-Aġenzija ser tipprova terġa' tinnegozja l-kundizzjonijiet mal-bank tagħha u teżamina jekk banek oħrajn jistgħux joffru kundizzjonijiet aħjar.

11. Billi l-iżvilupp li sar sa l-aħħar ta' Ġunju 2008 ma wera l-ebda titjib f'numri assoluti ta' eċċezzjonijiet irrappurtati, kien żviluppat pjan ta' azzjoni; dan il-pjan ta' azzjoni huwa maħsub biex itejjeb is-sitwazzjoni billi, per eżempju, jistabbilixxi dati tal-għeluq lill-Istati Membri biex jibagħtu lill-aġenzija l-istima tal-baġit fuq il-ko-finanzjar tagħhom biex jistabbilixxu l-ammont finali għal għotjiet sabiex jiġu evitati firem ex-post. Miżuri oħrajn previsti huma t-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ ta' impenn għall-maniġers tal-proġetti u eventwalment l-użu ta' għodda li taħdem bl-IT.

12. L-Aġenzija applikat il-prinċipji f'analoġija mal-Artikolu 31, paragrafu 2 tar-Regolamenti dwar il-Persunal, li jistipula li sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istituzzjonijiet, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol imxerrda fl-użu fil-Komunità jistgħu jittieħdu wkoll f'konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jimpjega.

L-Aġenzija għandha tattira speċjalisti kkwalifikati ħafna f'diversi oqsma u b'mod partikolari fl-infurzar tal-liġi; għalhekk hija jkollha bżonn toffri klassifikazzjoni u salarju attraenti għall-postijiet tax-xogħol inkwistjoni wara li jittieħed f'konsiderazzjoni l-impatt negattiv tal-koeffiċjent tal-korrezzjoni għal salarji applikati fil-Polonja.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/07)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 43 |
| ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 43 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-9 | 43 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 45 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 49 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1628/96 ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1756/2006 ([2]) tat-28 ta' Novembru 2006. Meta twaqqfet fl-2000, l-Aġenzija kienet responsabbli mit-tmexxija tal-programmi ta' għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea fil-Kosovo. Aktar tard, il-mandat tagħha ġie estiż għas-Serbja u Montenegro u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-kwartieri ġenerali ta' l-Aġenzija qegħdin f'Tessaloniki, imma għandha ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Podgorika, Pristina u Skopje. Hija timplimenta programmi bil-għan li jippromwovu l-bini ta' l-istituzzjonijiet u tmexxija tajba, isostnu l-iżvilupp ta' l-ekonomija tas-suq u l-infrastrutturi prinċipali u biex jikkonsolidaw is-soċjetà ċivili. Il-mandat tagħha huwa pjanat li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2008.

2. It-*Tabella 1* tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsilll (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]). Hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([4]) ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 ([5]), u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([6]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

> ***Affidabilità tal-kontijiet***
>
> Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.
>
> ***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***
>
> It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.
>
> L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 250,2 miljun euro, meta mqabbel mal-268,8 miljun euro tas-sena ta' qabel. Għalkemm ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit fi tmiem is-sena kienet sodisfaċenti, kien għad hemm approprijazzjonijiet baġitarji (453 miljun euro), li ma ntużawx, għall-attivitajiet operattivi: 163 miljun euro li għad iridu jiġu impenjati u 290 miljun euro biex ikopru pagamenti fuq impenji diġà eżistenti. Minħabba l-karattru multiannwali ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija, parti minn dawn l-ammonti se jkollhom jiġu implimentati fis-snin ta' wara l-2008, li hija l-aħħar sena ta' eżistenza ta' l-Aġenzija.

8. Il-mandat ta' l-Aġenzija jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008. Fl-24 ta' April 2008, il-Kummissjoni Ewropea adottat Deċiżjoni dwar it-trasferiment tar-responsabbilitajiet għal programmi li qabel kienu delegati lill-Aġenzija u fil-11 ta' Ġunju 2008 ħarġet nota ta' Istruzzjoni u Gwida dwar it-trasferiment tal-fajls tal-programmi/kuntratti. Din in-nota ta' Gwida ma tkoprix il-punti kollha fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-Aġenzija. Biex it-trasferiment tal-programmi u l-punti kollha jiġi formalizzat, għandu jiġi ffirmat Memorandum ta' Ftehim bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni u kontro-firmat mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-Aġenzija. Dan il-Memorandum se jiffaċilita t-trasferiment ta' oġġetti u jiżgura li huma riflessi b'mod korrett fuq il-kontijiet ta' l-Aġenzija.

---
([1]) ĠU L 204, 14.8.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 332, 30.11.2006, p. 18.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) Dawn il-kontijiet ġew ppreparati fl-10 ta' Lulju 2008 u rċevuti mill-Qorti fis-16 ta' Lulju 2008.
([5]) ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.
([6]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

9. Il-bilanċ favur akkumulat ta' 180 miljun euro muri fuq il-Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 fil-biċċa l-kbira rrifletta l-fondi rċevuti mill-Kummissjoni għall-pagamenti ta' pre-finanzjament magħmula mill-Aġenzija skond kuntratti u ftehim ta' għotjiet. Dawn ukoll iridu jgħaddu għand u jkunu ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea fi tmiem il-mandat ta' l-Aġenzija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 | | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(2006)* | Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità għandha twettaq, fl-isferi tal-kompetenzi tagħha, miżuri ta' koperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi ma' pajjiżi terzi. Tali miżuri għandhom ikunu kumplimentari ma' dawk imwettqa mill-Istati Membri u konsistenti mal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità.<br><br>*(Artikolu 181a)* | **Objettivi**<br><br>Tipprovdi assistenza lill-UE:<br><br>(i) fir-rikostruzzjoni u r-ritorn tar-refuġjati u persuni mċaqalqa;<br><br>(ii) biex tippromwovi amministrazzjoni tajba, it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt;<br><br>(iii) biex issostni l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq u investimenti fl-infrastrutturi fiżiċi essenzjali u miżuri ambjentali;<br><br>(iv) biex issostni l-iżvilupp soċjali u ssaħħaħ is-soċjetà ċivili. | **Applikazzjoni**<br><br>L-aġenzija tmexxi programmi prinċipali ta' għajnuna fis-Serbja u Montenegro (ir-Repubblika tas-Serbja, fil-Kosovo u r-Repubblika ta' Montenegro) u fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM). Benefiċjarji jistgħu jinkludu Stati, korpi taħt l-amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, korpi federati reġjonali u lokali, korpi pubbliċi u parapubbliċi, iż-żewġ naħat ta' l-industrija, organizzazzjonijiet tas-sostenn tan-negozju, koperattivi, kumpaniji reċiproċi, assoċjazzjonijiet tal-karità, fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. | **Kompiti:**<br><br>— Tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar każijiet urġenti;<br><br>— Tfassal programmi għar-rikostruzzjoni u r-ritorn tar-refuġjati u persuni mċaqalqa;<br><br>— Tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex timplimenta l-assistenza Komunitarja. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br><br>Jinkludi rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u osservatur tal-Bank Ewropew għall-Investiment.<br><br>2. **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord Governattiv fuq proposta mill-Kummissjoni. Ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Pristina, Podgorika u Skopje bi grad għoli ta' awtonomija fit-tmexxija.<br><br>3. **Kontroll estern**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>4. **Awtorità ta' Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br><br>250,2 miljun euro (*268,8 miljun euro*)<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br><br>108 (108) Karigi AT (aġenti temporanji) mniżżla fil-pjan ta' twaqqif<br><br>Karigi AT okkupati:83 (*90*)<br><br>Karigi oħra:<br><br>Persunal lokali: 165 (*164*) kariga, li minnhom 154 (*157*) kienu okkupati.<br><br>Persunal fuq kuntratt: 29 (*29*) kariga, li minnhom 27 (*26*) kienu okkupati.<br><br>*Total tal-persunal*: 264 (*273*)<br><br>Responsabbli għal<br><br>Kompiti operazzjonali: 163 (*171*)<br><br>Kompiti amministrattivi: 101 (*102*) | **Skond iċ-ċentri ta' ħidma (żviluppi prinċipali):**<br><br>**KOSOVO:**<br><br>a) Assistenza għall-żvilupp ekonomiku soċjali lill-kommunitajiet ta' minoranza;<br><br>b) Sostenn għas-Soċjetà Ċivili u l-midja;<br><br>c) Sostenn lill-Ministeri tal-Ġustizzja, Affarijiet Interni, Gvern Lokali, Industrija u Kummerċ, Aġrikoltura, Enerġija u lill-korpi li jġestu l-fruntieri u l-muniċipalitajiet;<br><br>d) Bini tal-Kapaċità ta' Aġenzija għall-Integrazzjoni Ewropea u konsulenza dwar il-kompatibilità ta' l-UE u l-parteċipazzjoni fis-SAP;<br><br>e) Abbozzar tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku, u sostenn għall-iżvilupp ta' programm pubbliku ta' investiment;<br><br>f) Inkorporazzjoni ta' l-utilitajiet li huma proprjetà pubblika;<br><br>g) Ġestjoni sostenibbli tal-foresti u użu ta' l-art;<br><br>h) Tnissil tal-bhejjem u żvilupp ta' sistema ta' kontroll dwar is-sigurtà fl-ikel;<br><br>i) Sostenn lis-setturi ta' l-enerġija, l-ambjent, it-taħriġ professjonali, u t-trasport<br><br>**SERBJA:**<br><br>a) Abbozzi tal-liġijiet dwar ir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika;<br><br>b) Proviżjoni ta' tagħmir u sostenn lill-pulizija u l-pulizija tal-fruntieri; sostenn liċ-Ċentri ta' Detenzjoni ta' minuri<br><br>c) Introduzzjoni ta' pagament fuq kull ras f'faċilitajiet prinċipali ta' l-istat għall-kura tas-saħħa;<br><br>d) Sostenn għal privatizzazzjoni u sostenn għat-taħriġ għal intrapriżi; |

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 | | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(2006)* | Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | e) Sostenn għall-faċilitazzjoni ta' l-FDIs;<br>f) Sostenn għall-gruppi vulnerabbli inkluż refuġjati u persuni mċaqalqa;<br>g) Rinnovament u modernizzar tas-Sistemi tas-Saħħa Distrettwali;<br><br>**MONTENEGRO:**<br>a) Sostenn għall-integrazzjoni tar-refuġjati u ta' l-IDP u sostenn lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;<br>b) Tisħiħ tal-ġestjoni ta' l-ambjent<br>c) Titjib ta' l-infrastruttura tat-toroq fiż-żoni ta' madwar il-kosta;<br>d) Assistenza lir-Riforma ta' l-Amministrazzjoni Pubblika: riforma tal-pulizija u tal-ħabs;<br>e) Tqassim/ristrutturazzjoni ta' l-intrapriżi pubbliċi ta' l-elettriku, strateġija ta' l-enerġija effiċjenti;<br>f) Proviżjoni ta' kompetenza tal-ġestjoni lill-kumpaniji;<br>g) Identifikazzjoni ta' l-Annimali u sistema ta' reġistrazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi tal-ħut;<br><br>**FYROM:**<br>a) Sostenn permezz ta' ġemellaġġ dwar il-Ħasil tal-Flus, Korruzzjoni u Kriminalità Organizzata, Statistika, Kwalità ta' l-Arja, Kontroll Finanzjarju;<br>b) Tlestija tat-twaqqif tas-Sistema Nazzjonali ta' l-Identifikar ta' l-Annimali;<br>c) Promozzjoni tal-prestazzjoni ta' l-SMEs (l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju) u l-iżvilupp tal-Fond ta' Żvilupp tar-Riżorsi Umani; l-elaborazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali dwar it-Trasport<br>d) Sostenn lill-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-muniċipalitajiet;<br>e) Sostenn għall-eliminazzjoni ta' żoni problematiċi industrijali, ġestjoni tad-dranaġġ tal-muniċipalitajiet u ġestjoni ta' skart li jikkawża riskju għas-saħħa;<br>f) Sostenn għall-ipprogrammar ta' Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni;<br>g) Sostenn għall-implimentazzjoni ta' standards professjonali fl-amministrazzjonijiet tal-ħabsijiet. |

*Sors:* informazzjoni ppreżentata mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet finali tal-baġit | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | | | | Approprijazzjonijiet disponibbli (mis-sena finanzjarja flimkien ma' dawk tas-sena preċedenti) | | | | |
| | | | | Mdaħħla | Impenjati | Imħallsa | Miġjuba 'l quddiem | Annullati | Disponibbli | Impenjati | Imħallsa | Miġjuba 'il quddiem | Annullati | Mdaħħla | Impenjati | Imħallsa | Miġjuba 'l quddiem | Annullati |
| Sussidju tal-Kummissjoni | 24 559 | 23 960 | Titolu I Persunal | 18 702 | 17 869 | 17 540 | 330 | 832 | 187 | 0 | 133 | | 54 | 18 889 | 17 869 | 17 673 | 330 | 886 |
| Dħul ieħor | p.m. | 4 743 | Titlolu II Amministrazzjoni | 5 857 | 4 768 | 4 299 | 469 | 1 089 | 507 | 0 | 471 | | 36 | 6 364 | 4 768 | 4 770 | 469 | 1 125 |
| Dħul assenjat | 225 642 | 222 461 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 13 727 | 3 031 | 120 | 13 607 | 0 | 678 806 | 276 086 | 236 172 | 439 217 | 3 417 | 692 533 | 279 117 | 236 292 | 452 824 | 3 417 |
| **Total** | **250 201** | **251 164** | **Total** | **38 286** | **25 668** | **21 959** | **14 406** | **1 921** | **679 500** | **276 086** | **236 776** | **439 217** | **3 507** | **717 786** | **301 754** | **258 735** | **453 623** | **5 428** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi ta' likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki)- Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 255 537 | 273 192 |
| Dħul ieħor | 1 243 | 239 |
| **Total (a)** | **256 780** | **273 432** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 16 724 | 16 164 |
| Infiq relatat ma' l-attiv fiss | 412 | 581 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 5 454 | 5 510 |
| Nefqa operattiva | 225 568 | 247 509 |
| **Total (b)** | **248 158** | **269 764** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **8 622** | **3 668** |
| Nefqa finanzjarja (d) | 36 | 25 |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (e = – d)** | **– 36** | **– 25** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)** | **8 586** | **3 643** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 41 | 70 |
| Attiv fiss tanġibbli | 529 | 743 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 3 618 | 10 175 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 179 810 | 166 885 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 30 329 | 24 562 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 41 499 | 51 991 |
| **Total ta' l-attiv** | **255 826** | **254 425** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 1 189 | 1 986 |
| Kontijiet pagabbli | 79 108 | 85 496 |
| **Total tal-passiv** | **80 297** | **87 482** |
| **Attiv nett** | **175 529** | **166 943** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 166 943 | 163 300 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 8 586 | 3 643 |
| **Kapital Nett** | **175 529** | **166 943** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAL-AĠENZIJA

7. Fi tmiem l-2007, minħabba li l-programmi CARDS huma ta' tip multiannwali, l-Aġenzija għad tista' tkompli bl-impenji u l-ħlasijiet tal-programmi annwali tal-2004, l-2005 u l-2006. Id-data ta' skadenza ta' CARDS għall-impenji hija s-sena 2009 u dik għall-ħruġ ta' flus hija s-sena 2010. Dawn it-tliet programmi, li għadhom għaddejjin, ammontaw għal € 1.8 biljun. Il-fatt li hemm € 163 miljun li għad iridu jkunu impenjati (9 %) u ammont kumplessiv ta' € 453 miljun li għad iridu jitħallsu (25 %) tliet snin qabel id-data ta' skadenza ta' CARDS, juri rata għolja ħafna ta' implimentazzjoni. Il-Qorti faħħret ir-rendiment tal-Aġenzija fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 5/2007 [ĠU C 285, 27.11.2007, p. 1.]

8. L-Aġenzija qed tagħmel mill-aħjar li tista' biex din il-proċedura ta' trasferiment tal-funzjonaijiet tirnexxi. Bħalissa qed tabbozza ftehimiet ma' bosta Istituzzjonijiet tal-UE għad-disponiment tal-attiv tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija qiegħda f'kuntatt mal-Kummissjoni bil-ħsieb li l-aspetti kollha tat-trasferiment ikunu formali u ser tippreżenta r-riżultat lill-Bord ta' Gvernaturi sabiex jiġi approvat.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta’ l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta’ l-Aġenzija

(2008/C 311/08)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 51 |
| DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 51 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 52 |
| **Ir-risposti ta’ l-Aġenzija** | | 56 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) kienet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 ([1]). Il-kompitu ta' l-Aġenzija huwa li tiġbor u tqassam informazzjoni dwar il-prijoritajiet nazzjonali u Komunitarji fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, li ssostni organizzazzjonijiet nazzjonali u Komunitarji involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u li tipprovdi informazzjoni dwar miżuri preventivi.

2. It-*Tabella* 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI ([4]), safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

([1]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kien emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fl-24 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fis-26 ta' Ġunju 2008.

([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)**

| Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 (*Data għall-2006*) | Prodotti u servizzi pprovduti matul l-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dispożizzjonijiet Soċjali**<br>Il-Komunità u l-Istati Membri(…) għandhom ikollhom bħala mira (…) titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib (…).<br>Bl-iskop li jintlaħqu l-objettivi ta' l-Artikolu 136, il-Komunità għandha ssostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma li ġejjin: (a) titjib partikolarment fl-ambjent tax-xogħol biex tiħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema; (b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol; (…)<br>*(Siltiet mill-Artikoli 136 u 137 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br>Sabiex ikun imtejjeb l-ambjent tax-xogħol, f'dak li jirrigwardja l-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema skond it-trattat u l- istrateġiji Komunitarji suċċessivi u programmi ta' azzjoni li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-għan ta' l-Aġenzija għandu jkun biex tipprovdi lill-korpi tal-Komunità, lill-Istati Membri, lill-imsieħba soċjali u dawk involuti f'dan il-qasam, bl-informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol. | **Kompiti**<br>— Tiġbor, tanalizza u tqassam informazzjoni dwar prijoritajiet nazzjonali u Komunitarji u dwar ir-riċerka.<br>— Tippromwovi l-koperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni dwar il-programmi ta' taħriġ.<br>— Tforni lill-entitajiet Komunitarji u l-Istati Membri b'informazzjoni li jeħtieġu biex jifformulaw u jimplimentaw politika, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impatt fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.<br>— Tagħmel disponibbli informazzjoni dwar attivitajiet ta' prevenzjoni.<br>— Tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji u programmi ta' azzjoni tal-Komunità<br>— Twaqqaf netwerk li jkun fih punti fokali nazzjonali u ċentri tematiċi. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br>*Kompożizzjoni*<br>— rappreżentant wieħed tal-Gvern ta' kull Stat Membru.<br>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ta' kull Stat Membru.<br>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-impjegati ta' kull Stat Membru.<br>— tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni<br>Membri u membri alterni mill-ewwel tliet kategoriji għandhom jiġu maħtura mill-membri u mill-membri alterni tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq Il-Post tax-Xogħol.<br>*Kompitu*<br>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija, il-baġit u r-rapport ġenerali annwali tagħha.<br>2. **Bureau**<br>*Kompożizzjoni*<br>— President u 3 viċi-presidenti tal-Bord<br>— Koordinaturi minn kull wieħed mit-tliet gruppi interessati<br>— Membru wieħed addizzjonali minn kull wieħed minn dawn il-gruppi u mill-Kummissjoni | **Baġit finali:**<br>— 14,9 miljun euro (*14,1 miljun euro*)<br>Inklużi:<br>— Sussidju komunitarju, DĠ għall-Impjiegi: 93,8 % (*93,5%*)<br>— Sussidju komunitarju, DĠ għat-Tkabbir: 2,9 % (*4,5 %*)<br>— Dħul varju: 3,3 % (*2 %*)<br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br>42 (40) kariga mniżżla fil-pjan ta' twaqqif, li minnhom,<br>Karigi okkupati: 38 (33)<br>Karigi battala: 4 (*7*)<br>*25 (26)* Kariga oħra (awżiljarji, kuntratt, esperti nazzjonali sekondati u persunal lokali)<br>*Total tal-persunal:* 63 (*59*)<br>assenjati għal<br>kompiti operattivi: 47 (*42*)<br>kompiti amministrattivi: 9 (*9*)<br>kompiti mħallta: 7 (*8*) | **Il-bini tal-konnessjonijiet — Networking:**<br>— Iffinalizzar u segwitu tat-tieni evalwazzjoni esterna tal-prestazzjoni ta' l-Aġenzija.<br>— Bini tal-kapaċità istituzzjonali fil-pajjiżi Kandidati u dawk Potenzjalment Kandidati (Programmi PHARE u CARDS).<br>**Komunikazzjoni ta' l-informazzjoni:**<br>— Is-Summit Ewropew Bidu Sigur! — l-avveniment ta' l-għeluq tal-Ġimgħa Ewropea 2006 tal-kampanja dwar il-ħaddiema żgħażagħ.<br>— Il-Kampanja Ħaffef it-Tagħbija — Il-kampanja Ewropea dwar il-problemi muskoluskeletali relatati max-xogħol — EU 27+.<br>— Inizjattiva għal-Post tax-Xogħol b'Saħħtu — kampanja mmirata lejn l-SMEs fit-12 ta' l-UE, fit-Turkija u l-Kroazja (ċiklu finali).<br>— Servizzi ta' informazzjoni web-based u stampata f'ilsna differenti dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.<br>— Monitoraġġ u evalwazzjoni: rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kampanja ta' l-2005 Aqta' dak l-Istorbju; stħarriġ online ta' l-utenti tal-websajt; eżerċizzju ta' evalwazzjoni komparattiva tal-websajts.<br>**L-iżviluppar ta' l-għarfien:**<br>— Prodotti ta' informazzjoni għall-kampanji ta' Ġimgħa Ewropea 2007 (MSDs) u 2008 (Stima tar-Riskju).<br>— Prodotti ta' informazzjoni għall-proġetti dwar OSH u Prestazzjoni Ekonomika, is-Settur HORECA, il-Mainstreaming ta' l-OSH fl-Edukazzjoni, u l-Ħaddiema li Jnaddfu. |

| Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 (*Data għall-2006*) | Prodotti u servizzi pprovduti matul l-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | *Kompitu*<br><br>Sorveljanza tat-tħejjija u s-segwitu tad-deċiżjonijiet tal-Bord<br><br>3. **Id-Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord Governattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>4. **Il-Kumitati**<br><br>Konsultazzjoni obbligatorja tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Pariri dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol fir-rigward tal-programm ta' xogħol u l-baġit.<br><br>5. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>6. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | | — Titjib ġenerali għall-kwalità u għall-aċċessibilità ta' l-informazzjoni dwar il-Prattiċi Tajba fuq il-websajt ta' l-Aġenzija u t-Teżawru on-line.<br><br>— Osservatorju Ewropew tar-Riskji: ġbir ta' *Data* dwar HORECA, ħaddiema li qegħdin jixjieħu u trasport. Rapporti dwar ir-riskji bioloġiċi emerġenti, riskji psikosoċjali emerġenti, u kxif tal-ġilda fuq l-impjieg u mard tal-ġilda relatat max-xogħol. Ħarsa lejn id-dokumentazzjoni fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol tal-ħaddiema emigranti. It-tnedija tal-Fażi 1 ta' l-Istħarriġ Ewropew ta' l-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER). It-tielet workshop dwar "il-koltivazzjoni tal-koordinazzjoni tar-riċerka fl-UE". |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba ’l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | finali | impenjati | mħallsa | miġjuba ’l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 14 000 | 13 000 | Titolu I<br>Persunal | 4 797 | 4 292 | 3 996 | 160 | 641 | 125 | 79 | 47 |
| Dħul ieħor | 430 | 443 | Titolu II<br>Amministrazzjoni | 1 623 | 1 443 | 1 087 | 352 | 184 | 381 | 369 | 11 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 8 010 | 7 880 | 4 972 | 2 908 | 130 | 1 963 | 1 670 | 293 |
| Dħul assenjat | 498 | 430 | Dħul assenjat | 498 | 391 | 147 | 282 | 68 | 194 | 194 | 0 |
| **Total** | **14 928** | **13 873** | **Total** | **14 928** | **14 006** | **10 202** | **3 702** | **1 023** | **2 663** | **2 312** | **351** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)- Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 12 682 | 11 730 |
| Sussidji oħrajn | 343 | 238 |
| - Oħrajn | 480 | 1 580 |
| **Total (a)** | **13 505** | **13 548** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 3 661 | 3 640 |
| Nefqa relatata ma' l-attiv fiss | 137 | 139 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1 991 | 1 825 |
| Nefqa operattiva | 7 222 | 8 028 |
| **Total (b)** | **13 011** | **13 632** |
| **Bilanċ favur/(kontra) MInn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **494** | **– 84** |
| Nefqa finanzjarja (d) | – 3 | – 3 |
| **Bilanċ Favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (e = d)** | **– 3** | **– 6** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)** | **491** | **– 90** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv mhux tanġibbli | 44 | 71 |
| Attiv tanġibbli | 261 | 247 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 4 | 4 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 330 | 435 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 38 | 27 |
| Likwidità u likwidità ekwivalenti | 4 268 | 2 990 |
| **Total ta' l-attiv** | **4 945** | **3 774** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 70 | 63 |
| Kontijiet pagabbli | 2 654 | 1 981 |
| **Total tal-passiv** | **2 724** | **2 044** |
| **Attiv nett** | **2 221** | **1 730** |
| **Riżervi** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 1 730 | 1 820 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 491 | – 90 |
| **Kapital Nett** | **2 221** | **1 730** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

## TWEĠIBIET TA' L-AĠENZIJA

1. L-Aġenzija ħa nota tar-rapport tal-Qorti.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/09)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 58 |
| ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 58 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-9 | 58 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 60 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 63 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 ([1]). Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma li tassigura livell għoli ta' sigurtà marittima u prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri, tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'assistenza teknika, timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u tevalwa l-effettività tagħha.

2. It-*Tabella 1* tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

([1]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-11 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2008.

([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit ta' l-Aġenzija ta' l-2007 ammonta għall-48,2 miljun euro, meta mqabbel ma' 44,7 miljun euro tas-sena ta' qabel. L-ispejjeż prinċipali għal attivitajiet operattivi jikkonċernaw miżuri kontra t-tniġġis. Il-baġit ta' l-Aġenzija huwa ffinanzjat prinċipalment minn sussidji mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proċeduri li jistabbilixxu l-baġit ma kienux riġorużi biżżejjed. Dan wassal għal numru għoli ta' trasferimenti tal-baġit ([5]), preżentazzjoni mhux korretta tal-baġit ([6]) u modifika irregolari tas-sors ta' l-iffinanzjar ta' l-approprijazzjonijiet kontra t-tniġġis ([7]).

8. Ittieħdu impenji legali qabel l-impenji baġitarji korrispondenti ([8]).

([5]) Aktar minn 32 trasferiment ta' approprijazzjonijiet fl-2007.

([6]) Għall-approprijazzjonijiet differenzjati li ma kienux assoċjati, il-baġit irid jinkludi l-iskeda tal-pagamenti dovuti fi snin finanzjarji susseġwenti biex jintlaħqu l-impenji tal-baġit li l-aġenzija daħlet għalihom fi snin finanzjarji preċedenti (l-Artikolu 31(2)(c) tar-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija).

([7]) Minn nofs Ġunju sa Diċembru, 25 miljun euro għal miżuri kontra t-tniġġis, awtorizzati mill-Awtorità tal-Baġit bħala approprijazzjonijiet normali, kienu indebitament imċaqalqa għal dħul assenjat (R0).

([8]) Tliet każijiet b'valur totali ta' 208 000 euro.

9. Għall-proċeduri tar-reklutaġġ ivverifikati, il-kriterji ta’ l-għażla u l-limiti biex wieħed jgħaddi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjonijiet ma kinux deċiżi qabel ma nbeda l-proċess ta’ l-evalwazzjoni. Il-Kumitat tal-Persunal qatt ma ġie mistieden mill-Awtorità tal-Ħatra biex jipparteċipa fil-proċeduri ta’ reklutaġġ. Din is-sitwazzjoni ma żguratx proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta’ l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta’ l-24 u l-25 ta’ Settembru 2008..

*Għall-Qorti ta’ l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Lisbona)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolamenti (KE) Nru 1644/2003 u Nru 724/2004 | | Tmexxija | Riżorsi magħmula disponibbli lill-Aġenzija 2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u Servizzi fornuti 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-politika tat-trasport komuni<br><br>"Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk, safejn u b'liema proċedura disposizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu adottati għat-traffiku fil-baħar u fl-ajru."<br><br>*(l-Artikolu 80 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>— Biex tassigura livell uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u prevenzjoni tat-tniġġiż mill-vapuri.<br><br>— Li tipprovdi l-Istati Membri u l-Kummissjoni b' għajnuna teknika u xjentifika<br><br>— Biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam u tevalwa l-effettività tal-miżuri stabbiliti.<br><br>— Biex tintroduċi metodi operattivi għall-ġlieda kontra t-tniġġiż fl-ibħra Ewropej. | **Kompiti**<br><br>— Biex tassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja u fl-implimentazzjoni tagħha;<br><br>— Biex timmonitorja l-ħidma ġenerali tar-reġim ta' kontroll ta' l-Istat tal-port Komunitarju, li jista' jinkludi żjarat lill-Istati Membri;<br><br>— Biex tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni għall-port ta' kontroll ta' l-Istat tal-vapuri;<br><br>— Biex taħdem ma' l-Istati Membri fuq l-iżviluppar ta' soluzzjonijiet tekniċi u biex tipprovdi assistenza teknika relatata ma' l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja;<br><br>— Biex tippromwovi koperazzjoni bejn Stati max-xatt taxxmara fiż-żoni marittimi kkonċernati;<br><br>— Biex tiżviluppa u topera kwalunkwe sistema neċessarja;<br><br>— Biex tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-investigazzjoni ta' inċidenti marittimi;<br><br>— Biex tipprovdi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'informazzjoni affidabbli dwar is-sigurtà marittima u dwar it-tniġġiż mill-vapuri;<br><br>— Biex tgħin lill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-insegwiment tal-vapuri li qed jitfgħu rimi illegali<br><br>— Biex timmonitorja s-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni rikonoxxuti mill-UE u biex toħroġ rapporti korrispondenti lill-Kummissjoni;<br><br>— Biex tassisti lill-Kummissjoni bil-kontribut għal u l-implimentazzjoni tal-kompiti relatati mad-Direttiva dwar it-tagħmir marittimu;<br><br>— Biex tipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta dwar l-introduzzjoni tad-Direttiva dwar faċilitajiet ta' ġbir ta' l-iskart tal-vapuri fil-portijiet Ewropej. | 1. **Bord Tat-Tmexxija**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni, mingħajr id-dritt li jivvutaw, mis-setturi professjonali kkonċernati.<br><br>*Kompiti*<br><br>— Biex jadotta l-baġit u l-programm ta' xogħol.<br><br>— Biex jeżamina t-talbiet mill-Istati Membri għall-assistenza.<br><br>2. **Direttur Eżekuttiv**<br><br>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>4. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali**<br><br>Titolu I: 15 320 297 euro (*13 400 000 euro*)<br><br>Titolu II: 3 179 703 euro (*2 905 000 euro*)<br><br>Titolu III: 29 749 058 euro (*28 433 440*)<br><br>Total: 48 249 058 euro (*44 738 440 euro*)<br><br>**Aġenti Temporanji u Persunal Permanenti**: 153 (*132*)<br><br>**Persunal ieħor:**<br><br>AUX & CA: 13 (*9*)<br><br>SNE: 13 (*11*) | *(listi mhux eżawrjenti; dettalji jistgħu jinstabu fir-Rapport ta' Attività Annwali)*<br><br>— Il-preparazzjonijiet ta' abbozz ta' metodoloġija relatata ma' programm ġdid ta' żjarat fl-Istati Membri;<br><br>— Il-preparazzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-proġett il-ġdid THETIS;<br><br>— L-iddisinjar ta' l-interface bejn STIRES/SSN u CleanSeaNet;<br><br>— Iż-Żjieda ta' kapaċità addizzjonali ta' rkupru taż-żejt fl-Atlantiku, fil-Baħar Eġew, il-Mediterran tal-Punent u l-Istrett ta' Ġibiltà;<br><br>— It-twaqqif tas-servizz CleanSeaNet;<br><br>— Il-bidu ta' l-Attività tas-Servizzi ta' Sostenn Marittimi. |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Lisbona) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oriġini tad-dhul | Dhul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul irċevut | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | mdaħħla | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 48 249 | 37 387 | Titolu I<br>Persunal (NDA) | 15 320 | 11 999 | 11 805 | 194 | 3 321 | 664 | 245 | 419 |
| | | | Titolu II<br>Amministrazzjoni (NDA) | 3 180 | 3 149 | 1 881 | 1 267 | 31 | 606 | 523 | 83 |
| Dhul ieħor | | 157 | Titolu III<br>Attivitajiet Operattivi (DA) | | | | | | | | |
| | | | — CA | 29 749 | 28 132 | 0 | 141 | 1 617 | 0 | 0 | 0 |
| | | | — PA | 29 749 | 0 | 19 295 | 141 | 10 454 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | **48 249** | **37 544** | **Total CA** | **48 249** | **43 280** | **0** | **1 603** | **4 969** | **1 270** | **768** | **502** |
| | | | **Total PA** | **48 249** | **0** | **32 982** | **1 603** | **13 806** | | | |

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenn huma daqs approprijazzjonijiet ta' pagament).
DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jistgħu jkunu differenti).
CA: approprijazzjonijiet ta' impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.
PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.
Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem għas-sena finanzjarja marbuta mat-Titolu III jikkonsistu b'mod esklussiv minn dħul utilizzat mill-ġdid (101 000 euro) u dħul assenjat (PHARE – 40 403 euro).
*Sors:* Data provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Lisbona) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 33 801 | 24 716 |
| Sussidji oħra | 1 111 | 678 |
| **Total (a)** | **34 912** | **25 394** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 10 791 | 9 616 |
| Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss | 356 | 236 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 3 252 | 3 548 |
| Nefqa operattiva | 14 842 | 14 151 |
| **Total (b)** | **29 242** | **27 551** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (c = a – b)** | **5 669** | **– 2 157** |

*Sors:* Data provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Lisbona) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 257 | 55 |
| Attiv fiss tanġibbli | 555 | 523 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 10 003 | 4 849 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 254 | 270 |
| Likwidità u likwidità ekwivalenti | 15 166 | 11 633 |
| **Total ta' l-attiv** | **26 234** | **17 330** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 232 | 191 |
| Kontijiet pagabbli | 15 305 | 12 111 |
| **Total tal-passiv kurrenti** | **15 537** | **12 301** |
| **Attiv nett** | **10 697** | **5 028** |
| **Riżervi** | | |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 5 028 | 7 185 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 5 669 | – 2 157 |
| **Kapital Nett** | **10 697** | **5 028** |

*Sors:* Data provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAL-AĠENZIJA

7. L-Aġenzija tilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti. L-Aġenzija tkompli l-isforzi tagħha sabiex ittejjeb l-ippjanar u l-monitoraġġ tagħha. Ingħatat attenzjoni speċifika għat-tbassir u l-iskedar ta' pagamenti. It-trasferimenti buġetarji meħtieġa fl-2007 jaqgħu fil-limitu ta' 10 % awtorizzat mir-Regolament Finanzjarju. Wara proposti tal-Kummissjoni l-Bord Amministrattiv iddeċieda fl-20.3.2007 sabiex jikkwalifika l-Fonti Kontra l-Inkwinament bħala dħul assenjat u ddeċieda fil-21.11.2007 sabiex ma jikkonsidrax dawn il-fondi bħala tali.

8. Il-miżuri intiżi sabiex jiġu evitati impenji a posteriori ġew imsaħħa aktar. Il-fatturi prinċipali huma taħriġ kontinwu u komunikazzjoni. Ġew stabbiliti listi ta' kontroll sabiex jipprovdu gwida.

9. Wara osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti, ġew meħuda miżuri sabiex ikun assigurat li jiġu stabbiliti kriterji ta'selezzjoni u ta' akkwisti tal-limiti fi stadju aktar bikri fil-proċedura ta' selezzjoni. Fil-kuntest ta' l-adozzjoni li ġejja tar-Regoli ta' Implimentazzjoni ġodda rigward ir-reklutaġġ ta' Aġenti Temporanji, l-Aġenzija ser tieħu in kunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ulterjuri tal-Qorti rigward il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti matul ir-reklutaġġ.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/10)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 65 |
| ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 65 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 65 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 67 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 70 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 [1]. Hija responsabbli li twaqqaf netwerk ta' osservazzjoni li jipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u, b'mod aktar ġenerali, lill-pubbliku b'informazzjoni affidabbli dwar l-istat ta' l-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tagħti l-possibbiltà lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri li jieħdu azzjoni sabiex jissalvagwardjaw l-ambjent u jevalwaw l-effettività ta' tali azzjoni.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2]; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 [3] ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1210/90, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI [4], safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

(1) ĠU L 120, 11.5.1990.

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fiT-22 ta' Mejju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2008.

(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-verifika ta' żewġ proċeduri ta' reklutaġġ uriet nuqqasijiet: kandidati li ma jissodisfawx il-kriterji ta' selezzjoni ġew ikkunsidrati għal iktar evalwazzjonijiet u l-kriterji sabiex jiġu identifikati l-aħjar kandidati sabiex jiġu mistiedna għall-intervisti ma ġewx iddokumentatI. Dawn is-sitwazzjonijiet ma żgurawx proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

8. Rigward proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, l-irregolaritajiet segwenti kienu osservati fi tliet każijiet: għotja diretta ta' serivzzi mingħajr ma ġew irrispettati r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju [5], għotja ta' kuntratt ta' servizzi mhux f'konformità mat-termini tal-kuntratt qafas [6]. Dawn in-nuqqasijiet ħolqu dubju dwar it-trasparenza tal-proċeduri.

9. Wara sejħa għall-offerti, l-Aġenzija ffirmat ftehimiet ta' konċessjoni mal-konsorzji ta' l-istituzzjonijiet (msejjħa Ċentri Tematiċi Ewropej) sabiex kull sena jwettqu kompiti fuq suġġetti speċifiċi relatati ma' l-ambjent [7]. Il-pagamenti interim u finali magħmula mill-Aġenzija lill-dawn iċ-Ċentri huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet ta' l-ispejjeż propja. In-nefqa prinċipali hija dik fuq il-persunal. Il-kontrolli ta' l-Aġenzija kienu limitati għal reviżjonijiet tad-dokumentazzjoni provduta miċ-Ċentri mingħajr proċeduri stabbiliti sabiex jassiguraw l-eliġibbiltà ta' l-ammonti ddikjarati.

(5) Żewġ każi ta' valur totali approssimattiv ta' 26 000 euro.

(6) Każ wieħed ta' valur approssimattiv ta' 215 000 euro.

(7) Hemm ħames Ċentri Tematiċi Ewropej u l-approprijazzjoni ta' l-impenji relatati għall-2007 kienu jammontaw għal 6 milljun euro.

10. Dawn il-ftehimiet ta' konċessjoni maċ-Ċentri jipprovdu ukoll għal-rata fissa ta' 20 % tan-nefqa diretta għall-ispejjeż indiretti tagħhom (overheads), filwaqt li r-Regoli Implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju ġenerali jillimitaw din ir-rata għall-7 %. Skond dawn ir-regoli dan il-limitu jista' jiġi maqbuż biss jekk tittieħed deċiżjoni motivata; l-ebda deċiżjoni tali ma ttieħdet mill-Aġenzija. Kieku ġiet applikata r-rata ta' 7 %, l-ammont imħallas fl-2007 kien ikun ta' 0,3 miljun euro anqas.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/90 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi ewlenin mogħtija fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Politika dwar l-ambjent**<br><br>Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġeż għandu jħallas. (…) Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika (…), l-Komunità għandha tieħu in konsiderazzjoni *data* xjentifika u teknika eżistenti (…).<br><br>*(l-Artikolu 174 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>Li twaqqaf netwerk Ewropew ta' informazzjoni u osservazzjoni ta' l-ambjent biex jipprovdi l-Komunità u l-Istati Membri b'informazzjoni fuq livell Ewropew, li tkun oġġettiva, kumparabbli u affidabbli sabiex huma jkunu jistgħu:<br><br>(a) jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex jipproteġu l-ambjent;<br><br>(b) jiġu stmati r-riżultati ta' dawk il-miżuri;<br><br>(c) jiżguraw li l-pubbliku għandu tagħrif tajjeb fuq l-istat ta' l-ambjent. | **Kompiti**<br><br>— Li tipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri bl-informazzjoni oġġettiva meħtieġa għat-tfejjija u l-implementazzjoni soda u effettiva tal-politika ambjentali.<br><br>— Li tirreġistra, tiġbor u tistma l-informazzjoni dwar il-qagħda ta' l-ambjent u tirrapporta dwar il-kwalità ta' u l-pressjonijiet fuq l-ambjent fi ħdan it-territorju tal-Komunità.<br><br>— Li tgħin biex tiżgura li d-*data* dwar l-ambjent fil-livell Ewropew tkun kumparabbli u, jekk meħtieġ, biex tinkorraġġixxi b'mezzi xierqa, armonizzazzjoni mtejba ta' metodi ta' kejl.<br><br>— Li tippromwovi l-inkorporazzjoni tad-*data* Ewropea ambjentali fil-programmi internazzjonali.<br><br>— Li tippubblika rapport kull ħames snin fuq l-istat, il-bidliet u l-prospetti fl-ambjent.<br><br>— Li tistimula l-iżvilupp ta' tekniki ta' tbassir ambjentali, metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija disponibbli għall-prevenzjoni tal-ħsara għall-ambjent.<br><br>— Li tistimula l-iżvilupp tal-metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-ispejjeż tal-politika għall-prevenzjoni, protezzjoni u restawr ambjentali. | 1. **Il-Bord tat-Tmexxija**<br><br>*Kompożizzjoni:*<br><br>— Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru;<br><br>— żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni;<br><br>— żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew.<br><br>*Kompiti*<br><br>Li jadotta l-programm ta' xogħol u jassigura l-implimentazzjoni tiegħu<br><br>2. **Direttur Eżekuttiv**<br><br>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Forum Konsultattiv**<br><br>Magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru; li jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv.<br><br>4. **Kumitat Xjentifiku**<br><br>Magħmul minn persuni kwalifikati fil-qasam ta' l-ambjent.<br><br>5. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>6. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br><br>35,1 miljun euro (*37,1 miljun euro*)<br><br>Sussidju komunitarju:<br><br>82 % (*75 %*)<br><br>**Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif:<br><br>116 (*115*)<br><br>Karigi okkupati: 111 (*110*) flimkien ma' 55 (*47*) kariga oħra<br><br>(persunal fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati)<br><br>*Total tal-persunal*: 116 (*115*)<br><br>assenjati fil-kompiti li ġejjin:<br><br>operattivi 73 (*72*)<br><br>amministrattivi: 42 (*42*)<br><br>mħallta: 1 (*1*) | — Tnedija tar-rapport dwar "L-Ambjent Ewropew: ir-raba' evalwazzjoni" fil-Konferenza tal-Ministri dwar l-Ambjent Pan-Europew.<br><br>— Tnedija ta' Atlas tat-Teknoloġija ta' l-Ambjent.<br><br>— Tnedija tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' l-Ilma għall-Ewropa (WISE).<br><br>— Tnedija tal-film "Our Arctic Challenge".<br><br>— Publikazzjoni ta' rapporti fuq, *inter alia*, spejjeż tat-tibdil tal-klima, tendenzi u stimi ta' emissjonijiet ta' gass li għandu effett serra, kwalità ta' l-arja, emissjonijiet fl-arja, produzzjoni u konsum sostenibbli, indikaturi ta' bijodiversità, maniġġjar ta' l-iskart.<br><br>— Tnedija ta' Ċentri Topiċi ġodda fuq l-Ilma, Użu ta' l-art u informazzjoni spazjali, u tibdil fl-arja u fil-klima.<br><br>— Parteċipazzjoni f'konferenzi fuq "Lil hinn mill-PGD" u r-riforma tat-Taxxa. |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena(snin) finanzjarji preċedenti | | | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati |
| Sussidji komunitarji | 28 950 | 28 950 | Titolu I Persunal | 18 050 | 18 022 | 17 814 | 169 | 67 | 308 | 308 | 187 | 0 | 121 |
| Sussidji oħrajn | 4 857 | 5 007 | Titolu II Amministrazzjoni | 2 820 | 2 806 | 2 466 | 338 | 15 | 283 | 283 | 265 | 0 | 18 |
| Dħul ieħor | 1 327 | 3 822 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 12 974 | 12 963 | 8 572 | 4 387 | 16 | 5 290 | 5 290 | 4 881 | 0 | 409 |
| Dħul assenjat ieħor | p.m | 348 | Dħul assenjat | 1 290 | 935 | 303 | 987 | 0 | 4 965 | 3 958 | 1 838 | 2 678 | 449 |
| **Total** | **35 134** | **38 127** | **Total** | **35 134** | **34 726** | **29 155** | **5 881** | **98** | **10 846** | **9 839** | **7 171** | **2 678** | **997** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (Kopenhagen) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 28 950 | 27 650 |
| Sussidji u dħul iehor | 7 753 | 7 951 |
| **Total (a)** | **36 073** | **35 601** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 16 483 | 14 500 |
| Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss | 866 | 795 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 4 940 | 4 843 |
| Nefqa operattiva | 13 446 | 15 000 |
| **Total (b)** | **35 735** | **35 138** |
| **Bilanċ favur/kontra minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **338** | **462** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 46 | 72 |
| Spejjeż minn operazzjonijiet finanzjarji (f) | – 7 | – 7 |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **39** | **66** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **377** | **528** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 330 | 330 |
| Attiv fiss tanġibbli | 1 555 | 1 866 |
| Riċevibbli għal żmien twil | 500 | 494 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 217 | 1 151 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 2 180 | 2 611 |
| Flus likwidi u ekwivalenti | 7 799 | 6 097 |
| **Total ta' l-attiv** | **12 581** | **12 548** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Kontijiet pagabbli | 7 434 | 7 779 |
| **Total tal-passiv** | **7 434** | **7 779** |
| **Assi netti** | **5 147** | **4 770** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ akkumulat favur/kontra | 4 770 | 4 242 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 377 | 528 |
| **Kapital nett** | **5 147** | **4 770** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IT-TWEĠIBIET TA' L-AĠENZIJA

7. Sabiex ikun hemm iktar kandidati fil-kompetizzjoni, il-Kumitat ta' Selezzjoni għażel li jinkludi l-kandidati li kienu ġew l-iktar viċin tal-kriterji fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti. Fil-ġejjieni, l-Aġenzija se terġa' tippublika l-avviż meta jerġa' jkun hemm sitwazzjoni simili.

Il-kandidati li ġew mistiedna għall-intervista ssodisfaw il-kriterji ta' selezzjoni mnżżla fl-avviż ta' kompetizzjoni. Fil-proċeduri ta' reklutaġġ li jmiss, l-Aġenzija se tiddokumenta aħjar l-għażla tal-kandidati li jkunu ntgħażlu għall-intervista.

8. Fir-rigward ta' l-għotjiet diretti ta' servizzi: l-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni ta l-approvazzjoni tiegħu minħabba l-benefiċċji importanti li dawn kienu jagħtu lill-Aġenzija. Ġie ikkunsidrat li kien hemm biżżejjed dokumentazzjoni fir-rigward tan-natura unika tal-każ fuq il-fajl sabiex tispjega l-approċċ adottat. Fil-futur, l-Aġenzija se tmexxi każijiet simili b'mod li jkun jaqbel bis-sħiħ mar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward ta' l-għotja ta' kuntratt speċifiku: kien sar neċessarju sabiex titkabbar il-kapaċità tal-memorja u tas-server tas-sistema u għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba dan sar billi ġiet estiża l-ordni inizzjali. Fl-*upgrade* segwenti tas-sistema tal-memorja u tas-server ta' l-EEA fl-2008, is-suq reġa' ġie għal darb'oħra kkonsultat. L-Aġenzija se tkompli tuża dan il-metodu fil-ġejjieni għal kull akkwist sostanzjali relatat ma' l-IT.

9. L-Aġenzija diġà introduċiet proċeduri ġodda għal ċentri tematiċi ġodda b'mod konformi mar-Regolament Finanzjarju. Fl-ikkunsidrar ta' l-osservazzjonijiet tal-Qorti, dawn il-proċeduri jinkludu żjarat ta' verifika fl-organizzazzjonijiet prinċipali taċ-ċentri tematiċi u imsieħba magħżula kif ukoll kontrolli dettaljati qabel ma jsiru l-pagamenti finali. Fil-bidu ta' l-2008, saru żjarat ta' verifika fi tliet organizzazzjonijiet prinċipali u msieħeb wieħed fir-rigward tas-sussidji ta' l-2007. Dawn il-proċeduri l-ġodda huma parti mill-isforzi kontinwi ta' l-Aġenzija sabiex tassigura u ttejjeb l-adegwatezza u l-effikaċja tal-kontrolli eżistenti.

10. Ir-rata fissa ġiet ikkunsidrata iktar fit-tul qabel ma ġiet adottata u ġiet espliċitament ikkunsidrata mill-Aġenzija fil-preparazzjoni tat-termini ta' referenza. L-Aġenzija ikkunsidrat ir-rata fissa a "20 % bħala waħda raġjonevoli. Madanakollu, huwa wkoll rikonoxxut li għada ma ġiet stabbilita l-ebda" deċiżjoni motivata' u li jeħtieġ li l-bord ta' tmexxija jirranġa din is-sitwazzjoni għal sejħiet futuri.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/11)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 72 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 72 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 72 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 74 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 78 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija") ġiet imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE ta' l-14 ta' Jannar 2005 (1). L-Aġenzija kienet imwaqqfa għal perijodu li beda fl-1 ta' Jannar 2005 u li jintemm fil-31 ta' Diċmebru 2015 (2). L-Aġenzija huwa tmexxi *programmi* li jiġu deċiżi mill-Kummissjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwali u l-kultura, li jinvolvu l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE), Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 (3); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 (4) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI (5), sa fejn dawn huma applikabbli fil-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit amministrattiv finali ta' l-2007 ta' l-Aġenzija ammonta għal 36,0 miljun euro meta mqabbel mas-27,7 miljun euro għas-sena ta' qabel. Din iż-żjieda hija spjegata prinċipalment permezz ta' l-estensjoni tal-mandat ta' l-Aġenzija biex timplimenta l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-programmi ta' l-UE għall-perijodu ta' l-2007-2013. 6,8 miljun euro ta' l-approprijazzjonijiet tal-baġit ġew trasferiti għall-2008. Parti sinifikanti ta' dawn it-trasferimenti kienu jikkonċernaw is-servizzi esterni kkuntrattati fl-2007 li fil-biċċa l-kbira tagħhom ser ikunu implimentati fl-2008 (żvilupp ta' l-IT, verifika, esperti, eċċ.). Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' l-annwalità ma ġiex strettament osservat.

8. 1,1 miljun euro ta' l-approprijazzjonijiet trasferiti mill-2006 kienu kkanċellati fl-2007 prinċipalment minħabba fid-dikjarazzjoni żejda tan-nefqa relatata ma' l-espert u d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-kuntratti tal-verifika. Numru għoli ta' verifiki (6) magħmula qabel l-aħħar ta' l-2006 xorta ma ngħalqux sa l-aħħar ta' l-2007. L-approprijazzjonijiet korrispondenti kellhom jiġu kkanċellati u l-Aġenzija ser ikollha tuża l-approprijazzjonijiet ta' l-2008 biex tħallas l-ispejjeż relatati ma' dawn il-verifiki. Hemm riskju li din is-sitwazzjoni terġa' tirrepeti ruħha fl-2008 (7). Is-sitwazzjonijiet deskritti hawn fuq juru li għad hemm lok għal titjib fl-ipprogrammar u l-ibbaġitjar ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija.

9. Għal kuntratt wieħed (8), il-pagament intermedjarju sar mill-Aġenzija għall-miżati, minkejja l-fatt li mhux id-dokumentazzjoni ta' sostenn neċessarja kollha kienet ipprovduta mill-kuntrattur.

(1) ĠU L 24, 27.1.2005, p. 35.
(2) ĠU L 49, 17.2.2007, p. 21.
(3) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 5.
(4) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fis-16 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-8 ta' Lulju 2008.
(5) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

(6) Madwar 34 kuntratt ta' valur totali ta' 139 103,74 euro.
(7) Iktar minn 1,1 miljun euro ta' approprijazzjonijiet relatati mal-"Miżati tal-verifika" (Artiklu 264 tal-baġit) ġew trasferiti mill-2007 għall-2008.
(8) Kuntratt għall-organizzazzjoni tal-konferenza annwali Erasmus Mundus Consortia (Valur tal-kuntratt: 283 953,50 euro).

10. L-Aġenzija għad trid tadotta linji gwida prattiċi u formali ta' reklutaġġ għal persunal temporanju u b'kuntratt. Dan kieku jassigura aktar proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (EACEA), Brussell**

| Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE ta' l-14 ta' Jannar 2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/114/KE tat-8 ta' Frar 2007 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007<br>*(Data għall-2006)* | Attivitajiet u Riżultati fl-2007<br>(Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007) |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità.<br>*(Artikolu 149(1) tat-Trattat)*<br>Il-Komunità għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali.<br>*(Artikolu 150(1) tat-Trattat)*<br>Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati membri.<br>*(Artikolu 151(1) tat-Trattat)*<br>Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità.<br>*(Artikolu 157(1) tat-Trattat)* | **Objettivi**<br>Fil-qafas tal-politika edukattiva, kulturali u industrijali, ittieħdu diversi miżuri sabiex jippromwovu l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-awdjoviżwali, il-kutura, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza attiva fl-Unjoni Ewropea. L-objettivi prinċipali ta' dawn il-miżuri huma sabiex jirrinforzaw il-koeżjoni soċjali u sabiex jikkontribwixxu lejn il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku u unjoni akbar bejn il-popli ta' l-Ewropa.<br>Dawn il-miżuri jinkludu varjetà ta' programmi Komunitarji.<br>L-Aġenzija hija responsabbli sabiex tmexxi ċerti linji ta' dawn il-programmi (per eżempju "Tagħlim għal tul il-ħajja", "Kultura", "Żgħażagħ fl-Azzjoni", "L-Ewropa għaċ-Ċittadin", "il-MEDIA", "Erasmus Mundus" u "External Cooperation Windows"). F' dan ir-rispett, hija timplimenta l-għajnuna komunitarja, minbarra l-evalwazzjoni tal-programm, studji strateġiċi u kompiti oħra li jeħtieġu poteri diskrezzjonali sabiex jittraduċu l-għażliet politiċi. | **Kompiti**<br>— Sabiex tmexxi, matul iż-żmien tagħhom, il-proġetti speċifiċi fdati lilha fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji.<br>— Sabiex tadotta l-istrumenti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għad-dħul u għan-nefqa u sabiex twettaq, fejn il-Kummissjoni tkun tatha l-poter li tagħmel hekk, l-operazzjonijiet neċessarji għat-tmexxija tal-programmi Komunitarji u, b'mod partikolari, dawk marbuta ma' l-assenjazzjoni ta' għotjiet u kuntratti.<br>— Sabiex tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiggwida l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji.<br>— Sabiex timplimenta, fil-livell Komunitarju, in-netwerk ta' informazzjoni dwar l-edukazzjoni fl-Ewropa (Eurydice) għall-ġbir, analiżi u tixrid ta' informazzjoni u l-produzzjoni ta' studji u pubblikazzjonijiet. | 1 **Kumitat Direttiv**<br>Magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea.<br>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv ta' l-Aġenzija u r-rapport ta' l-attività annwali tagħha.<br>2 **Direttur**<br>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.<br>3 **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br>4 **Awtorità ta' kwittanza**<br>Il-Parlament Ewropew wara rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Il-baġit finali ta' l-2007**<br>1) Baġit operattiv<br>406 (*310,2*) miljun euro għat-tmexxija tal-programmi Komunitarji u proġetti delegati lill-Aġenzija Eżekuttiva u implimentati mill-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.<br>2) Baġit amministrattiv:<br>36 (*29,2*) miljun euro biex l-Aġenzija eżekuttiva topera bħala korp indipendenti<br>(99,9 % sussidju daħal fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej + 0,1 % mill-EDF).<br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br>1) Persunal Temporanju:<br>83 (*75*) kariga għall-Persunal Temporanju.<br>Kariga okkupata: 69 (*64*)<br>Proporzjon AT: 25 %<br>2) Persunal Kuntrattwali:<br>252 (*221*) persunal kuntrattwali<br>Karigi okkupati: 232 (*214*)<br>Proporzjon AC: 75 %<br>3) *Total tal-persunal:* 301(*278*)<br>4) Allokazzjoni ta' impjiegi:<br>— Operattivi: 242 (*227*)<br>— Amministrattivi: 57 (*49*)<br>— Varji: 2 (*2*) | a) **Attivitajiet u riżultati fl-2007**<br>— Skond L-estensjoni tal-mandat tagħha u b'konformità mal-prinċipju ta' [estjoni finanzjarja tajba, l-Aġenzija Eżekuttiva rnexxiela tamministra ċerti partijiet tal-programmi tal-ġenerazzjoni l-ġdida (2007-2013) fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ta' l-awdjoviżwali u tal-kultura, inklużi studji, entitajiet nazzjonali u sejhiet addizzjonali għall-proposti. L-Aġenzija Eżekuttiva implimentat ukoll l-azzjonijiet iddelegati mill-2007 fil-qasam tal-koperazzjoni esterna fl-edukazzjoni għolja u taħriġ.<br>— B'mod parallell, l-Aġenzija kompliet bil-ġestjoni tal-programm li għadu għaddej erasmus mundus(2004-2008) u l-kompiti mmirati lejn it-tlestija tal-ġenerazzjoni preċedenti tal-programmi li skadew fl-aħħar ta' l-2006.<br>— L-Aġenzija Eżekuttiva tejbet il-koperazzjoni mad-DGs prinċipali — EAC u INSFO — u għaqqdet l-isforzi mat-3 Dprinċipali EuropeAid<br>b) **Riżultati miksuba fl-2007 (indikaturi)**<br>— Ġew ippubblikati 39 sejħa għal proposti għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi 2007-2013; il-proċessi relevanti ta' selezzjoni ġew organizzati fil-ħin. Aktar minn 4 000 proġett ġew magħżula għall-għoti ta' għotjiet, li kważi kollha rriżultaw f'kuntratt sa l-aħħar ta' l-2007.<br>— Rigward it-tlestija ta' programmi preċedenti, l-analiżi ta' aktar minn 4 100 rapport finali ġiet kompluta; madwar 4 700 pagament finali ġew magħmula; 3 400 proġett għalqu fl-2007. |

| Oqsma ta’ kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta’ l-Aġenzija hekk kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE ta’ l-14 ta’ Jannar 2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/114/KE tat-8 ta’ Frar 2007 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 *(Data għall-2006)* | Attivitajiet u Riżultati fl-2007 (Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — Barra dan, 650 rapport finali taħt il-programm il-ġdid “l-Ewropa għaċ-ċittadin” ġew analizzati u l-pagament finali relattiv ġie magħmul.<br>— Ir-rati ta’ l-eżekuzzjoni tal-baġit laħqu d-99 % għall-approprijazzjonijiet impenjati u 95 % għall-approprijazzjonijiet tal-pagamenti (baġit operattiv)<br>— +/- 200 żjara ta’ monitoraġġ ġew imwettqa għall-proġetti li għadhom għaddejjin.<br>— Tnedija ta’ 15-il sejħa għall-offerti/għal proċeduri ta’ akkwist għall-eżekuzzjoni ta’ studji u servizzi: 6 kuntratturi ġew magħżula sa l-aħħar ta’ l-2007.<br>— Firxa ta’ miżuri ta’ simplifikazzjoni ġew implimentati biex jitjiebu l-proċessi tat-tmexxija u l-proċeduri favur il-benefiċjarji u biex il-proċeduri interni ta’ ħidma jiġu armonizzati u aċċellerati.<br>— Fl-2007 inbdew il-miżuri neċessarji ta’ reklutaġġ biex it-tmexxija tal-European Eurydice unit tittieħed f’idejha mill-2008.<br>— Implimentazzjoni ta’ metodoloġija biex tiġbor, tanalizza u xxerred ir-riżultati tal-proġetti. Barra minn hekk, firxa ta’ proġetti; laqgħat kick-off u tliet InfoDays ġew imwettqa fl-2007. Sa l-aħħar ta’ l-2007, il-website ta’ l-Aġenzija rreġistrat madwar 7 000 żjara kuljum u 40 000 viżitatur uniku fix-xahar.<br>— 110 verifiki ġew magħluqa (60 %) minn dawk il-185 verifika mhux mitmuma li kienu trasferiti mid-DĠ EAC fl-2006.<br>— Rigward il-pjan ta’ verifika ta’ l-Aġenzija għas-sena 2006 (99), ġew imwettqa 98 żjara ta’ verifika u 25 verifika ġew magħluqa. 6 abbozzi ta’ rapporti għadhom mistennija. L-Aġenzija ħejjiet pjan ta’ verifika fl-2007u skedat 138 żjara ta’ verifika fuq il-post. |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (EACEA), Brussell — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji (1) | 36 027 (2) | 36 136 | Titolu I Persunal | 21 008 | 20 201 | 19 178 | 1 023 | 807 | 1 220 | 927 | 293 |
| | | | Titolu II Amministrazzjoni | 15 019 | 14 231 | 8 437 | 5 795 | 787 | 5 468 | 4 629 | 839 |
| **Total** | **36 027** | **36 136** | **Total** | **36 027** | **34 432** | **27 615** | **6 818** | **1 594** | **6 688** | **5 556** | **1 132** |

(1) Żona Ekonimika Ewropea.

(2) Li jinkludu 50 000 mill-FED.

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (Brussell) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 33 191 | 26 397 |
| Dħul ieħor | 292 | |
| **Total (a)** | **33 483** | **26 397** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Spejjeż tal-persunal | 15 665 | 13 071 |
| Spejjeż relatati ma' attiv fiss | 210 | 57 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 17 005 | 9 725 |
| **Total (b)** | **32 880** | **22 853** |
| Spejjeż fuq operati finanzjarji | 4 | 0 |
| **Total (c)** | **4** | **0** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (d = a – b – c)** | **599** | **3 544** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor *id-data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (Brussell) — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 222 | 159 |
| Attiv fiss tanġibbli | 338 | 243 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 915 | 1 252 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 9 829 | 7 886 |
| **Total ta' l-attiv** | **11 304** | **9 540** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti | 476 | 310 |
| Kontijiet pagabbli | 6 684 | 5 686 |
| **Total tal-passiv** | **7 160** | **5 996** |
| **Assi netti** | **4 144** | **3 544** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 3 544 | — |
| Riżlutat ekonomiku tas-sena | 599 | 3 544 |
| **Kaptial Nett** | **4 144** | **3 544** |

*NB:* Varjazzjonijiet fit-total huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor *id-data* mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA**

7. Fl-2007 l-Aġenzija diġa' naqqsat 4 % taxxa fuq somma miġjuba 'l quddiem mill-2006. Minn naħa l-oħra, it-tieni tiġdid fl-2008 ta' ċerti kuntratti ta' servizz iffirmati fl-aħħar ta' l-2006 wara li l-Aġenzija kellha awtonomija finanzjarja fuq perjodu qasir sabiex tkun rimedjata din is-sitwazzjoni fil-kuntest ta' krediti li ġew miġjuba 'l quddiem lejn l-2009.

8. In vista ta' evitar ta' annullamenti ta' krediti miġjuba 'l quddiem l-Aġenzija waqqfet proċedura ta' għeluq fl-aħħar ta' l-2007 intiża sabiex ma ġġibx ħlief l-N+1 il-krediti destinati għal ħlas ta' riċevuti mhux riċevuti f'31/12/N. Il-ftehimiet provviżorji kienu wkoll suġġett ta' tisħiħ fis-sena 2007. F'dak li jikkonċerna l-awditjar, is-segwitu ta' assorbiment ta' backlog eżistenti fl-2006 kompla jikkostitwixxi prijorità għall-2008. Il-pjan ta' l-awditjar 2008 kien ukoll adattat sabiex jippermetti l-assorbiment tal-backlog minn naħa u minn naħa oħra sabiex tkun assigurata l-eżekuzzjoni l-aktar mgħaġġla ta' dan ta' l-aħħar.

9. Meħud in konsiderazzjoni ż-żmien perentorju partikolarment qasir bejn id-data tas-seminar u d-data tas-sottomissjoni tar-rapport, l-Aġenzija ftehmet mal-kuntrattur li r-rapport intermedjarju jkun limitat għaddejta finanzjarja u l-konferma ta' numru ta' parteċipanti. Il-verifika tapprofondixxi tad-dokumenti kollha għadu għaddej qabel il-ħlas finali.

10. Il-Gwida Prattika ser tiġi adottata malli l-proċedura ta' konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Personal tkun iffinalizzata.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2008/C 311/12)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 80 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 80 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-8 | 80 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 81 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 85 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-Aġenzija") hija dik li kienet l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (IEEA). Il-mandat tagħha u d-dewmien tagħha ġew mibdula wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda ([1]) d-Deċiżjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 ([2]). L-Aġenzija kienet stabbilita għal perjodu limitat ta' żmien li beda fl-1 ta' Jannar 2004 u li issa ser jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2015 bl-għan li jmexxi azzjonijiet Komunitarji fil-qasam ta' l-enerġija, l-intrapriża u l-innovazzjoni, u t-trasport tal-merkanzija sostenibbli.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni importanti meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE), Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 ([3]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([4]) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([5]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit finali ta' l-Aġenzija għall-2007 ammonta għal 6,9 miljun euro meta mqabbel mal-5,2 miljun euro allokati lill-IEEA s-sena ta' qabel. Kważi 90 % tal-baġit, 6,2 miljun euro, kien impenjat imma 2,1 miljun euro inġab 'il quddiem. Parti sinifikanti minn dawn it-trasferimenti kkonċernaw oġġetti u servizzi li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ser jiġu kkunsinnati fl-2008. Din is-sitwazzjoni ma qablitx mal-prinċipju ta' l-annwalità. Barra minn hekk l-ammonti miġjuba 'l quddiem ġew stmat żżejjed bi 0,3 miljun euro.

8. Minħabba fl-estensjoni tal-mandat ta' l-Aġenzija, il-baġit tal-bidu ġie emendat darbtejn matul is-sena ([6]). L-Aġenzija ppubblikat iż-żewġ baġits li jemendaw fil-Ġurnal Uffiċjali biss fl-4 ta' Jannar ta' l-2008. Il-figuri rreveduti li ġew ippubblikati ma ntwerewx b'mod separat għal kull baġit emendat. Din is-sitwazzjoni ma qablitx mal-prinċipju tat-trasparenza.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

([1]) ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52.
([2]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.
([3]) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 5.
([4]) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-18 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2008.
([5]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).
([6]) L-ewwel baġit li jemenda kien approvat mill-Kumitat Direttiv fit-12 ta' Lulju 2007 u t-tieni fis-17 ta' Ottubru 2007. L-ewwel baġit li jemenda ġie wara deċiżjoni biex il-baġit tal-bidu jiżdied minn 4,563 miljun euro għal 9,910 miljun euro. It-tieni emenda li saret f'Ottubru mmirat li tnaqqas il-baġit għal 6,937 miljun euro.

*Tabella 1*

**EACI — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Brussell)**

| Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2007 (*Data għall-2006*) | Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Objettivi** | **Kompiti** | | | |
| 1. Il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent; il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem; l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali u il-promozzjoni ta' miżuri fuq livell internazzjonali li jittrattaw problemi ambjentali kemm reġjonali kif ukoll globali.<br><br>*(l-Artikolu 174 tat-Trattat)*<br><br>2. Il-politika tal-Komunità dwar l-industrija għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità jeżistu billi thaffef l-adattament ta' l-industrija għal bidliet strutturali, tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' u koperazzjoni bejn l-intrapriżi, tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi din il-koordinazzjoni.<br><br>*(l-Artikolu 157 tat-Trattat)* | Fi ħdan il-qafas ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi, l-Unjoni Ewropea ħadet miżuri biex tippromwovi u tiżviluppa l-kompetittività u l-innovazzjoni.<br><br>Dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment tal-Programm Kwadru tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) 2007-2013 (Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE), notevolment mal-programmi ta' l-Enerġija Intelliġenti — Ewropa (IEE) u ta' l-Intrapriża u l-Innovazzjoni (EIP). Dawn jinkludu wkoll il-Programm Marco Polo (Regolament (KE) Nru 1692/2006).<br><br>L-objettivi ewlenin b'mod partikolari huma t-trawwim tal-kompetittività ta' l-intrapriżi, b'mod partikolari Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs); il-promozzjoni tal-forom kollha ta' innovazzjoni, inkluż l-eko-innovazzjoni; il-promozzjoni ta' effiċjenza ta' l-enerġija u sorsi ta' l-enerġija ġodda u rinnovabbli fis-setturi kollha inkluż dak tat-trasport.<br><br>Taħt dan il-programm Komunitarju, l-Aġenzija hija responsabbli għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet li jikkonċernaw l-għajnuna tal-Komunità, ħlief għall-evalwazzjoni tal-programm, il-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-istudji strateġiċi, jew kull azzjoni oħra li taqa' b'mod esklussiv taħt il-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni Ewropea. | Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji li għalihom id-delega tal-kompiti mill-Kummissjoni lill-Aġenzija kienet effettiva fl-2007, notevolment l-IEE I mill-1 ta' Lulju 2005, IEE II mis-26 ta' Lulju u l-EIP mill-1 ta' Novembru 2007:<br><br>— Li timmaniġġja l-istadji kollha matul iċ-ċiklu ta' proġetti speċifiċi.<br><br>— Li tadotta l-istrumenti għall-implimentazzjoni tal-baġit u li twettaq, meta l-Kummissjoni tkun tatha l-poter li tagħmel dan, l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex timmaniġġja l-programm tal-Komunità u, b'mod partikolari, dawk marbuta ma' l-għoti ta' kuntratti u għotjiet ta' flus.<br><br>— Il-ġbir, l-analiżi u t-trasmissjoni lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa biex titmexxa l-implimentazzjoni tal-programm.<br><br>— Fir-rigward ta' l-EIP, wkoll li tkun inkarigata mit-tmexxija tal-proġetti tan-netwerk ta' appoġġ għan-negozji u għall-innovazzjoni. | 1. **Kumitat Direttiv**<br><br>Magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv ta' l-Aġenzija u r-rapport ta' l-attività annwali tagħha.<br><br>2. **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.<br><br>3. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br><br>4. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali**<br><br>A) 137,3 (*53,2*) miljun euro (100 % baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea li minnu 63,7 miljun euro għall-IEE, u 73,5 miljun euro għall- EIP. L-Aġenzija timplimenta l-baġit operattiv taħt ir-responsabbilità tal-Kummissjoni).<br><br>B) 6,9 (*5,2*) miljun euro (100 % sussidju Komunitarju) għall-baġit amministrattiv li l-Aġenzija timplimenta b'mod awtonoma.<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006**<br><br>35 (*16*)-il kariga TA elenkata fil-pjan ta' stabbiliment li minnhom 22 (*16*) kienu okkupati.<br><br>**Karigi oħra:**<br><br>Persunal fuq kuntratt: 77 30 kariga ppjanata, li minnhom 47 (25)kienu okkupati.<br><br>*Persunal totali fil-31.12.2007: 69*<br><br>Responsabbli għal<br><br>Kompiti operazzjonali: 54 (*31*)<br><br>Kompiti amministrattivi: 15 (*10*) | **Għall-programm IEE:**<br><br>— Immonitorat 425 proġett ta' l-IEE li għanhom għaddejja (ippremjati taħt is-Sejħiet għall-proposti annwali 2003-2006). 318-il Rapport ġew ipproċessati u l-ħlasijiet magħmula lill-benefiċjarji kif xieraq. L-Aġenzija pparteċipat f'70 laqgħa ta' proġetti u organizzat 6 kumitati tematiċi ta' xogħol tal-koordinaturi tal-proġetti bil-parteċipazzjoni tad-DĠ "prinċipali" u servizzi oħra relatati.<br><br>— L-Aġenzija għażlet 99 proġett minn 296 proposta ppreżentata taħt is-sejħa għall-proposti ta' l-2006 — madwar 2000 organizzazzjoni minn 30 pajjiż ħadu sehem.<br><br>— L-Aġenzija nediet u ppromwoviet is-sejħa għall-proposti ta' l-2007 permezz tal-websajt ta' l-IEE, twissijiet elettroniċi permezz ta' aħbarijiet u serje ta' ġranet info (700 parteċipant fil-Ġurnata Ewropea Info u 3 000 parteċipant fil-45 ġurnata nazzjonali Info). 439 proposta ġew ippreżentati, madwar 50 % iktar mis-Sejħa ta' qabel.<br><br>— L-Aġenzija ħolqot u xerrdet informazzjoni dwar il-programm u r-riżultati tiegħu permezz tal-websajt ta' l-IEE (1,4 miljun page views u 0,5 miljun download), twissijiet elettroniċi regolari permezz ta' l-aħbarijiet mibgħuta lill- 6 000+ kuntatt, opuskoli ġodda tal-proġetti ta' l-IEE (60 000 download), Rivisti bl-Aħbarijiet dwar l-Enerġija Intelliġenti (143 000 download) u 5 rapporti video li jittrattaw dwar stejjer ta' proġetti ta' l-IEE — (minn ta' l-inqas 17-il miljun telespettatur (tat-TV) ra dan il-materjal). |

| **Total** | **52 207** | **48 350** | **Total** | **52 207** | **47 517** | **38 920** | **8 596** | **4 820** | **7 889** | **6 400** | **1 489** |

([1]) Rimborż miċ-Ċentru Ewropew tat-Traduzzjoni: l-ammont rimborżat intuża għal spejjeż relatati mat-traduzzjoni.

*NB:* Varjazzjonijiet fit-total huma riżultat ta’ aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Awtorità. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* pprovduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 46 202 | 35 117 |
| Dħul ieħor | 27 | 23 |
| **Total (a)** | **46 229** | **35 140** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 20 475 | 16 014 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 1 005 | 771 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 9 690 | 8 303 |
| Nefqa operattiva | 13 144 | 8 950 |
| **Total (b)** | **44 314** | **34 038** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivI (c = a – b)** | **1 915** | **1 102** |
| Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e) | 1 | 3 |
| Nefqa mill-operazzjonijiet finanzjarji (f) | 3 | 4 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **– 2** | **– 1** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **1 913** | **1 101** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Awtorità. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* pprovduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 962 | 687 |
| Attiv fiss tanġibbli | 1 789 | 950 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 354 | 224 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 97 | 43 |
| Riċevibbli oħra | 478 | 112 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 11 308 | 10 607 |
| **Total ta' l-attiv** | **14 988** | **12 624** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 523 | 388 |
| Kontijiet pagabbbli | 7 767 | 7 451 |
| **Total tal-passiv** | **8 290** | **7 839** |
| **Attiv nett** | **6 698** | **4 785** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 4 785 | 3 684 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 1 913 | 1 101 |
| **Kapital nett** | **6 698** | **4 785** |

*Sors:* *Data* pprovduta mill-Awtorità. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* pprovduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TA' L-AWTORITÀ

7. Mill-2008, il-proġetti l-ġodda kollha li għalihom l-Awtorità tirċievi kontribuzzjonijiet speċifiċi mingħand il-Kummissjoni, jiġu rreġistrati u mmonitorjati skont linji baġitarji ta' dħul assenjati (C4).

8. Is-sena 2007 kienet l-ewwel sena li fiha tnedew għotjiet xjentifiċi. Fl-2008, ittieħdu bosta miżuri bħal: ippjanar bikri tas-sejħiet, mudelli, *vademecum* (manwal ta' referenza) u appoġġ amministrattiv addizzjonali sabiex tithaffef it-tnedija ta' sejħiet għal għotjiet. Fl-istess ħin, bħalissa għaddej l-ippjanar tas-sejħiet għal għotjiet tal-2009, bil-għan li wħud minnhom jitnedew diġà fil-ħarifa tal-2008. Bil-proċeduri l-ġodda li għandhom x'jaqsmu mal-ipproċessar tat-tlugħ mal-perjodu ta' wara (*carry-forward*) u b'konformità mal-prinċipju tal-annwalità, ir-rata tat-tlugħ tal-2007 (17 % tal-baġit finali) naqset meta mqabbla mar-rata tal-2006 (22 %), madankollu fl-2008, sejjer jibqa' jsir sforz f'dan il-qasam.

9. Il-korretturi koeffiċjenti għall-kriterji ta' għażla kollha u l-marki tal-limitu sabiex kandidat jgħaddi għall-fażi tal-evalwazzjoni li jmiss u/jew sabiex jitpoġġa fuq lista ta' riżerva jiġu deċiżi mill-Bord ta' Għażla f'laqgħa ta' evalwazzjoni preliminari li ssir wara d-data ta' skadenza għall-applikazzjoni għall-post vakanti. Madankollu, ma jingħata ebda aċċess għad-*database* tal-applikazzjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-korretturi koeffiċjenti. Fid-dawl tal-varjabbiltà għolja tan-numru ta' applikazzjonijiet li jaslu, huwa diffiċli li jiġi stabbilit minn qabel in-numru ta' kandidati li se jikkostitwixxu l-lista ta' riżerva.

10. Talbiet ta' eċċezzjoni jiġu mmonitorjati u rrapportati b'attenzjoni.

Il-valur għoli tat-talbiet ta' eċċezzjoni (705 169 euro jiġifieri: 83 % tal-valur kumplessiv) huwa dovut għal "impenji *a posteriori*" il-maġġoranza tagħhom relatati mal-kuntratti xjentifiċi għal unità speċifika waħda li fiha, minn dak iż-żmien, ikunu ġew implimentati tibdiliet ta' natura organizzattiva.

11.

1) L-osservazzjonjiet fir-rigward tal-proċedura ta' evalwazzjoni finanzjarja għall-kuntratti ta' qafas huma relatati ma' 3 proċeduri ta' sejħiet għal offerti mnedija fl-2005 u fl-2006 kif ukoll ma' kuntratt ta' qafas iffirmat fl-2007. Fil-futur, l-evalwazzjoni tal-offerti finanzjarji għal kuntratti bi prezz fiss se ssir fuq bażi komparabbli. S'issa, 500 000 euro biss ġew riżervati għal dawn it-tipi ta' servizzi.

2) L-ordnijiet speċifiċi għas-servizzi rilevanti ma ssemmewx b'mod espliċitu fil-kuntratt ta' qafas iżda kellhom x'jaqsmu mal-qasam tiegħu (organizzazzjoni ta' avvenimenti). Għal kuntratti ta' qafas futuri, se jsiru sforzi sabiex ikun hemm deskrizzjoni sħiħa tas-servizzi possibbli.

3) Il-korretturi koeffiċjenti u l-kriterji ta' kwalità ġew spjegati fid-dokument tas-sejħa għall-offerti iżda mhux il-korretturi koeffiċjenti sekondarji tal-kriterji sekondarji. Għaldaqstant, minkejja li s-sejħa kienet ikkunsidrata bħala waħda trasparenti biżżejjed, fil-futur il-proċeduri sejrin jissaħħu sabiex jiġu indirizzati dawn il-kummenti.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità

(2008/C 311/16)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-5 | 108 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 6-9 | 108 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 10-18 | 108 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 111 |
| **Ir-risposti ta' l-Awtorità** | | 115 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS għas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (GNSS) (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") twaqqfet bħala Aġenzija Komunitarja mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 ([1]) tat-12 ta' Lulju 2004 sabiex tmexxi l-interessi pubbliċi fir-rigward tal-programmi Ewropej GNSS u biex taġixxi bħala l-awtorità regolatorja għall-programm matul il-fażijiet ta' preparazzjoni u ta' operazzjoni tal-Programm Galileo. L-Awtorità ħadet f'idejha r-responsabbiltà għall-operazzjonijiet finanzjarji tagħha f'Settembru 2006 u, l-2007 hija l-ewwel sena sħiħa tagħha ta' attivita. It-*Tabella 1* tiġbor fil-qosor l-għanijiet u l-attivitajiet ta' l-Awtorità.

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 ([2]) tat-12 ta' Diċembru 2006 estenda l-mandat ta' l-Awtorità sabiex ikopri l-attivitajiet tal-fażi ta' żvilupp (l-ewwel fażi tal-Programm Galileo ([3])) li l-Impriża Konġunta Galileo (GJU) ma rnexxilhiex tik-konkludi qabel il-likwidazzjoni tagħha fil-31 ta' Diċembru 2006. Ir-Regolament assenja lill-Awtorità l-pussess ta' l-attiv tanġibbli u dak mhux tanġibbli miksuba matul il-fażi ta' żvilupp. Fl-2007, l-Impriża Konġunta Galileo trasferixxiet lill-Awtorità 80,5 miljun euro flimkien ma' 70 milljun euro li kienu diġà ġew trasferiti fl-aħħar ta' l-2006.

3. Għalkemm l-Awtorità kienet ġiet imwaqqfa sabiex tissor-velja l-fażi ta' preparazzjoni tal-proġett ([4]), li kellha tiġi fdata lil detentur ta' konċessjoni taħt sħubija bejn il-privat u l-pubbliku, dan l-approċċ ġie abbandunat minħabba nuqqas ta' qbil fuq il-kwistjoni ta' riskji relatati mal-proġett. F'Novembru 2007, wara li rċieva l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċida li jabbanduna l-possibbiltà ta' kuntratt ta' konċessjoni u jiffinanzja l-kostruzzjoni (preparazzjoni) mill-baġit ta' l-UE. L-arkitettura kollha tal-proġett kellha, għaldaqstant, tiġi mfassla mill-ġdid u l-Kummissjoni ressqet proposta fid-19 ta' Settembru 2007 sabiex jiġi emendat ir-Regolament Nru 1321/2004. Din il-proposta ma tiċċarax ir-rwol il-ġdid ta' l-Awtorità u tirreferi, mingħajr iktar det-tall, għal ftehimiet ta' delegazzjoni li għandhom jiġu konklużi bejn l-Awtorità u l-ESA ([5]) dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-programm u l-pussess ta' l-attiv tagħha.

4. Kien f'dan l-ambjent legali pjuttost fraġli li l-kontijiet ta' l-Awtorità ġew ippreparati fl-aħħar ta' l-2007.

5. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Awtorità għas-sena finanzjarja 2007 hija mogħtija fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

([1]) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

([2]) ĠU L 367, 22.12.2006, p. 18.

([3]) Il-programm Galileo huwa maqsum fi tliet fażijiet: żvilupp u validazzjoni (2001-2008); preparazzjoni (2009-2012); u operazzjonijiet kummerċjali (2013 'il quddiem).

([4]) 30 satellita sabiex jiġu stabbiliti fl-orbita u stazzjonijiet terreni relatati.

([5]) Aġenzija Spazjali Ewropea.

## DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([6]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Awtorità, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

7. Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2007 kienu ppreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tibgħat Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

8. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI ([7]), safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

9. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Minħabba fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 3 u 4, u 13 sa 18, il-Qorti ma tistax tifforma opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

## OSSERVAZZJONIJIET

10. Il-baġit finali ta' l-Awtorità għall-2007 kien ta' 436,5 miljun euro. In-nefqiet prinċipali jikkonċernaw iż-żewġ programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satelliti, Galileo u EGNOS ([8]). Il-baġit kien prinċipalment iffinanzjat mis-sussidji tal

([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([7]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([8]) Sistema Ewropea li tkopri n-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja.

-Kummissjoni ([1]), trasferimenti mill-Impriża Konġunta Galileo (GJU) u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi ([2]). L-approprijazzjonijiet proprjament disponibbli għall-Awtorità (210 miljun euro) kienu sostanzjalment inqas mill-436,5 miljun euro previsti inizjalment, minħabba d-dewmien tal-programm Galileo.

11. Anke b’tnaqqis *de facto* ta’ 50 % fil-baġit, il-livell ta’ konsum ta’ approprijazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagamenti għall-attivitajiet operattivi kien baxx: 63 % għall-impenji u 51 % għall-pagamenti.

12. Barra minn hekk, kien hemm nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-baġit, bħal nuqqas ta’ rabta ċara bejn il-programm ta’ xogħol ta’ l-Awtorità u l-baġit, trasferimenti li m’huma la ġġustifikati u lanqas iddokumentati b’mod xieraq, repetizzjoni ta’ dewmien fir-reġistrazzjoni ta’ l-ordnijiet ta’ rkupru ([3]) fil-kontijiet tal-baġit u preżentazzjoni inkonsistenti fl-implimentazzjoni tal-baġit.

13. Skond il-fażi tal-Validazzjoni fl-Orbita (IOV) tal-programm Galileo, qiegħed jiġi maħluq attiv li, ser ikun fil-biċċa l-kbira tiegħu integrat fl-infrastruttura installata taħt il-fażi ta’ preparazzjoni ([4]). Għalhekk, il-fondi investiti f’din l-infrastruttura ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala nefqa fuq ir-riċerka. Dan huwa partikularment importanti peress li s-sistema Galileo hija intiża sabiex tiġi operata fuq bażi kummerċjali mill-2013 ’il quddiem ([5]). Fl-aħħar ta’ l-2007, il-proċess tat-trasferiment ta’ pussess ta’ l-attiv tal-proġett Galileo kien ’il bogħod milli jitwettaq. Minkejja l-iffirmar tal-ftehim ta’ trasferiment bejn il-partijiet interessati (GJU, ESA u l-Awtorità), ma kienet għadha ġiet stabbilita ebda lista ta’ attiv tal-proġett Galileo miżmuma mill-ESA sa l-aħħar ta’ l-2007, għalhekk, l-Awtorità ma kinitx f’pożizzjoni li tiżvela l-eżistenza tagħhom fil-kontijiet tagħha.

14. F’Diċembru 2006, l-attiv miksub taħt il-proġett EGNOS ġie mogħti lill-Awtorità minħabba emenda fir-Regolament Nru 1321/2004 ([6]). Dan l-attiv ser ikun element integrali għas-sistema Galileo (sinjal ta’ back-up neċessarju għal-approvazzjoni uffiċjali għas-sigurtà tat-traffiku ta’ l-ajru). Il-modalitajiet għat-trasferiment ta’ dan l-attiv huma suġġetti għall-ilħuq ta’ ftehim bejn l-investituri oriġinali ta’ l-EGNOS. Dawn in-negozjati ma kinux kompluti sa l-aħħar ta’ l-2007. M’hemm ebda inventarju preċiż u aġġornat ta’ l-attiv ta’ l-EGNOS u ebda indikazzjoni tal-valur tagħhom fil-kontijiet ta’ l-Awtorità.

15. Skond id-dikjarazzjoni GalileoSat ([7]), in-nefqa totali tal-fażi IOV għandha tkun maqsuma ugwalment bejn l-ESA u l-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar ta’ l-2007, il-kontribuzzjoni ta’ l-Unjoni kienet ikbar mill-kontribuzzjoni ta’ l-ESA stess, b’madwar 114–il miljun euro. Dan il-finanzjament minn qabel kien imissu ntwera fil-kontijiet ta’ l-Awtorità.

16. Skond ir-Regolament li hija msejsa fuqu, l-Awtorità rċiviet l-attiv tal-GJU. Dawn jinkludu l-finanzjament minn qabel, li għadu dovut, imħallas lill-ESA. Fil-kontijiet tagħha ta’ l-2007, l-Awtorità inkludiet biss l-attiv likwidu tal-GJU li kien għad fadal sa l-aħħar ta’ l-2006 u li kien ġie trasferit lilha fl-2006 u fl-2007 (70,1 u 80,4 miljun euro rispettivament). Minkejja li l-ESA kienet irċiviet is-somma ta’ madwar 558 miljun euro għall-fażi IOV, 53,7 miljun euro biss imħallsa fl-2007 mill-Awtorità, kienu ġew irreġistrati bħala finanzjament minn qabel. L-Awtorità ma kinitx ivverifikat il-finanzjament minn qabel preċedenti, imħallas mill-GJU sabiex tiddetermina liema ammonti għandhom jidhru fuq in-naħa ta’ l-attiv fil-karta tal-bilanċ tagħha. Għaldaqstant, hemm inċertezza serja rigward l-ammont reali ta’ finanzjament minn qabel pendenti, li jagħmel parti mill-attiv ta’ l-Awtorità ([8]), sa l-aħħar ta’ l-2007.

17. Fl-2006 u l-2007, 150,5 miljun euro kienu trasferiti f’bosta pagamenti mill-GJU lill-Awtorità li rreġistrat dawn it-trasferimenti likwidi bħala finanzjament minn qabel irċevut fost passiv b’skadenza qasira għal 121,2 miljun euro (in-naħa tal-passiv fil-karta tal-bilanċ) u bħala dħul għal 29,3 miljun euro. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-fondi jirrappreżentaw il-bqija tal-kapital tal-GJU sottoskritt f’dak iż-żmien mill-Kummissjoni u l-ESA. Dawn iċ-ċirkustanzi jqajjmu l-kwistjonijiet li ġejjin:

a) Minħabba li m’hemm ebda skeda ċara għal meta l-fondi rċevuti mill-Awtorità ser jintużaw, m’huwiex ċar jekk il-passiv għandux ikun ikkunsidrat bħala passiv b’skadenza qasira;

b) Għalkemm huwa relatat ma’ trasferiment mhux tas-soltu, ta’ ekwità nett miġjub ‘il quddiem mill-GJU, l-ammont ta’ 29,3 miljun euro ġie rreġistrat bħala “riżorsi propji”. Din hija l-unika raġuni għaliex hemm bilanċ (favur) kbir għas-sena (27,1 miljun euro). Sabiex ma tgħawwiġx l-immaġini ta’ l-operazzjonijiet tas-sena, peress li dan l-ammont huwa dħul minn snin preċedenti, ma kellux jiġi rreġistrat mill-ġdid mal-kont tar-riżultat ekonomiku. Iżda kellu jiġi kkunsidrat bħala trasferiment sempliċi ta’ ekwità. Il-propju kont tar-riżultat ekonomiku kellu jkun żbilanċ ta’ 2,3 miljun euro.

([1]) Sussidji għall-operat ta’ 7,6 miljun euro u fondi operattivi ta’ 194,5 miljun euro.

([2]) MATIMOP (iċ-Ċentru ta’ l-Industrija Iżraeljana għar-Riċerka u l-Iżvilupp), iċ-Ċentru Nazzjonali għas-“Sensing” mill-Bogħod taċ-Ċina (NRSCC — Repubblika Popolari taċ-Ċina) u l-Belġju.

([3]) Ordnijiet ta’ rkupru huma stabbiliti wara li jiġu rċevuti l-fondi korrispondenti u mbagħad irreġistrati, ġeneralment b’dewmien, fil-kontijiet tal-baġit.

([4]) Stazzjonijiet terreni, protokolli għas-sinjali u saħansitra satelliti (attiv tanġibbli u mhux tanġibbli).

([5]) Is-sinjal EGNOS huwa intenzjonat għall-kummerċjalizzazzjoni qabel ma Galileo jibda jopera.

([6]) Dan kien irrepetut fl-Artikolu 3 tal-ftehim bejn L-Awtorità Ewropea ta’ Sorveljanza u l-Aġenzija Ewropea Spazzjali dwar l-integrazzjoni ta’ l-EGNOS f’Galileo (is-16 ta’ Mejju 2007). In-nefqa totali tal-programm EGNOS hija ta’ madwar 660 miljun euro.

([7]) Id-dikjarazzjoni GalileoSat hija l-pjan prinċipali tal-proġett stabbilit mill-ESA li tispeċifika l-istabbiliment ġenerali tekniku u finanzjarju.

([8]) Din il-kwistjoni hija kkumplikata iktar bil-fatt li l-ESA nfisha tħallas finanzjament bil-quddiem lill-imsieħba industrijali tagħha sa punt li mhux magħruf mill-Awtorità.

Sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tagħha, l-Awtorità għandha tadotta regoli ċari għar-reġistrazzjoni tad-dħul skond is-sistema tal-kontabbiltà ibbażata fuq id-dovuti.

18. Il-GJU kienet irċiviet 15-il miljun euro minn partijiet terzi ([1]). Il-pożizzjoni ta’ dawn l-ammonti m’hijiex ċara u l-ebda dikjarazzjoni speċifika ma saret fil-kontijiet ta’ l-Awtorità ta’ l-2007.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta’ l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta’ l-24 u l-25 ta’ Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta’ l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

([1]) MATIMOP, NRSCC u l-Belġju (5 miljun euro kull wieħed).

*Tabella 1*

**Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitajra stipulati fit-Trattat | Is-setgħat ta' l-awtorità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/04 u kif emendati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/06 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2007 *(2006)* | Prodotti u servizzi 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kompetittività għat-tkabbir u l-impjieg | **Objettivi**<br>— Tmexxi l-interessi pubbliċi fir-rigward tal-programmi Ewropej GNSS — Taġixxi bħala l-awtorità regolatorja għall-<br>— programmi Ewropej GNSS | **Kompiti**<br>— Tikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni mad-detentur privat tal-konċessjoni responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-amministrazzjoni tal-fażijiet ta' preparazzjoni u ta' operazzjoni ta' Galileo;<br>— Tiżgura li d-detentur tal-konċessjoni jikkonforma mal-kuntratt ta' konċessjoni;<br>— Tiżgura l-kontinwitá tas-servizzi f'każ ta' nuqqas min-naħa tad-detentur tal-konċessjoni;<br>— Iġġesti l-fondi allokati lill-programmi Ewropej GNSS;<br>— Tieħu r-responsabbiltà li tmexxi l-ftehim ma' l-operatur ekonomiku inkarigat li jħaddem l-Egnos;<br>— Tippreżenta qafas dwar l-għażliet ta' politika futuri dwar is-sistema Egnos;<br>— Tikkoordina l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-frekwenzi meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni tas-sistema;<br>— Tassisti l-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' proposti għall-programmi Ewropej GNSS;<br>— Timmodernizza s-sistema u tiżviluppa ġenerazzjonijiet ġodda tagħha;<br>— Twettaq kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lill-Kummissjoni;<br>— Tiżgura li l-komponenti tas-sistema huma ċċertifikati kif xieraq;<br>— Tmexxi l-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà u l-protezzjoni tas-sistema;<br>— Tieħu f'idejha it-tlestija tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-programm Galileo;<br>— Twettaq ir-riċerka kollha sabiex il-programmi Ewropej GNSS jibbenifikaw. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br>*Kompożizzjoni*<br>— rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru<br>— rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni<br>*Kompiti*<br>— Jaħtar id-Direttur;<br>— Jadotta l-programm annwali tax-xogħol;<br>— Jadotta l-baġit;<br>— Jadotta r-rapport annwali fuq l-attivitajiet u l-prospetti ta' l-Awtorità<br>2. **Direttur Eżekuttiv**<br>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija.<br>3. **Kumitat tar-Riċerka Xjentifika u Teknika**<br>Magħmul minn esperti rikonoxxuti minn Stati Membri u mill-Kummissjoni.<br>4. **Kumitat għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Sistema**<br>Magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni.<br>5. **Verifika esterna**<br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.<br>6. **Awtorità ta' kwittanza**<br>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill | **Baġit finali**<br>210,0 miljun euro li (*7,0*) minnhom sussidji mill-Komunità 4 % (*100 %*):<br>**Il-Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br>46 (*39*) kariga fil-pjan ta' stabbiliment,<br>li minnhom imtlew: 39 (*18*),<br>+ 10 (*5*) uffiċjali oħra (aġenti b'kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati u persunal interim)<br>Numru tal- persunal; 49 (*23*) li minnhom huma responsabbli minn:<br>— kompiti operattivi: 30 (*9*);<br>— kompiti amministrattivi: 11 (*9*)<br>— kompiti mħallta: 8 (*5*) | **Is-sistema Galileo:**<br>— Sostenn lill-Kummissjoni dwar l-alternattivi ta' Galileo wara t-tmiem in-negozjati tal-Konċessjoni u dwar il-preparazzjoni tal-fażi ta' thejjija għal kapaċità operattiva sħiħa;<br>— Bidu mill-ġdid tal-Bord ta' Kontroll għat-Tibdil fil-Dokumenti meħtieġa għall-Missjoni;<br>— Tnedija ta' Faċilità għas-Sorveljanza u Analiżi tal-Prestazzjoni ta' Galileo;<br>— Kontribuzzjoni ta' task forces u gruppi tax-xogħol għall-frekwenzi;<br>— Ħtieġa ta' ċertifikazzjoni u pjan ta' ċertifikazzjoni għall-Kumitat għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Galileo;<br>— Abbozz ta' standards għal Galileo fis-setturi ta' l-avjazzjoni u marittimu.<br>**Sistema Ewropea li tkopri n-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja (EGNOS):**<br>— L-istrutturar tal-fażi operazzjonali ta' l-EGNOS permezz ta' ftehim ta' linja ta' bażi għall-ftehim ta' qafas ta' l-EGNOS bejn l-Awtorità, il-Kummissjoni, l-ESA u l-Grupp Operatur u Infrastrutturali ta' l-Egnos;<br>— Assistenza lill-Kummissjoni għall-pjan prinċipali ta' l-EGNOS;<br>— Aġġornament tal-Każ ta' Protezzjoni tas-Sistema EGNOS (ħruġ tal-pjan ta' ċertifikazzjoni għall-EGNOS u l-verżjonijiet ġodda tal-Każ ta' protezzjoni tat-Tfassil u tal-Każ ta' Protezzjoni ta' l-Operazzjonijiet ta' l-EGNOS);<br>— Modifikazzjoni lil Dokument ta' Ħtieġa għall-Missjoni ta' l-EGNOS;<br>— Sorveljanza tal-kwalifika operattiva ta' EGNOS;<br>— Produzzjoni ta' dikjarazzjoni ta' xogħol għall-kuntratt mal-fornitur tas-servizzi għall-EGNOS ġejjieni. |

| Oqsma ta' kompetenza Komunitajra stipulati fit-Trattat | Is-setgħat ta' l-awtorità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/04 u kif emendati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/06 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2007 *(2006)* | Prodotti u servizzi 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Sigurtà tas-sistemi:**<br>— Stabbiliment tal-Kumitat għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Sistema u parteċipazzjoni fil-Bord tas-Sigurtà Galileo;<br>— Amministrazzjoni teknika tas-Sistema speċifika għal Dikjarazzjoni tal-Ħtieġa tas-Sigurtà għal Galileo;<br>— Produzzjoni, validazzjoni u applikazzjoni ta' dokumenti għas-sigurtà għall-EGNOS;<br>— Definizzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo.<br>**Żvilupp tas-Suq:**<br>— Definizzjoni ta' l-għodda għall-iżvilupp tas-suq;<br>— Sostenn għad-daħla fis-suq ta' EGNOS.<br>**Riċerka u żvilupp:**<br>— Amministrazzjoni ta' 61 proġett taħt is-Sitt Programm ta' Qafas għar-riċerka trasferiti mill-Impriża Konġunta Galileo;<br>— Preparazzjoni u tnedija ta' l-ewwel sejħa għall-GNSS R&D taħt is-Seba' Programm ta' Qafas tar-Riċerka;<br>— Implimentazzjoni ta' għodda ta' amministrazzjoni u tixrid ta' tagħrif ibbażati fuq il-web. |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mill-Awtorità.

*Tabella 2*

**Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oriġini tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja | | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | | |
| | | | | mdaħħla | disponibbli | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | mdaħħla | impenjati | mħallsa | annullati |
| | | | Titolu I Persunal (NDA) | 4 437 | 4 437 | 4 050 | 3 996 | 54 | 387 | 398 | 0 | 164 | 234 |
| Sussidji komunitarji | 7 599 | 7 599 | Titolu II Amministrazzjoni (NDA) | 1 364 | 1 364 | 1 322 | 526 | 796 | 42 | 878 | 0 | 648 | 230 |
| Fondi operattivi mill-Kummissjoni (R0) | 194 500 | 24 950 | Titolu III Attivitajiet operattivi (DA) | | | | | | | | | | |
| Trasferimenti mill-Impriża Konġunta Galileo (R0) | 234 368 | 150 487 | — CA | 1 798 | 1 798 | 1 653 | 0 | 0 | 145 | 198 | 198 | 0 | 0 |
| | | | — PA | 1 798 | 1 798 | 0 | 1 042 | 0 | 756 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dħul ieħor | 0 | 396 | Dħul assenjat (Phare) | | | | | | | | | | |
| | | | — CA | 428 868 | 202 436 | 128 176 | 0 | 113 475 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | — PA | 428 868 | 175 436 | 0 | 88 961 | 86 475 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | **Total CA** | **436 467** | **210 035** | **135 201** | **0** | **114 325** | **574** | **1 474** | **198** | **812** | **464** |
| **Total** | **436 467** | **183 432** | **Total PA** | **436 467** | **183 035** | **0** | **94 525** | **87 325** | **1 185** | **1 276** | **0** | **812** | **464** |

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji huma ugwali fl-ammont għal approprijazzjonijiet ta' pagament).
CA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' pagament jistgħu jkunu differenti).
DA: approprijazzjonijiet ta' impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.
PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Id-differenza ta' 226,4 miljun euro bejn "mdaħħla" u "disponibbli" ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenji tikkonċerna 50 miljun euro għall-fażi "Validazzjoni fl-Orbita" li ġiet iffinanzjata mill-għotja TEN T, 100 miljun euro għal-fażi preparatorja Galileo, 11,3 miljun euro dovut minn Matimop u 65 miljun dovuti min-NRSCC. Dawn l-ammonti ma kienux magħmula disponibbli fl-2007 minħabba dewmien fil-programm Galileo.

Id-differenza ta' 253,4 miljun euro bejn "mdaħħla" u "disponibbli" ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-pagament tikkonċerna 50 miljun euro għal-fażi "Validazzjoni fl-Orbita" li ġiet iffinanzjata mill-għoti TEN T, 100 miljun euro għal-fażi preparatorja Galileo, 11,3 miljun euro dovuti minn Matimop u 65 miljun li għandhom jiġu kontributi min-NRSCC, bilanċ ta' 2 miljun euro dovuti mis-Sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, bilanċ ta' 20 miljun euro dovuti mis-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp u bilanċ ta' 5 miljun euro li jikkonċernaw għotja lill-EGNOS. Dawn l-ammonti ma kinux magħmula disponibbli fl-2007 minħabba dewmien fil-programm Galileo.

*Sors:* Data mogħtija mill-Awtorità. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 3*

**Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Riżorsi proprji | 31 746 | 0 |
| Sussidji Komunitarji | 51 360 | 1 981 |
| Dħul ieħor | 44 | 60 |
| **Total (a)** | **83 150** | **2 041** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 3 740 | 564 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 77 | 4 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 2 028 | 595 |
| Nefqa operattiva | 50 872 | 53 |
| **Total (b)** | **56 717** | **1 216** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **26 433** | **825** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 643 | 0 |
| Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f) | 0 | 0 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **643** | **0** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **27 076** | **825** |

*Sors:* Data pprovduta mill-Awtorità. Din it-tabella taghti sommarju tad-*data* moghtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali taghha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 111 | 0 |
| Attiv fissi tanġibbli | 228 | 65 |
| **Attiv kurrentI** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 28 | 0 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 68 931 | 59 |
| Likwidità u likwidi ekwivalenti | 91 942 | 76 485 |
| **Total ta' l-attiv** | **161 240** | **76 609** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 68 | 29 |
| Kontijiet pagabbli | 133 271 | 75 755 |
| **Total tal-passiv** | **133 339** | **75 784** |
| **Attiv nett** | **27 901** | **825** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 825 | 0 |
| Riżlutat ekonomiku tas-sena | 27 076 | 825 |
| **Kapital nett** | **27 901** | **825** |

*Sors:* Data pprovduta mill-Awtorità. Din it-tabella taghti sommarju tad-*data* moghtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali taghha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TA' L-AWTORITÀ

12. L-Awtorità qiegħda tieħu l-azzjoni neċessarja bil-għan li ttejjeb il-prestazzjonijiet tagħha fir-rigward tar-rappurtar dwar il-baġit. Fl-2007 l-Awtorità kellha twettaq numru kbir ta' trasferimenti minħabba sitwazzjoni eċċezzjonali tal-baġit (50 % riżerva fuq il-baġit operattiv) li għamilha estremament diffiċli li tinżamm rabta ċara bejn il-programm ta' xogħol u l-baġit.

13. Il-Qorti għandha raġun meta ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li, sal-31 ta' Diċembru 2007, l-Awtorità ma kinitx qiegħda tikkontrolla l-attiv tal-Fażi tal-Validazzjoni fl-Orbita (IOV). F'dak iż-żmien, dan l-attiv kien taħt il-kontroll tal-ESA. Dan kien dovut għan-nuqqas ta' ċertezzi mil-lat ġuridiku li f'dak iż-żmien kien qiegħed jaħkem il-proġett, filwaqt li l-ESA kienet qiegħda ssostni li, bħala organizzazzjoni internazzjonali, ma kinitix marbuta mir-Regolament 1942/2006. L-Awtorità taqbel mal-fatt li huwa mixtieq it-tfassil ta' inventarju tal-attiv tal-proġett. Dan huwa wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-GalileoSat Programme, li l-ESA se tagħmel għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, bħala l-maniġer il-ġdid tal-programm.

14. Il-Qorti għandha raġun meta ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li ma ntlaħaq l-ebda ftehim sal-31 ta' Diċembru 2007 dwar it-trasferimenti tal-attiv ta' EGNOS mill-ESA, u b'konsegwenza ta' dan l-Awtorità ma kinitx qiegħda tikkontrolla dan l-attiv.

15. L-Awtorità tirrikonoxxi biss li ħallset prefinanzjament ta' 53,2 miljuni fir-rigward tal-ispejjeż tal-Fażi ta' Validazzjoni fl-Orbita (IOV), u li dan l-ammont irrappreżenta s-somma totali mħallsa mill-Awtorità lill-ESA għall-Fażi IOV.

16. Il-pagamenti kollha li saru mill-Impriża Konġunta Galileo (GJU) ġew ittrattati bħala nfiq fil-kontijiet annwali tal-GJU u għaldaqstant ma ġewx irreġistrati fil-kontijiet tal-Awtorità. Il-kontijiet tal-GJU għas-sena 2006 ngħataw il-kwittanza mill-Bord Amministrattiv f'Settembru 2007 wara l-eżitu pożittiv tal-opinjoni ta' verifika. Skont il-fehma tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni netta reġistrata fil-kontijiet tal-GJU fi tmiem l-2006 (jiġifieri la f'sitwazzjoni ta' debitur lejn il-Kummissjoni u lanqas f'sitwazzjoni ta' kreditur lejn terzi) irriflettiet is-sitwazzjoni tal-għotjiet.

17.

a) Fid-dawl tal-inċertezza fuq ir-rwol tal-Awtorità fil-proġetti Galileo u Egnos, dawk it-trasferimenti ġew irreġistrati bħala passiv kurrenti. L-Awtorità tirrikonoxxi li, fil-futur, tista' twettaq analiżi aktar dettaljata tal-passiv.

b) L-Awtorità tqies li l-ammont ta' 29,3 miljuni huwa relatat mal-attivitajiet tal-GJU fis-snin preċedenti u mhux mal-attivitjiaet tal-Awtorità fis-snin preċedenti. Għaldaqstant, l-Awtorità tqies dan l-ammont bħal dħul straordinarju fis-sena ta' rrappurtar.

18. Skont l-informazzjoni li rċeviet l-Awtorità, il-Bord Amministrattiv tal-GJU fil-pjan ta' likwidazzjoni ddeċieda li mhu se jkun hemm l-ebda tqassim mill-ġdid tal-ammonti mhux użati lill-azzjonisti tal-GJU.

Il-Likwidatur tal-GJU informa lill-GSA li l-fondi mhux użati kollha (ħlief għall-ammont ta' 200 000 euro) ġew trasferiti lill-Awtorità.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2008/C 311/17)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 117 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 117 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-8 | 117 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 118 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 121 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 ([1]). Ir-Rwol taċ-Ċentru huwa li jipprovdi lill-korpi ta' l-UE, u kwalunkwe istituzzjoniet u korpi ta' l-UE oħra li jitolbu s-servizzi tagħha, bis-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-attivitajiet tagħhom.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2965/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. F'każ minnhom, il-verifika tal-proċeduri ta' l-akkwist uriet li l-evalwazzjoni tal-kriterji ta' l-għoti ma kinitx iddokumentata b'mod xieraq għax iċ-Ċentru ma wettaqx analiżi tal-benefiċċju tan-nefqa ta' l-alternattivi differenti proposti biex jiġġustifikaw l-għażla finali.

8. Kien hemm nuqqas ta' diliġenza meħtieġa fil-mod kif wieħed mis-sitt proċeduri ta' reklutaġġ ivverifikat kien implimentat. Il-fajl eżaminat wera diversi anomaliji (żbalji fil-folji ta' evalwazzjoni, dati mhux irreġistrati b'mod korrett, kif meħtieġ, nuqqas ta' preċiżjoni fid-dokumenti ta' sostenn). Din is-sitwazzjoni ma żguratx it-trasparenza tal-proċedura.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

([1]) ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fis-16 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2008.
([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

*Tabella 1*

**Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja | Kompetenzi taċ-Ċentru Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi fornuti matul is-sena finanzjarja 2007 *(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri bi ftehim reċiproku adottaw dikjarazzjoni, taħt l-aswpiċi tad-dipartimenti ta' traduzzjoni tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu, fuq il-ħolqien ta' Ċentru ta' traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni, li jipprovdu servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-ħidma tal-korpi u servizzi li siġġijiet tagħhom kienu stabbiliti bid-deċiżjoni ta' 29 ta' Ottubru 1993.<br><br>*(Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda fuq il-bażi ta' l-Artikolu 235 tat-Trattat).* | **Objettivi**<br><br>Li jipprovdi s-servizzi neċessarji tat-traduzzjoni għall-operazzjoni tal-korpi segwenti:<br><br>— l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent,<br><br>— il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ,<br><br>— iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew tad-Drogi u l-Abbuż tad-Droga<br><br>— l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini,<br><br>— l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol,<br><br>— l-Uffiċċju ta' l-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Marki u Disinji),<br><br>— l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità tad-Drogi ta' l-Europol.<br><br>Korpi mwaqqfa mill-Kunsill, barra dawk imsemmija hawn fuq jistgħu jużaw is-servizzi taċ-Ċentru. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea li ġa għandhom is-Servizz ta' Traduzzjoni tagħhom stess jistgħu, jekk jiġi l-każ, jsaqsu għas-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja.<br><br>Iċ-Ċentru jieħu sehem bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni. | **Kompiti**<br><br>— Li jagħmel arranġamenti għall-koperazzjoni mal-korpi u l-istituzzjonijiet<br><br>— Li jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni. | 1. **Bord tat-Tmexxija**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>— rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru,<br><br>— żewg rappreżentanti mill-Kummissjoni;<br><br>— rappreżentant minn kull korp jew istituzzjoni li ssaqsi għas-servizzi taċ-Ċentru.<br><br>*Kompitu*<br><br>Jadotta il-programm annwali ta' xogħol taċ-Ċentru u r-rapport annwali.<br><br>2. **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>4. **Verifika interna**<br><br>L-awditur intern tal-Kummissjoni.<br><br>5. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br><br>46,12 (*40,88*) miljun euro.<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>200 (*189*) kariga stabbilita fil-pjan ta' twaqqif,<br><br>karigi okkupati: 176 (*169*).<br><br>**Assenjati fid-doveri li ġejjin:**<br><br>— operattivi: 88 (*80*)<br><br>— amministrattivi: 88 (*89*) | **Numru ta' paġni tradotti**<br><br>732 673 (*546 735*)<br><br>**Numru ta' paġni tradotti għal kull lingwa**<br><br>— lingwi uffiċjali 729 286 (*537 797*)<br><br>— lingwi oħrajn 3 387 (*8 938*)<br><br>**Numru ta' paġni tradotti għal kull klijent**<br><br>— korpi: 711 131 (*531 454*)<br><br>— istituzzjonijiet: 21 542 (*15 281*)<br><br>**Numru ta' paġni tradotti freelance**<br><br>395 701 (*260 303*) |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta miċ-Ċentru.

*Tabella 2*

**Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta’ l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul irċevut | Allokazzjoni ta’ l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba ’l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba ’l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Dħul proprju | 37 967 | 40 291 | Titolu I Persunal | 17 285 | 15 614 | 15 430 | 185 | 1 670 | 196 | 168 | 28 |
| Interessi | 450 | 1 301 | Titolu II Amministrazzjoni | 4 983 | 4 215 | 2 757 | 1 457 | 769 | 1 215 | 1 124 | 91 |
| Bilanċ għas-sena finanzjarja preċedenti | 16 994 | 16 994 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 14 753 | 13 385 | 11 102 | 2 283 | 1 368 | 1 475 | 1 473 | 2 |
| Rifużjoni lill-klijenti | – 9 295 | – 9 295 | Title X Riżerva | 9 095 | 0 | 0 | 0 | 9 095 | 0 | 0 | 0 |
| Dħul ieħor | 0 | 12 | | | | | | | | | |
| **Total** | **46 116** | **49 303** | **Total** | **46 116** | **33 214** | **29 289** | **3 925** | **12 902** | **2 886** | **2 765** | **121** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Riżorsi proprji | 41 317 | 32 817 |
| Dħul ieħor | 211 | 126 |
| **Total (a)** | **41 528** | **32 943** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 15 476 | 13 713 |
| Nefqa relatata ma' l-attiv fiss | 3 875 | 4 195 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 2 229 | 2 021 |
| Nefqa operattiva | 12 810 | 8 757 |
| **Total (b)** | **34 390** | **28 686** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **7 138** | **4 257** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 1 301 | 844 |
| Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f) | 4 | 3 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **1 297** | **841** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **8 435** | **5 099** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrentI** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 539 | 267 |
| Attiv fiss tanġibbli | 551 | 391 |
| **Attiv kurrentI** | | |
| Stokk | 390 | 313 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 6 900 | 5 907 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 34 930 | 34 618 |
| **Total ta' l-attiv** | **43 310** | **41 496** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u spejjeż | 12 829 | 10 600 |
| Kontijiet pagabbli | 2 436 | 1 991 |
| **Total tal-passiv** | **15 265** | **12 591** |
| **Attiv nett** | **28 045** | **28 905** |
| **Riżerva** | | |
| Riżervi | 10 760 | 9 761 |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 8 849 | 14 045 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 8 435 | 5 099 |
| **Kapital nett** | **28 045** | **28 905** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Iċ-Ċentru jieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u se jsaħħaħ il-kontroll ex-ante tiegħu billi jassigura li fil-każijiet meta jkun hemm diversi opzjonijiet possibli, l-analiżi li tevalwa r-relazzjoni bejn il-benefiċċji u r-riskji tibda tkun tagħmel parti sħiħa ta' l-attivitajiet kollha li jkunu jinkludu infiq sinnifikattiv.

8. Iċ-Ċentru jieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u l-proċeduri se jiġu adattati b'mod konformi.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2008/C 311/18)

## WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 123 |
| DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 123 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 123 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 125 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 129 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “iċ-Ċentru”) ġie mwaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 [1]. Il-kompiti prinċipali tiegħu huma li jiġbor u jikkomunika *data* dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-bniedem u biex jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar dan is-suġġett. Huwa meħtieġ ukoll jikkoordina n-netwerk Ewropew tal-korpi li joperaw f’dan il-qasam.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta’ informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2]; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta’ l-Awtorità, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2007 [3] ġew ippreparati mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta’ l-Etika ta’ l-IFAC u l-ISSAI [4], sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta’ bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta’ bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f’diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit finali taċ-Ċentru għall-2007 ammonta għal 28,9 miljun euro, meta mqabbel mas-17,1 miljun euro għas-sena ta’ qabel. Iż-żjieda fil-baġit hija prinċipalment minħabba l-iżvilupp ta’ l-attivitajiet taċ-Ċentru stabbiliti fil-programm multiannwali tiegħu. Intużaw 28,3 miljun euro ta’ l-approprijazzjonijiet impenjati għas-sena 2007, li minnhom 16,3 miljun euro tħallsu u 12,0 il miljun euro ġew miġjuba ‘l quddiem. Il-livell baxx ta’ pagamenti huwa indikatur tad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta’ l-attivitajiet ta’ l-2007. Dan il-livell baxx huwa parzjalment spjegat permezz ta’ fondi addizzjonali (1,8 miljun euro) magħmula disponibbli mill-Kummissjoni fl-aħħar tas-sena. Barra minn hekk, il-livell ta’ emendi tal-baġit [5] jikxef nuqqasijiet fil-monitoraġġ ta’ l-implimentazzjoni tal-baġit. Din is-sitwazzjoni ma tikkonformax mal-prinċipji ta’ l-annwalità u ta’ l-ispeċifikazzjoni.

8. L-inventarju ta’ l-attiv fiss (ammont gross ta’ 3,5 miljun euro) kien ġestit permezz ta’ spreadsheet, li ma tatx garanzija dwar l-integrità tad-*data* u l-ebda inventarju fiżiku eżawrjenti ma sar minn meta twaqqaf iċ-Ċentru

9. Il-programm tax-xogħol taċ-Ċentru għall-2007 huwa bbażat fuq attivitajiet u l-baġit inizjali jsegwi l-istruttura tal-programm tax-xogħol. Madankollu, meta l-emendi tal-baġit kienu deċiżi, ma saret l-ebda evalwazzjoni ta’ l-impatt tagħhom fuq il-programm tax-xogħol u fuq il-kisba ta’ l-objettivi.

[1] ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[3] Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-18 ta’ Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-30 ta’ Ġunju 2008.
[4] Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta’ l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).
[5] L-approprijazzjonijiet tat-Titolu I u tat-Titolu III naqsu rispettivament b’0,9 u 1,3 miljun euro biex jiżdied it-Titolu II.

10. Fl-2007, iċ-Ċentru ħallas 0,5 miljun euro fuq diversi xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-binja mikrija bħala l-post tiegħu. L-istess bħal fl-2006, dawn ix-xogħlijiet ġew deċiżi permezz ta' ftehim bejn iċ-Ċentru u s-sid mingħajr speċifika dwar in-natura tax-xogħlijiet li jridu jsiru u kif ukoll l-iskadenzi u l-kundizzjonijiet ta' pagament. Din is-sitwazzjoni ma kkonformatx mar-Regolament Finanzjarju u lanqas mal-prinċipju ta' l-ekonomija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma)**

| Qasam ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat | Kompetenzi taċ-Ċentru kif speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 851/2004 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha Komunitarji. L-azzjoni tal-Komunità, li għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana. Din l-azzjoni għandha tkopri l-ġlieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa. (*l-Artikolu 152 tat-Trattat*)<br><br>(*l-Artikolu 152 tat-Trattat*) | **Objettivi**<br><br>Issaħħaħ id-difiża ta' l-Ewropa kontra l-mard li jittieħed; speċifikament, jidentifika, jagħmel stima u jikkomunika t-theddid attwali u li jista' jinqala' għas-saħħa tal-bniedem minn mard trasmissibbli.<br><br>Għalhekk, iċ-Ċentru għandu jħaddem netwerks ta' sorveljanza ddedikati, jagħti opinjonijiet xjentifiċi, iħaddem sistema ta' twissija bikrija u rispons (EWRS) u jipprovdi għajnuna xjentifika u teknika u taħriġ. | **Kompiti**<br><br>— Iħaddem netwerks ta' sorveljanza tal-mard dedikati u jtejjeb l-attivitajiet ta' networking. Iċ-Ċentru għandu r-rwol speċifiku li jiġbor, jivvalida, janalizza u jikkomunika d-*data*.<br><br>— Jipprovdi konsulenza esperta awtoritattiva u opinjonijiet xjentifiċi u studji fuq mard trasmissibbli.<br><br>— Iħaddem l-EWRS. Jizviluppa proċeduri biex jidentifika theddid għas-saħħa li jista' jinqala'.<br><br>— Isaħħaħ il-kapaċità ta' l-Istati Membri fil-preparazzjoni ta' l-ippjanar u t-taħriġ.<br><br>— Jinforma l-pubbliku ġenerali u partijiet interessati bix-xogħol tiegħu. | 1. **Bord Amministrattiv**<br><br>Membru wieħed maħtur minn kull Stat Membru, żewġ membri maħtura mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni<br><br>Il-Bord jadotta l-programm annwali u l-baġit taċ-Ċentru u jsegwi l-implimentazzjoni tagħhom.<br><br>2. **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord Amministrattiv abbażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3. **Forum Konsultattiv**<br><br>Rappreżentant minn kull Stat Membru u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot.<br><br>Il-Forum għandu jassigura li x-xogħol huwa xjentifikament tajjeb u indipendenti mill-attivitajiet u l-opinjonijiet taċ-Ċentru.<br><br>4. **Verifika Esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br><br>5. **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill | **Baġit finali għall-2007**<br><br>28,9 (*17,1*) miljun euro, inkluż sussidju Komunitarju ta' 98 % u 2 % fondi ta' l-EFTA<br><br>**Numru tal-Persunal**<br><br>Karigi skond il-pjan ta' stabbiliment: 90 (*50*)<br><br>Karigi okkupati: 80 (*48*)<br><br>+ 42 (*36*) kariga oħra<br><br>*Total tal-persunal*: 122 (*84*)<br><br>assenjati fid-doveri li ġejjin:<br><br>— operazzjonali: 75 (*49*)<br><br>— amministrattivi: 47 (*35*) | — Fl-2007 ġie żviluppat u implimentat database dwar il-mard trasmissibbli (Threat Tracking Tool, TTT).<br><br>— Fl- 2007 l-ECDC lestiet it-trasferiment ta' l-operazzjonijiet ta' l-EWRS, u bdiet ukoll l-iżvilupp ta' proċeduri operattivi standard dwar investigazzjonijiet ta' tifqigħ ta' mard u r-rispons.<br><br>— Fl-2007 saru żewġ eżerċizzji ta' simulazzjoni: test tal-proċeduri interni u t-tagħmir u test tal-proċeduri rigward l-evalwazzjoni tar-riskju u s-sostenn ta' l-Istati Membri dwar attivitajiet ta' intraċċar ta' kuntatti.<br><br>— Tard fil-ħarifa ta' l-2007, tnedija tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza, u l-ġbir ta' *data* għad-DSNs li qed jimigraw lejn l-ECDC.<br><br>— Pubblikazzjoni ta' l-Ewwel Rapport Epidemjoloġiku Ewropew u tar-Rapport dwar iż-Żoonosi ta' l-UE b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati membri u l-EFSA.<br><br>— Integrazzjoni tal-ġurnal xjentifiku *Eurosurveillance* fl-ECDC.<br><br>— Organizzazzjoni ta' ħames sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-investigazzjoni tat-tifqigħ tal-mard bi shab ma' ASPHER. Barra minn hekk ġie organizzat modulu dwar il-ġestjoni ta' kriżijiet pubbliċi tas-saħħa, li ġabar epidemjoloġisti ta' livell għoli mill-Istati Membri kollha. Manwal tat-taħriġ dwar epidemjoloġija applikata ġie żviluppat iktar. |

| Qasam ta’ kompetenza Komunitarja skond it-Trattat | Kompetenzi taċ-Ċentru kif speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 851/2004 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — Iż-Żjarat ta’ Evalwazzjoni Personali dwar it-Tħejjija għall-Influwenza Pandemika fit-tletin Stat Membru ta’ l-UE/EEA kollha tlestew. Fil-qasam tas-sorveljanza u l-prevenzjoni tal-HIV u tas-STI, iċ-Ċentru pprepara l-bażi sabiex jieħu r-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa, għamel żjarat f’żewġ pajjiżi biex jirrevedi programmi ta’ prevenzjoni, kontroll u sorveljanza, u wettaq studji madwar l-UE kollha biex jevalwa interventi ta’ prevenzjoni. Fil-kuntest ta’ l-attivitajiet speċifiċi tal-marda tat-TB, ġie żviluppat Pjan ta’ Azzjoni biex jiġġieled it-TB fl-UE.<br>— Inħoloq Grupp ta’ Konsultazzjoni Xjentifika ta’ Soċjetajiet ta’ l-Għerf minn madwar l-UE kollha.<br>— L-Ewwel Konferenza Ewropea Xjentifika dwar l-Epidemjoloġija Applikata ta’ Mard li Jittieħed (ESCAIDE) ġiet organizzata u ospitata miċ-Ċentru. |

*Sors:* informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

*Tabella 2*

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul irċevut | Allokazzjoni ta' l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena(snin) finanzjarji preċedenti | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji komunitarji | 28 898 | 28 614 | Titolu I<br>Persunal | 9 598 | 9 528 | 8 825 | 703 | 70 | 404 | 330 | 74 |
| | | | Titolu II<br>Amministrazzjoni | 6 268 | 5 915 | 3 498 | 2 417 | 353 | 1 620 | 1 505 | 115 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 13 032 | 12 866 | 3 928 | 8 938 | 166 | 5 073 | 3 956 | 1 117 |
| **Total** | **28 898** | **28 614** | **Total** | **28 898** | **28 309** | **16 251** | **12 058** | **590** | **7 097** | **5 791** | **1 306** |

*NB:* varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* Data provduta miċ-Ċentru. It-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fir-rendikonti finanzjarji tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Kont tar-Riżultat Ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 26 980 | 15 806 |
| **Total (a)** | **26 980** | **15 806** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 8 252 | 4 536 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 612 | 305 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 4 395 | 2 893 |
| Nefqa operattiva | 8 699 | 2 623 |
| **Total (b)** | **21 958** | **10 357** |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **5 022** | **5 449** |
| Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e) | 22 | 0 |
| Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (f) | 4 | 64 |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **18** | **– 64** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **5 040** | **5 385** |

*Sors:* Data mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv mhux tanġibbli | 324 | 111 |
| Attiv fiss tanġibbli | 2 414 | 936 |
| **Attiv kurrentI** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 461 | 400 |
| Stokks | 2 | 7 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 787 | 387 |
| Likwidità kontanti u ekwivalenti | 13 420 | 7 223 |
| **Total ta' l-attiv** | **17 408** | **9 064** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 136 | 70 |
| Kontijiet pagabbbli | 5 893 | 2 655 |
| **Total tal-passiv** | **6 029** | **2 725** |
| **Attiv nett** | **11 379** | **6 339** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 6 339 | 954 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 5 040 | 5 385 |
| **Kapital nett** | **11 379** | **6 339** |

*Sors:* Data mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Bħalma l-Qorti nnota li ċ-Ċentru għadu fil-fażi ta' tkabbir u dan iwassal għal sfida akbar li jkun hemm rati għoljin ta' eżekuzzjoni ta' pagament. Minkejja dan, il-maniġment diġa' żied l-eżekuzzjoni tal-paga u ppropona bħala għan li jasal sa 70 % ta' l –eżekuzzjoni tal-pagament sa l-2010.

Iċ-Ċentru jikkonsidra bir-reqqa l-ħtiġijiet għal emendi fil-baġit u huwa impennjat sabiex itejjeb il-monitoraġġ tiegħu abbażi ta' esperjenza miksuba sabiex jitnaqqas aktar il-volum ta' trasferimenti.

8. Iċ-Ċentru jaf dwar l-affidabilità limitata ta' reġistru ta' inventarju ibbażat fuq spreadsheet u li jirremedja dan il-fatt, saru verifiki tad-dejta b'mod regolari. Sistema ta' inventarju b'assi ġodda ġiet żviluppata u hija mistennija li tkun funzjonanti fl-aħħar tas-sena 2008. Barra minn dan l-Unità tal-Loġistika ġiet imsaħħa sabiex tittraċċa l-kunsenji u tivverifika fiżikament l-assi taċ-Ċentru.

9. It-trasferimenti kollha li jaffettwaw it-titolu operazzjonali saru in vista tal-prijoritizzazzjoni dinamika ta' l-għanijiet taċ-Ċentru. Minkejja dan, iċ-Ċentru jaqbel ma' l-osservazzjoni u mill-bidu ta' l-2008 ser jaġġorna l-programm ta' ħidma tiegħu flimkien ma kull emenda tal-baġit li hija meħtieġa li tiġi emendata.

10. Iċ-Ċentru jimmonitorja mill-qrib ix-xogħolijiet li saru sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' l-ekonomija. Iċ-Ċentru bħalissa qed jikkonkludi ftehim qafas li jispeċifika kondizzjonijiet għal xogħolijiet speċifiċi li għandhom isiru.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2008/C 311/19)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 131 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 131 |
| OSSERVAZZJONI | 7 | 131 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 132 |
| **Ir-Risposti taċ-Ċentru** | | 135 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") kien stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 (1). Il-mandat prinċipali tiegħu huwa li jservi l-iżvilupp tat-taħriġ professjonali fil-livell Komunitarju. Sabiex jikseb dan l-objettiv, huwa għandu l-kompitu li jiġbor u jxerred dokumentazzjoni fuq is-sistemi ta' taħriġ professjonali.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 (3) kienu magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 12(a) tar-Regolament (KEE) Nru 337/75, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI (4), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONI**

7. Il-baġit taċ-Ċentru ta' l-2007 ammonta għall-17,4 miljun euro meta mqabbel mas-17,6 miljun euro għas-sena ta' qabel. Il-programm ta' ħidma taċ-Ċentru ta' l-2007 jelenka l-attivitajiet ippjanati flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tar-riżultati li jridu jinkisbu. Objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni ħafna drabi ma jistgħux jitkejlu u għalhekk huwa diffiċli biex wieħed jevalwa l-kisba ta' l-objettivi. Jekk jixtieq ġenwinament li l-baġit tiegħu jkun ibbażat fuq l-attivitajiet, iċ-Ċentru għandu jiddefinixxi objettivi preċiżi u jtejjeb l-ipprogrammar tiegħu. L-ipprogrammar għandu jistabbilixxi konnessjoni ċara u konsistenti bejn l-objettivi stabbiliti u l-implimentazzjoni tar-riżorsi baġitarji meħtieġa biex dawn jinkisbu.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

(1) ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1
(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(3) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fis-17 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2008.
(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

*Tabella 1*

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (Cedefop) — Tessaloniki**

| Qasam ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat | Kompetenzi taċ-Ċentru hekk kif definiti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 *(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità timplimenta politika ta' taħriġ professjonali biex tagħti sostenn u tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri f'dak li jirrigwardja l-kontenut u l-orgranizzazzjoni tat-taħriġ professjonali.<br><br>L-azzjoni timmira li:<br><br>— tiffaċilita l-adattament għal bidliet industrijali, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ professjonali u taħriġ mill-ġdid;<br><br>— ttejjeb it-taħriġ professjonali inizjali u dak li għadu għaddej sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni professjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;<br><br>— tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ professjonali u tinkoraġġixxi l-mobilità ta' l-għalliema u dawk li qed jitħarrġu u b'mod partikolari ż-żgħażagħ;<br><br>— tistimula l-koperazzjoni fuq it-taħriġ bejn stabbilimenti u ditti edukattivi jew professjonali;<br><br>— tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza fuq kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri.<br><br>*(Mill-Artikolu 150 tat-Trattat)* | **Il-mandat taċ-Ċentru**<br><br>Il-mandat taċ-Ċentru fil-kapaċità tiegħu bħala ċentru ta' referenza ta' l-Unjoni Ewropea għat-taħriġ u l-edukazzjoni professjonali, Cedefop jipprovdi lill-persuni politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi u professjonisti b'informazzjoni mmirata li tiżviluppa ftehim aktar ċar tat-tendenzi kurrenti li b'hekk tippermettilhom li jilħqu deċiżjonijiet tajbin bil-ħsieb ta' azzjoni futura.<br><br>Cedefop jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni u fl-iżvilupp tat-taħriġ professjonali u l-edukazzjoni fil-livell tal-Komunità. | **Kompiti**<br><br>— Li jiġbor dokumentazzjoni magħżula u jipproduċi analiżi tad-*data*;<br><br>— Li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka u l-koordinazzjoni;<br><br>— Li jutilizza u jxerred informazzjoni relevanti;<br><br>— Li jinkoraġġixxi u jagħti sostenn lil approċċ miftehem għal kwistjonijiet relatati ma' l-iżvilupp ta' taħriġ professjonali;<br><br>— Li jipprovdi forum għal pubbliku wiesa' u differenti. | 1 **Il-Bord Amministrattiv (BA)**<br><br>*Kompożizzjoni:*<br><br>Għal kull Stat Membru:<br><br>— membru wieħed li jirrappreżenta l-Gvern;<br><br>— membru wieħed minn organizzazzjonijiet ta' dawk li jimpjegaw;<br><br>— membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet ta' l-impjegati, u tliet membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea.<br><br>2 **Bureau**<br><br>*Magħmul:*<br><br>Miċ-Chairman u tliet viċi-chairmen tal-Bord Governattiv (wieħed minn kull grupp), koordinatur wieħed għal kull grupp u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni.<br><br>3 **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentati mill-Bord Amministrattiv; huwa responsabbli għall-amministrazzjoni taċ-Ċentru u jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.<br><br>4 **Kontroll intern**<br><br>Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni.<br><br>5 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>6 **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit:**<br><br>17,4 miljun euro (*17,6 miljun euro*)<br><br>Kontribuzzjoni komunitarja: 96 % (*95 %*)<br><br>**Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment: 97 (95)<br><br>Karigi okkupati: 89 (*81*)<br><br>Persunal ieħor: persunal b'kuntratt,<br><br>esperti nazzjonali sekondati.<br><br>**Persunal totali**: 128 (*123*)<br><br>assenjati fid-doveri li ġejjin:<br><br>operattivi: 89 (*84*)<br><br>amministrattivi: 39 (*34*)<br><br>mħallta: 0 (*5*) | — Konferenzi u seminars 11 (*24*);<br><br>— Workshops: 82 (*24*);<br><br>— Żjarat/preżentazzjonijiet: 24 (*21*);<br><br>— Studji: 14 (*35*) + 23 proċeduri ta' għotja għal ReferNet;<br><br>— Proġetti 40 (*36*) (li minnhom 8 (*2*) amministrattivi) apparti 13 (*15*)-il komunità virtwali (li minnhom 3 (*1*) amministrattiva);<br><br>— Parteċipazzjoni: fis-segwitu ta' Ħelsinki u l-preparazzjoni għal-laqgħa ministerjali f'Bordeaux 2008, fil-Programm ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2010, fil-programm Leonardo da Vinci u t-tranżitu għall-programm tal-Lifelong Learning, fil-qafas ta' azzjoni konġunta ta' l-imsieħba soċjali, fil-Kumitat ta' Pariri għat-Taħriġ Professjonali, fid-Diretturi-Ġenerali għat-Taħriġ Professjonali, fil-Grupp ta' Koordinazzjoni ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2010;<br><br>— Pubblikazzjonijiet: 34 (*43*);<br><br>— 3 (*3*) ħarġiet ta' info tas-Cedefop;<br><br>— 3 (*3*) ħarġiet tal-Ġurnal Ewropew dwar it-taħriġ vokazzjonali;<br><br>— Ċirkulazzjoni ta' dokumenti: 8 477 (*8 733*) fuq talba, 1 565 (*1 774*) abbonament għall-Ġurnal Ewropew, 8 490 (*8 498*) abbonament għall-info tas-Cedefop.<br><br>— Pubblikazzjonijiet elettroniċi: 3 364 (*3 324*) abbonament għan-newsletter ETV, 4 000 000 (*3 583 478*) numru ta' paġni ETV aċċessati, 5 841 (*7 553*) membru rreġistrat fil-kommunitajiet virtwali, 769 (*844*) parteċipant fil-programm taż-żjarat ta' studju. |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Awtorità.

*Tabella 2*

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Żvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) — Tessaloniki — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Approprijazzjonijiet għas-Sena Finanzjarja | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | | | |
| Sors ta' dhul | Dhul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' l-infiq | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati |
| Sussidji komunitarji | 16 730 | 16 317 | Titolu I Persunal (NDA) | 9 631 | 9 000 | 8 694 | 306 | 631 | 338 | 338 | 240 | 0 | 98 |
| Dhul ieħor | 125 | 96 | | | | | | | | | | | |
| | | | Titolu II Amministrazzjoni (NDA) | 2 049 | 1 754 | 808 | 1 096 | 145 | 559 | 559 | 519 | 0 | 40 |
| | | | Titolu III Attivitajiet operattivi (DA) | | | | | | | | | | |
| | | | — CA | 5 150 | 4 805 | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | | | — PA | 5 175 | | 4 869 | 99 | 207 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dhul assenjat [1] | 544 | 494 | Dhul assenjat | 544 | 82 | 19 | 525 | 0 | 916 | 446 | 227 | 551 | 138 |
| | | | **Total CA** | **17 374** | **15 641** | | **1 927** | **775** | **1 813** | **1 343** | | **551** | **276** |
| **Total** | **17 399** | **16 907** | **Total PA** | **17 399** | | **14 390** | **2 026** | **983** | **1 813** | | **986** | **551** | **276** |

([1]) Għall-fondi tal-Phare ta' 50 000 euro l-ordni ta' rkupru ta' l-2007 ġiet miġbura biss fi Frar 2008.

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji huma ugwali fl-ammont għal approprijazzjonijiet ta' pagament)

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji jistgħu ikunu differenti mill-approprijazzjonijet ta' pagament)

CA: approprijazzjonijiet ta' impenji fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati

PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati

*Sors:* *Data* pprovduta miċ-Ċentru. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-Kontijiet Annwali tiegħu. Dhul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) — Tessaloniki — Il-Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 15 707 | 14 146 |
| Sussidji oħrajn | 396 | 457 |
| Dħul ieħor | 373 | 279 |
| **Total (a)** | **16 476** | **14 882** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 9 041 | 8 166 |
| Attiv fiss relatat man-nefqa | 460 | 480 |
| Nefqa amministrattiv oħra | 1 429 | 1 181 |
| Nefqa operattiva | 5 290 | 4 340 |
| **Total (b)** | **16 220** | **14 167** |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **256** | **715** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 0 | 0 |
| Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f) | 3 | 4 |
| **Bilanċ favur / (kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **– 3** | **– 4** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **253** | **711** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Żvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) — Thessaloniki — Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Mhux tanġibbli u fiss | 110 | 92 |
| Attiv fiss tanġibbli | 4 621 | 4 887 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 5 | 5 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 384 | 552 |
| Stokk | 155 | 0 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 462 | 438 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 3 763 | 3 919 |
| **Total ta' l-attiv** | **9 500** | **9 893** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti | 412 | 317 |
| Kontijiet pagabbbli | 3 037 | 3 777 |
| **Total tal-passiv** | **3 449** | **4 094** |
| **Attiv nett** | **6 050** | **5 799** |
| **Riżervi** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 5 798 | 5 088 |
| Riżlutat ekonomiku tas-sena | 253 | 711 |
| **Kapital nett** | **6 050** | **5 799** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

**RISPOSTA TAĊ-ĊENTRU**

7. Iċ-Ċentru jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti. Huwa qiegħed jaħdem fuq formulazzjoni aktar preċiża tal-objettivi u tal-indikaturi tal-prestazzjonijiet. Għall-2008 ċ-Ċentru introduċa Baġit ibbażat fuq l-attivitajiet (*Activity Based Budgeting*) li jistabbilixxi konnessjoni ċara bejn l-attivitajiet, l-objettivi tagħhom u r-riżorsi tal-baġit allokati.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Puluzija għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ

(2008/C 311/20)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 137 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 137 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7 | 137 |
| Tabelli 1 sa 3 | | 139 |
| **Ir-risposti tal-Kulleġġ** | | 141 |

## INTRODUZZJONI

1. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kulleġġ") ġie stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/820/ĠAI ([1]), kif imħassra fl-2005 u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI. Il-kompitu tal-Kulleġġ huwa li jaħdem bħala netwerk u jgħaqqad flimkien l-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija fl-Istati Membri biex jipprovdu sessjonijiet ta' taħriġ, ibbażati fuq standards komuni, għall-uffiċjali anzjani tal-Pulizija.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Kulleġġ. *Data* prinċipali meħuda mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppreparati mill-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2 u 3* għal skopijiet ta' informazzjoni.

## DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Kulleġġ, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### *Affidabilità tal-kontijiet*

Minbarra s-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafi 9 u 10, il-kontijiet tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli. Barra minn hekk, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni fil-paragrafu 7.

### *Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi*

Minbarra s-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 14 u 15, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Barra minn hekk, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni fil-paragrafu 13.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit tal-Kulleġġ ta' l-2007 ammonta għal 6,5 miljun euro, meta mqabbel mal-5,1 miljun euro tas-sena ta' qabel. Iż-żjieda fil-baġit kienet minħabba l-espansjoni ta' l-attivitajiet tal-Kulleġġ. Dan l-ammont tal-baġit ma jinkludiex kontribuzzjoni ta' 1,5 miljun euro rċevuti mill-Kummissjoni fl-2007 biex timplimenta programm tal-MEDA ([5]). Din is sitwazzjoni ma kkonformatx mal-prinċipju ta' l-unità u tal-preċiżjoni tal-baġit.

8. Ġew użati 5,6 miljun euro biss mill-approprijazzjonijiet impenjati ta' l-2007 ([6]), li minnhom 1,7 miljun euro ġew miġjuba 'l quddiem. Iktar minn 20 % (0,5 miljun euro) ta' l-approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena ta' qabel ġew ikkanċellati. Il-livell għoli ta' trasferimenti u annullazzjonijiet ta' approprijazzjonijiet juri diffikultajiet fil-ġestjoni tal-baġit.

9. Simili għall-2006, il-Kulleġġ ma kellux, għall-biċċa l-kbira tas-sena, sistema xierqa tal-kontabilità ta' l-impenji. Per eżempju, għan-nefqa operattiva, id-deċiżjonijiet għall-infiq ittieħdu mid-Direttur wara l-parir tal-Bord tat-Tmexxija. L-impenji ġew irreġistrati biss bi tqabbil mal-linji tal-baġit wara li l-pagamenti kienu saru. In-nuqqas ta' standards interni ta' kontroll intern ([7]) u monitoraġġ mhux effettiv tal-baġit wassal għal infiq iktar eċċessiv mill-ammont prevvist fuq xi wħud mil-linji tal-baġit. Dan wassal jew għal trasferimenti *ex-post* biex jikkoreġu l-pożizzjonijiet li kienu taħt il-limitu jew għall-ħolqien ta' linji tal-baġit ġodda *ex nihilo*.

10. F'Novembru 2007, ġiet stabbilita sistema ta' kontabilità ta' l-impenji għall-attivitajiet operattivi. Hija pprevediet b'mod espliċitu għall-ħolqien ta' impenji tal-baġit qabel kull impenn legali u jew kontroll fuq id-disponibbiltà ta' l-approprijazzjonijiet. Il-formola standard ta' l-impenn legali f'din il-proċedura ġdida ma tagħtix garanziji legali suffiċjenti. Hija tikkonsisti f'folja sempliċi li tagħti xi informazzjoni amministrattiva dwar il-proġett, kif ukoll analiżi tan-nefqa totali tiegħu bejn il-linji relevanti tal-baġit. M'huma dettaljati ebda kundizzjonijiet kuntrattwali. Dan l-approċċ ma jikkonformax mal-prinċipju tat-trasparenza.

(1) ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-31 ta' Lulju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-30 ta' Settembru 2008.

(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

(5) Is-Sħubija Euro-Mediterranja

(6) Dħul assenjat mhux inkluż.

(7) Standards ta' kontrol intern ġew adottati mil-Bord tat-Tmexxija fit-28 ta' Novembru 2007.

11. Għal kuntrarju tar-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ (1), la l-kontijiet proviżorji u l-anqas ir-rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u tal-finanzi ma kienu ġew ippreparati.

12. Il-VAT li jammonta għal 102 281 euro li ried jinġabar lura, ma kienx ġie rkuprat sa l-aħħar tas-sena. Il-VAT għandu jiġi rkuprat f'intervalli regolari matul is-sena. Din is-sitwazzjoni ma kkonformatx mal-prinċipju ta’ ġestjoni finanzjarja tajba.

13. Ir-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ jipprevedi l-bżonn ta’ regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament (2). Il-Kulleġġ kien għadu ma adotta l-ebda regoli dettaljati ta’ implimentazzjoni, inklużi dawk li jassiguraw it-trasparenza tal-proċeduri ta’ l-akkwist pubbliku tal-Kulleġġ. Kienu diġà saru kummenti dwar dan fir-rapport tal-verifika ta’ l-2006 (3).

14. Is-sistema ta’ l-akkwist pubbliku ma kinitx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni disponibbli sabiex tiġġustifika l-bżonn sabiex jinxtraw oġġetti partikolari u sabiex tispjega l-użu ta’ fornitur partikolari. Kienu diġà saru kummenti dwar dan fir-rapport tal-verifika ta’ l-2006 (4).

15. Ġew identifikati każijiet fejn approprijazzjonijiet intużaw biex jiffinanzjaw in-nefqa privata ta’ xi whud mill-persunal tal-Kulleġġ. Minħabba li ma kienx vijabbli għall-awdituri biex jirrevedu l-pagamenti kollha magħmula matul is-sena, mhuwiex possibbli li jiġi kkwantifikat kemm kien l-ammont li ntefaq irregolarment għal użu privat jew it-tipi kollha differenti ta’ nfiq privat magħmul. Dan l-użu ta’ fondi pubbliċi għal skopijiet privati huwa materjali fin-natura tiegħu. Għandhom jittieħdu passi biex ikun żgurat li dawn il-fondi jintraddu lura.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta’ l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta’ Ottubru 2008.

*Għall-Qorti ta’ l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

(1) L-Artikoli 76 u 82.
(2) Per eżempju, fl-Artikolu 10(3), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 74.
(3) Il-Paragrafu 8.
(4) Il-Paragrafu 11.

*Tabella 1*

**Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat | Kompetenzi tal-Kulleġġ kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Kulleġġ fl-2007 (*data għall-2006*) | Prodotti u servizzi prinċipali pprovduti fl-2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Approssimazzjoni tal-liġijiet**<br>*It-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 34(2) tiegħu.* | **Objettivi**<br>L-għan ta' CEPOL għandu jkun li jgħin iħarreġ l-uffiċjali anzjani tal-puliżija ta' l-Istati Membri billi jottimizzaw il-koperazzjoni bejn il-komponenti varji ta' CEPOL. Huwa għandu jappoġġa u jiżviluppa approċċ Ewropew għall-problemi prinċipali li jiffaċċjaw l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-sigurtà pubblika, b'mod partikolari d-dimensjonijiet trans-konfinali ta' dawk il-problemi. | **Kompiti**<br>— Biex iżid il-konoxxenza tas-sistemi nazzjonali tal-pulizija u l-istrutturi ta' l-Istati Membri l-oħra u tal-koperazzjoni trans-konfinali bejn il-pulizija fl-Unjoni Ewropea.<br>— Biex itejjeb il-konoxxenza ta' l-istrumenti internazzjonali u ta' l-Unjoni fis-settur is-segwenti;<br>(a) l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, l-operat u r-rwol tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmi tat-teħid ta' deċiżjoni u l-istrumenti legali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-implikazzjonijiet tagħhom għall-koperazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi;<br>(b) l-objettivi, l-istruttura u l-operat tal-Europol, kif ukoll biex jimmassimizza l-koperazzjoni bejn il-Europol u s-servizzi ta' l-infurzar tal-liġi relevanti fl-Istati Membri fil-ġlied kontra l-kriminalità organizzata;<br>(c) l-objettivi, l-istruttura u l-operat tal-Eurojust;.<br>— Biex jipprovdi taħriġ adattat fir-rigward tar-rispett għas-salvagwardi demokratiċi, b'mod partikolari b'referenza għad-drittijiet ta' difiża. | 1 **Il-Bord tat-Tmexxija**<br>*Kompożizzjoni:*<br>Delegazzjoni waħda minn kull Stat Membru.<br>Kull delegazzjoni għandha vot wieħed. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u Europol ikunu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi mingħajr vot.<br>2 **Direttur**<br>Imexxi l-Aġenzija, huwa maħtur u mneħħi mill-Bord ta' Tmexxija.<br>3 **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br>4 **Verifika interna**<br>Is-servizzi interni tal-verifika tal-Kummissjoni<br>5 **Awtorità ta' kwittanza**<br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali:**<br>7,4 miljun Euro (*5,0*)<br>(100 % Sussidju tal-Komunità)<br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007:**<br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 22,5 (*22,5*)<br>Karigi okkupati: 12 (*7*)<br>Karigi oħra: (persunal bil-kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati): 9 (*8*)<br>**Total tal-persunal**: 21 (*15*) | 1) Korsijiet, seminars u konferenzi: 85<br>2) Taħriġ u riċerka:<br>— 2 gruppi ta' ħidma dwar it-taħriġ li jinvolvu 49 għalliem mill-Istati Membri kollha.<br>— Ġew adottati rakkomandazzjonijiet dwar l-għalliema u l-istandards tal-korsijiet.<br>— Ġie adottat approċċ Ewropew għax-xjenza polizjeska.<br>— Ġew stabbiliti gruppi ta' referenza għall- e-Network u għall-e-learning.<br>— Database doc u l-glossarju ta' CEPOL komplew jiġu żviluppati.<br>3) Relazzjonijiet Esterni:<br>— Ftehimiet iffirmati ma' l-Eurojust, il-Frontex u l-Europol.<br>— Organizzazzjoni ta' żewġ attivitajiet speċifiċi għal pajjiżi kandidati.<br>— Tnedija tal-proġett Euromed II<br>— Inbdew il-kuntatti preliminari għal koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (OSCE, Interpol) u nazzjonali (ir-Russja, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat). |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Kulleġġ.

*Tabella 2*

**Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 7 165 | 4 352 |
| **Total (a)** | **7 165** | **4 352** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 1 954 | 1 460 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 213 | 358 |
| Nefqa operattiva | 4 009 | 2 454 |
| **Total (b)** | **6 176** | **4 272** |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **989** | **80** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (d) | — | — |
| Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (e) | – 18 | – 12 |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (f = d + e)** | **– 18** | **– 12** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (g = c + f)** | **971** | **68** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Kulleġġ.

*Tabella 3*

**Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 8 | — |
| Attiv fiss tanġibbli | 139 | 37 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 102 | — |
| **Attiv kurrentI** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 182 | 298 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 4 586 | 3 682 |
| **Total ta' l-attiv** | **5 017** | **4 017** |
| **Passiv mhux kurrenti** | | |
| Passiv ta' skadenza qasira | 1 190 | — |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Kontijiet pagabbli | 2 788 | 3 949 |
| **Total tal-passiv** | **3 978** | **3 949** |
| **Attiv nett** | **1 039** | **68** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 68 | — |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 971 | 68 |
| **Total ta' l-attiv nett** | **1 039** | **68** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Kulleġġ. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-*data* mogħtija mill-Kulleġġ fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IR-RISPOSTI TAL-KULLEĠĠ

7. Fil-bidu, il-proġett speċifiku ta' MEDA ma kienx inkluż fir-Rapport ta' Riżultati Baġitarji.

Imbagħad twaqqfu tliet entitajiet separati; CEPOL, AGIS u MEDA.

Id-dħul u l-infiq għal kull entità ġew irreġistrati korrettament fil-kontijiet sa mill-31 ta' Diċembru 2007.

8. L-erba' raġunijiet prinċipali l-għala l-approprijazzjonijiet tal-baġit ma ntużawx għal kollox huma;

1. In-numru ta' parteċipanti fl-attivitajiet tal-CEPOL kien inqas minn dak stmat u xi wħud mill-attivitajiet ġew ikkanċellati.

2. Il-proċess tar-reklutaġġ tal-personal il-ġdid ħa aktar żmien milli stmat.

3. Il-post tal-uffiċċju l-ġdid, li għandu jingħata minn NPIA, Bramshill fil-Ħarifa tal- 2007 ma kienx disponibbli fl-2007.

4. L-ispiża għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-CEPOL kienet inqas minn dik ikkalkolata minħabba soluzzjonijiet kost-effikaċi mill-organizzaturi tal-attivitajiet.

9. CEPOL ma kellux sistema ta' kontabilità fis-seħħ fl-2007 li tikkonforma mar-Regolament Finanzjarju. F'Diċembru 2007, ġiet stabbilita sistema bbażata fuq il-karti għal impenni u segregazzjoni ta' dmirijiet u din daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. ABAC ġiet implimentata f'Ġunju 2008. Intużaw linji baġitarji ġodda bħala miżura temporanja. Proċeduri interni ġew riveduti u emendati sabiex jiżguraw li l-iżbalji osservati ma jerġgħux iseħħu.

10. F'Novembru 2007, il-Bord Governattiv tas-CEPOL approva sistema bi ftehim mal-Kulleġġi/Istituti u mas-CEPOL, li daħħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Is-sistema sejra tiġi emendata aktar sabiex tkun ottimizzata t-trasparenza tal-ftehimiet mal-kulleġġi/istituti. F'Settembru ġiet ippreżentata proposta lill-Bord Governattiv.

11. L-abbozz tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji għall-2007 ma tħejjiex fl-1 ta' Marzu 2008, kif speċifikat fir-Regolament Finanzjarju. Il-Pakkett Konsolidat tar-Rapportar tħejja u ġie ffinalizzat skont ir-Regolamenti Finanzjarji u ntbagħat lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni sat-18 ta' Jannar 2008.

12. Skont il-proċeduri tas-snin preċedenti, l-ammont tal-VAT tar-4 kwart (perjodu ta' tliet xhur) tas-sena ġie rkuprat fl-ewwel kwart tas-sena ta' wara. L-ammont tal-VAT għall-2007 issa ġie rkuprat.

13. Ir-Regoli Implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju ġew adottati mill-Bord Governattiv fi Frar 2008. Linji Gwida Interni dwar l-Akkwisti huma mistennija li jiġu adottati f'Settembru 2008.

14. Ix-xiri ta' apparat tal-ICT sar taħt il-"Ftehim Qafas Katalista" u segwa l-kundizzjonijiet kif ipprovduti mill-UK Home Office (Uffiċċju tal-Affarijiet Interni tar-Renju Unit) fl-2004 lill-CEPOL meta CEPOL ma kellux personalità ġuridika, wara l-fażi tal-bidu tas-CEPOL fl-2004.

15. Spejjeż dovuti għall-użu ta' telefon ċellulari u l-użu ta' karozzi komuni tsl-CEPOL ġew irkuprati. L-irkupru tal-ispejjeż tat-taxi/trasport inbeda. Sabiex isir kontroll tal-użu tal-fondi tas-CEPOL, se jsir kontroll ex-post minn kumpanija esterna, fir-rigward tal-irkupru tal-ispejjeż.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' L-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Eurojust

(2008/C 311/21)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 143 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 143 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7 | 143 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 145 |
| **Ir-risposti ta' l-Eurojust** | | 148 |

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Eurojust twaqqfet permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA ([1]) bi ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. L-għan tagħha hu li ttejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jkopru t-territorji ta' bosta Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk ta' Stati li mhumiex membri.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Eurojust. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA.

4. Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([2]) ġew ippreparati mid-Direttur Amministrattiv tagħha, skond l-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill 2002/187/JHA, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI ([3]), safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet, għalhekk, bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Eurojust, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit totali ta' Eurojust għall-2007 kien ta' 18,9 miljun euro, meta mqabbel ma' 14,7 miljun euro tas-sena preċedenti. 18,0 miljun euro ta' l-approprijazzjonijiet kienu impenjati, li minnhom, 5,2 miljun euro kienu miġjuba 'l quddiem. Ħafna minn dawn it-trasferimenti (4,1 miljun euro) kkonċernaw nefqa fuq attivitajiet amministrattivi (it-Titolu II) u operattivi (it-Titolu III). Tali livelli għolja ta' trasferimenti ma kinux kompatibbli mal-prinċipju ta' annwalità u jissuġġerixxu nuqqasijiet fl-ipprogrammar u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet tal-Eurojust.

8. Wara osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti fis-snin preċedenti ([4]), il-Eurojust iċċentralizzat il-ġestjoni tal-proċeduri tagħha ta' l-akkwist f'unità speċjalizzata sabiex ittejjeb il-kwalità ta' l-implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, minħabba f'diffikultajiet fl-implimentazzjoni b'din is-sistema l-ġdida, il-Eurojust estendiet kuntratti eżistenti b'mod li jmur kontra r-regoli. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kuntratti kkonċernati huma kuntratti qafas u d-dati ta' skadenza tagħhom kienu ilhom magħrufa għal żmien twil, f'każ minnhom sa mill-2002. L-uffiċjal li jawtorizza għandu jistabbilixxi pjan għall-ġestjoni tal-proċeduri ta' l-akkwist.

9. In-numru ta' karigi awtorizzati mill-pjan ta' stabbiliment għall-2007 kien 147, meta mqabbel ma' 112 għall-2006. Sa l-aħħar ta' l-2006 imtlew biss 87 post, li kien ikun ifisser reklutaġġ ta' mill-inqas 60 impjegat matul l-2007 ([5]). Sa l-aħħar ta' l-2007, 95 post biss imtlew. Din is-sitwazzjoni turi nuqqasijiet fl-ippjanar tar-reklutaġġ. Peress li l-previżjoni tan-nefqa baġitarja għall-persunal temporanju hija bbażata fuq stima għolja wisq tan-numru ta' impjegati, l-artikolu baġitarju korrispondenti jintuża bħala riżerva sabiex ikopri żjieda fin-nefqa fuq persunal ta' aġenziji ta' reklutaġġ. Matul l-2007 il-baġit għall-persunal ta' agenziji ta' reklutaġġ żdied b'595 000 euro mill-baġit inizjali tiegħu ta' 662 000 euro (90 %).

([1]) Deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2002 li waqqfet lill-Eurojust (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

([2]) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-30 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2008.

([3]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([4]) Per eżempju ara l-paragrafu 8 tar-rapport annwali ta' l-2006 (ĠU C 309, 19.12.2007, p. 112) u l-paragrafu 11 tar-rapport annwali ta' l-2005 (ĠU C 312, 19.12.2006, p. 69).

([5]) Mingħajr ma jingħata kont tat-tluq, għal diversi raġunijiet, ta' persunal diġà impjegat (14-il membru tal-persunal telaq mill-Eurojust fl-2007).

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008..

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**Il-Eurojust (L-Aja) 2007**

| Oqsma tal-kompetenza li johorġu mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea | Kompetenzi ta' l-Eurojust kif definiti fid-Deċiżjoni ta-Kunsill 2002/187/JAI | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Eurojust fl-2007<br>*(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007<br>*(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| Korp tat-tielet kolonna mwaqqaf permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.<br><br>Il-mira ta' l-Unjoni hija li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fl-ambitu ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.<br><br>Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-koperazzjoni permezz ta' l-Eurojust billi jagħmilha possibbli għall-Eurojust li tiffaċilita l-koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-prosekuzzjoni ta' l-Istati Membri.<br><br>*(Estratti mill-Artikoli 29 u 31)*<br><br>L-oqsma prinċipali ta' responsabilità ta' l-Eurojust huma l-istess bħal dawk ta' l-Europol, jiġifieri l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar illeċitu ta' karozzi, it-traffikar ta' bnedmin, il-falsifikazzjoni tal-flus, it-traffikar ta' sustanzi radjoattivi, il-kriminalità ta' l-informatika, atti għad-detriment ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħasil tal-flus. | **Objettivi**<br><br>*l-Artikolu 3*<br><br>*Deċiżjoni ta' l-Eurojust*<br><br>— Tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri responsabbli, ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet;<br><br>— Ittejjeb il-koperazzjoni billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, assistenza ġudizzjarja reċiproka u l-implimentazzjoni ta' ordnijiet ta' estradizzjoni.<br><br>— Tappoġġja l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom.<br><br>— Tagħti għajnuna fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u Stat li mhux membru.<br><br>— Tagħti għajnuna fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u l-Komunità. | **Kompiti**<br><br>*l-Artikoli 5, 6 u 7*<br><br>*Deċiżjoni ta' l-Eurojust*<br><br>Sabiex torganizza l-koperazzjoni bejn il-varji ġurisdizzjonijiet nazzjonali, l-Eurojust taħdem:<br><br>— permezz tal-membri nazzjonali tagħha; jew<br><br>— bħala Kulleġġ.<br><br>Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ikkonċernat jiddeċiedu li ma jsegwux ir-rikjesti maħruġa mill-Eurojust bħala Kulleġġ huma għandhom jinfurmaw lill-Eurojust bir-raġunijiet tagħhom. | 1 **Il-Kulleġġ** huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u l-operat ta' l-Eurojust.<br><br>2 Il-Kulleġġ huwa magħmul minn **membri nazzjonali** ssekondati minn kull Stat Membru skond is-sistema ġuridika tiegħu, li huma prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti.<br><br>3 Il-Kulleġġ jeleġi lill-**President** tiegħu minn fost il-membri nazzjonali.<br><br>4 **Il-Korp Konġunt ta' Sorveljanza** jiċċekkja l-ipproċessar tad-*data* personali.<br><br>5 **Id-Direttur Amministrattiv** huwa nominat unanimament mill-Kulleġġ.<br><br>6 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>7 **Awtorità ta' Kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit final:**<br><br>18,9 miljun euro (*14,7 miljun euro*)<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br><br>147 (*112*) kariga elenkata fil-pjan ta' stabbiliment; kariga mimlija: 98 (*93*) + 32 (*21*) pożizzjoni oħra: (6 persunal b'kuntratt, 4 esperti nazzjonali ssekondati, 22 persunal ta' aġenziji ta' reklutaġġ)<br><br>**Total tal-persunal**: 179 (*133*)<br><br>Assenjati għall-kompiti li ġejjin:<br><br>Kompiti operazzjonali: 95 (*71*)<br><br>Kompiti amministrattivi: 65 (*51*)<br><br>Kompiti konġunti: 19 (*12*) | **Numru ta' laqgħat**: 91 (*89*)<br><br>Każijiet standard: 236<br><br>Każijiet kumplessi: 849<br><br>**Numru totali ta' każijiet**: 1 085 (*771*)<br><br>Frodi: 744 (*175*)<br><br>Traffikar tad-droga: 207 (*170*)<br><br>Terroriżmu: 23 (*44*)<br><br>Qtil: 80 (*59*)<br><br>Traffiku ta' bnedmin: 71 (*32*) |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Eurojust.

*Tabella 2*

**Eurojust — Implimentazzjoni tal-bagit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena(snin) finanzjarji preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 18 414 | 18 414 | Titolu I<br>Persunal | 8 608 | 8 435 | 7 830 | 605 | 173 | 189 | 129 | 60 |
| Sussidji oħrajn | — | 54 | Titlolu II<br>Amministrazzjoni | 4 107 | 4 038 | 2 511 | 1 558 | 38 | 1 081 | 949 | 132 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 5 699 | 5 104 | 3 047 | 2 601 | 51 | 1 320 | 960 | 360 |
| Dħul assenjat (Agis) | 527 | 316 | Dħul assenjat (Agis) | 527 | 415 | 107 | 420 | — | — | — | — |
| **Total** | **18 941** | **18 784** | **Total** | **18 941** | **17 992** | **13 495** | **5 184** | **262** | **2 590** | **2 038** | **552** |

*NB:* Varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.
*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Eurojust — din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tagħha.

*Tabella 3*

**Eurojust — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidji Komunitarji | 17 546 | 12 858 |
| Dħul ieħor | 55 | 973 |
| **Total (a)** | **17 601** | **13 831** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 6 484 | 6 581 |
| Nefqa relatata ma' l-attiv fiss | 803 | 674 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 5 010 | 2 202 |
| Nefqa operattiva | 4 125 | 3 297 |
| **Total (b)** | **16 422** | **12 754** |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **1 179** | **1 077** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 0 | 0 |
| Nefqa minn operazzjonijiet finanzjarji (f) | 1 | 0 |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **– 1** | **0** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **1 178** | **1 077** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Eurojust. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Eurojust — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 598 | 556 |
| Attiv fiss tanġibbli | 1 816 | 1 673 |
| Riċevibbli ta' skadenza twila | 1 | 1 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 180 | 372 |
| Likwidità u likwidi ekwivalenti | 5 887 | 4 749 |
| **Total ta' l-attiv** | **8 482** | **7 351** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 137 | 134 |
| Kontijiet pagabbli | 2 712 | 2 762 |
| **Total tal-passiv** | **2 849** | **2 896** |
| **Attiv nett** | **5 633** | **4 455** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 4 455 | 3 378 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 1 178 | 1 077 |
| **Kapital nett** | **5 633** | **4 455** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Eurojust. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

**IR-RISPOSTI TA' L-EUROJUST**

7. Minħabba n-nuqqas ta' personal xieraq biex jamministrahom, il-fondi ġew ri-allokati għall-Intestatura II u III sabiex isir l-aħajr użu mill-baġit. Dan wassal sabiex ċerti impenni tħejjew tard. Id-diffikultajiet relatati mal-implimentazzjoni tas-sistema tal-akkwisti l-ġodda (ara punt 2) ukoll kellhom rwol. Il-Eurojust ħa azzjonijiet korrettivi sabiex jimla n-nuqqas ta' personal. Introduċa wkoll strateġija ta' tnaqqis ta' carryover għall-2008.

8. Il-Eurojust huwa konxju sewwa ta' din il-ħtieġa. B'konsegwenza ta' dan, diġà ġie definit Ippjanar għall-Akkwisti ġenerali għas-sena 2008. Barra minn hekk, fuq il-bażi tad-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, ittieħdet Deċiżjoni ġdida fuq l-organizzazzjoni tal-Akkwisti u ħidmiet relatati sabiex ikunu żgurati ippjanar u ġestjoni tal-proċeduri tal-akkwisti aktar effikaċi. Fl-istess ħin, fir-rigward tal-kuntratti kollha msemmija mill-Qorti issa reġgħu ltlaqgħu applikazzjonijiet għal sejħiet għall-offerti ġodda għalihom, b'mod konformi mar-regoli.

9. Il-Eurojust huwa konxju mill-ħtieġa li l-pjan ta' stabbiliment ikun sodisfatt kemm jista' jkun malajr u żied il-kapaċità tiegħu tar-reklutaġġ sabiex ikun jista' jagħmel dan. Fl-2007, il-politika tar-reklutaġġ tal-Eurojust ġiet riveduta, u b'riżultat t'hekk, kien hemm dewmien mhux mistenni fir-reklutaġġ u l-ħtieġa li jiġi reklutat aktar personal tal-aġenzija tal-impjiegi. Fl-2008, Eurojust jimmira li jnaqqas l-użu ta' dan il-personal u li jissodisfa l-pjan ta' stabbiliment tiegħu.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni

(2008/C 311/22)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 150 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 150 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-8 | 150 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 151 |
| **Ir-risposti tal-Fondazzjoni** | | 155 |

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 ([1]). L-iskop tal-Fondazzjoni huwa li tagħti sostenn fir-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi msieħba ma' l-Unjoni Ewropea. F'dan l-inkarigu, hija tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' varji programmi (PHARE, TACIS, CARDS u MEDA).

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Awtorità għas-sena finanzjarja 2007, huwa ppreżentat fit- *Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]); kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-fondazzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/90, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-2007 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ammonta għal 21,1 miljun euro meta mqabbel mas-26,5 miljun euro tas-sena ta' qabel. Il-baġit huwa ffinanzjat prinċipalment minn sussidji mill-Kummissjoni (19,7 miljun euro) Il-bilanċ huwa ffinanzjat mid-dħul assenjat għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Kummissjoni. It-tnaqqis fil-baġit huwa minn naħa minħabba, bidla fil-preżentazzjoni tad-dħul assenjat u minn naħa l-oħra l-għeluq gradwali tal-programm ETE-MEDA.

8. Fil-Baġit ta' emenda ([5]), l-ammont tad-dħul assenjat hu inkorrett. Kellu jkun 1,2 miljun euro minflok it-3,4 million euro kif muri li bi żball inkluda d-dħul assenjat miġjub 'il quddiem mis-sena ta' qabel.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008..

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

([1]) ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fit-18 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2008.
([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).
([5]) Għall-2007, il-Fondazzjoni approvat biss baġit ta' emenda wieħed; kien ippublikat fl-4 ta' Jannar 2008 (ĠU L 2, 4.1.2008).

*Tabella 1*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi tal-Fondazzjoni Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi pprovduti waqt is-sena finanzjarja 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità għandha twettaq, fl-isferi tal-kompetenzi tagħha, miżuri ta' koperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi ma' pajjiżi terzi. Tali miżuri għandhom ikunu kumplimentari ma' dawk imwettqa mill-Istati Membri u konsistenti mal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità.<br><br>*(L-Artikolu 181 A tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>— Biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u ta' l-Istati indipendenti ta' l-ex-Unjoni Sovjetika li jibbenifikaw mill-programm biex jassisti r-riforma ekonomika u ta' rkupru, u t-territorji u pajjiżi terzi Mediterranji li jibbenifikaw minn miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkumpanjawh, għar-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom.<br><br>— Biex tippromwovi l-koordinazzjoni ta' l-assitenza mogħtija lill-pajjiżi eliġibbli. | **Kompiti**<br><br>Skond il-linji gwida ġenerali stabbiliti mill-Komunità, l-ETF topera fil-qasam tat-taħriġ, li tkopri taħriġ professjonali, inizjali u tul il-ħajja u taħriġ mill-ġdid tażżgħażagħ u adulti permezz tal-kompiti segwenti:<br><br>— Assistenza biex jiġu definiti l-bżonnijiet tat-taħriġ u tal-prijoritajiet permezz ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza teknika fil-qasam tat-taħriġ u permezz ta' koperazzjoni mal-korpi desinjati approprjati fil-pajjiżi eliġibbli;<br><br>— Taġixxi bħala clearing house biex tipprovdi lill-Komunità, lill-Istati Membri tagħha u lill-Istati terzi kkonċernati, informazzjoni dwar inizjattivi kurrenti u bżonnijiet futuri fil-qasam tat-taħriġ u tipprovdi qafas biex iwassal għall-offerti ta' assistenza. | 1 **Bord tat-Tmexxija**<br><br>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.<br><br>— Tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.<br><br>— Presedut mill-Kummissjoni.<br><br>2 **Id-Direttur**<br><br>— Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni<br><br>3 **Forum Konsultattiv**<br><br>— Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija.<br><br>— Żewġ esperti minn kull Stat Membru.<br><br>— Żewġ esperti minn kull pajjiż eliġibbli.<br><br>— Żewġ esperti mill-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew.<br><br>4 **Verifika Esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>5 **Verifika interna**<br><br>Id-dipartiment tal-verifika interna tal-Kummissjoni.<br><br>6 **Awtorità ta' Kwittanza**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit Finali**<br><br>21,1(*26,5*) miljun euro li minnhom 19,7 (*19,5*) miljun euro ffinanzjati minn sussidju tal-Kummissjoni u 1,4 (*€ 7,0*) miljun euro ffinanzjati minn korpi oħra bħala dħul assenjat.<br><br>Din is-somma ta' 1,4 miljun euro hija maqsuma kif ġej:<br><br>— 0,3 miljun euro mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Taljan;<br><br>— 0,9 miljun euro DĠ EAC (Tempus)<br><br>— 0,2 miljun euro miċ-Ċentru tat-Traduzzjonijiet.<br><br>**Numri tal-Persunal fil- 31 ta' Diċembru 2007**<br><br>— 100 (*105*) kariga temporanja filpjan ta' twaqqif li minnhom 91 (*94*) kariga kienet okkupata.<br><br>— 40 (*32*) membru tal-persunal ieħor (awżiljarji, aġenti lokali, aġenti kuntrattwali).<br><br>*Total tal-persunal*: 131 (*126*) assenjati għad-doveri li ġejjin:<br><br>— kompiti operattivi: 72 (*73*)<br><br>— kompiti amministrattivi: 40 (*34*)<br><br>— kompiti varji: 19 (*19*). | **Attivitajiet**<br><br>L-assistenza mogħtija mill-ETF tkopri firxa kbira ta' oqsma tekniċi inkluż: taħriġ ta' snajja tal-bidu, tagħlim matul il-ħajja kollha, edukazzjoni kontinwa (adulti), żvilupp tar-riżorsi umani fil-kumpaniji, taħriġ ta' dawk qiegħda, eliminazzjoni tal-faqar u inklużjoni soċjali, u taħriġ li jinkoraġġixxi l-iżvilupp lokali.<br><br>**Sostenn għall-Kummissjoni:**<br><br>Fl-2007,115-il talba ġdida għal sostenn kienu rċevuti mill-Kummissjoni. Il-biċċa 'l kbira ġew mid-delegazzjonijiet (40 %), EAR (17 %), DĠ AIDCO (10 %), DĠ EAC u DĠ ENTRE (9 %), DĠ EMPL (6 %), DĠ ELARG (4 %), DĠ RELEX (3 %) u DĠ JLS (3 %). Dan inkluda 29 analiżi tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' l-ENPI. Ir-rata ta' sodisfazzjoni tal-Kummissjoni bir-reazzjoni ta' l-ETF kienet ta' 96 %.<br><br>L-applikazzjonijiet l-aktar frekwenti kienu dawk fil-qasam ta' l-ipprogrammar (32 %), segwiti minn politika u kontribuzzjonijiet fil-preparazzjoni ta' Strumenti tal-Viċinat Ewropew (25 %), l-identifikazzjoni ta' proġetti (14 %) u segwitu. |

| Oqsma ta’ kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi tal-Fondazzjoni Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi pprovduti waqt is-sena finanzjarja 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Informazzjoni u analiżi**: Studji tas-settur nazzjonali, statistiċi fuq l-edukazzjoni, pariri lill-pajjiżi fuq il-politika.<br><br>**Proġetti ta’ sostenn għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp**<br><br>Bħala ċentru ta’ esperti, l-ETF tik-kontribwixxi lejn it-twaqqif ta’ proġetti ta’ żvilupp sabiex tittestja approċċi innovattivi li jippermettu lill-pajjiżi soċji li jwettqu riformi tas-sistemi ta’ l-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom.<br><br>**Assitenza Teknika lid-DG EAC għall-implimentazzjoni tal-Programm** Tempus: Konvenzjonijiet ta’ Assistenza ma’ CARDS, MEDA u Tacis għall-programm Tempus.<br><br>Din l-assistenza tkopri ċ-ċiklu kollu tal-proġett. Tinkludi l-għażla, il-ġestjoni u s-segwitu ta’ kuntratti u informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż sostenn ġenerali amministrattiv.<br><br>Għodda ta’ l-IT bħalma huma applikazzjonijiet online u formoli ta’ rappurtar iffaċilitaw b’mod konsiderevoli l-ġestjoni amministrattiva tad-diversi ċikli tal-proġetti. |

*Sors:* informazzjoni pprovduta mill-Fondazzjoni.

*Tabella 2*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Oriġini tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta’ l-infiq | Approprjazzjonijiet għas-sena Finanzjarja | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba ’l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba ’l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | miġjuba ’l quddiem | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 19 700 | 19 450 | Titolu I<br>Persunal (NDA) | 13 819 | 12 795 | 11 787 | 1 008 | 1 024 | 562 | 439 | 0 | 123 |
| Dħul ieħor | 183 | 188 | Titolu II<br>Amministrazzjoni (NDA) | 1 745 | 1 592 | 1 128 | 464 | 153 | 437 | 361 | 0 | 76 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi (DA) | | | | | | | | | |
| | | | — CA | 4 319 | 3 794 | | | 525 | | | | |
| | | | — PA | 4 319 | | 3 556 | 17 | 746 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Dħul assenjat gvern Taljan | 300 | 300 | Dħul assenjat gvern Taljan | 300 | 209 | 115 | 185 | 0 | 485 | 111 | 374 | 0 |
| Dħul assenjat ETE-MEDA | 0 | 0 | Dħul assenjat ETE-MEDA | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 131 | 1 106 | 2 025 | 0 |
| Dħul assenjat TEMPUS | 870 | 609 | Dħul assenjat TEMPUS | 870 | 455 | 332 | 277 | 261 | 864 | 512 | 352 | 0 |
| | | | **Total CA** | **21 053** | **18 845** | | **1 934** | **1 963** | **5 479** | **2 529** | **2 751** | **199** |
| **Total** | **21 053** | **20 547** | **Total PA** | **21 053** | | **16 918** | **1 951** | **2 184** | **5 479** | **2 529** | **2 751** | **199** |

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta’ l-impenji huma daqs l-approprijazzjonijiet ta’ pagamenti).
DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta’ impenji jistgħu ikunu differenti mill-approprijazzjonijet ta’ pagamenti).
CA: approprijazzjonijiet ta’ impenji f’sistema ta’ approprijazzjonijiet differenzjati.
PA: approprijazzjonijiet ta’ pagament fil-kuntest ta’ approprijazzjonijiet differenzjati.
*NB:* Għad-dħul assenjat l-ammonti mogħtija għad-dħul mdaħħal fil-baġit u l-approprijazzjonijiet tan-nefqa huma l-ammonti korretti (ara l-paragrafu tar-rapport preżenti).
*Sors:* data pprovduta mill-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data*provduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati abbażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Il-kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Sussidju tal-Kummissjoni | 17 572 | 16 015 |
| CDT (ĊTT) — rifużjoni | 183 | 0 |
| Mixxelanji | 33 | 36 |
| Dħul assenjat (Phare) | 2 250 | 3 183 |
| **Total (a)** | **20 038** | **19 234** |
| **Spejjeż operattivi** | | |
| Spejjeż relatati mal-persunal | 12 101 | 11 539 |
| Spejjeż relatati ma' attiv fiss | 336 | 358 |
| Spejjeż operattivi | 2 980 | 4 021 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 2 720 | 2 580 |
| Spejjeż operattivi — dħul assenjat | 2 250 | 3 183 |
| **Total (b)** | **20 387** | **21 681** |
| **Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)** | **– 349** | **– 2 447** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 0 | 0 |
| Spejjeż minn operazzjonijiet finanzjarji (f) | 0 | 1 |
| **Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)** | **0** | **– 1** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **– 349** | **– 2 448** |

*Sors:* data pprovduta mill-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* pprovduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha.

*Tabella 4*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 2 882 | 3 053 |
| Attiv fiss tanġibbli | 265 | 311 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Stokks | 26 | 34 |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 857 | 1 169 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 517 | 339 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 12 806 | 12 157 |
| **Total ta' l-attiv** | **17 353** | **17 063** |
| **Passiv mhux kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 1 001 | 550 |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal-lif mhux meħud | 155 | 157 |
| Kontijiet pagabbli | 15 324 | 15 134 |
| **Total tal-passiv** | **16 480** | **15 841** |
| **Attiv net** | **873** | **1 222** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 1 222 | 3 670 |
| Riżlutat ekonomiku tas-sena | – 349 | – 2 448 |
| **Kapital Nett** | **873** | **1 222** |

*Sors:* data pprovduta mill-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* pprovduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha.

## IR-RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI

7. L-ETF tikkonferma l-fatti ppreżentati fl-osservazzjoni tal-Qorti. Għall-preċiżjoni, l-ETF tixtieq iżżid li minbarra l-programmi tal-Kummissjoni, id-dħul assenjat fih ukoll il-fondi mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Taljan.

8. L-ETF tieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti. Filwaqt li fl-ebda stadju ma kien hemm nuqqas ta' rispett rigward il-prinċipju tat-trasparenza, ser isiru iktar sforzi sabiex il-prattika tal-preżentazzjoni tal-baġit tal-ETF tkun konformi mar-rekwiżiti regolatorji.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (EUROFOUND) għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni

(2008/C 311/23)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 157 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 157 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 157 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 159 |
| **Ir-risposti tal-Fondazzjoni** | | 163 |

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 ([1]). L-għan tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kondizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol aħjar fl-Unjoni Ewropea billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]). Ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Fondazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja mitmuma fil-31 ta' Diċembru 2007 ([3]) ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 u mibgħuta mill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([4]), sa fejn dawn huma applikabbli fil-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-2007 tal-Fondazzjoni kien jammonta għal 20,2 miljun euro meta mqabbel ma' 19,8 miljun euro għas-sena ta' qabel. Huwa kien jinkludi kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni sabiex tipprepara għas-sħubija futura tal-Kroazja u t-Turkija. Dawn il-kontribuzzjonijiet imisshom ġew ikkunsidrati bħala dħul assenjat fil-baġit, imma dan ma kienx il-każ. Din is-sitwazzjoni ma kinitx konformi mar-Regolament Finanzjarju.

8. Il-VAT rekuperabbli għas-sena finanzjarja 2007 ta' 376 611 euro ma kinitx ikklejmjata sa tmiem is-sena. Il-klejms tal-VAT għandhom jiġu rkuprati perjodikament matul is-sena. Din is-sitwazzjoni ma kkonformatx mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

9. Fil-każ tal-proċeduri ta' reklutaġġ, la l-piż tal-kriterji ta' l-għażla u lanqas il-punteġġi minimi li jkunu jridu jiġu milħuqa ma ġew deċiżi mill-Bord ta' l-Għażla sa mit-tluq. Barra minn hekk, f'każ wieħed il-kriterji ta' l-għażla definiti kienu jew mhux konformi ma' l-avviż ta' xogħol battal jew baqgħu vagi. Dan ma żgurax proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

10. Rigward proċeduri ta' l-akkwist pubbliku, l-anomaliji segwenti kienu osservati: proċedura ta' evalwazzjoni finanzjarja għal kuntratt mhux speċifikata b'mod ċar fid-dokumenti ta' l-offerta pubblika u kriterji ta' l-għażla li ma jippermettux twettiq kif suppost ta' evalwazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-kandidati ([5]). Dawn in-nuqqasijiet tellfu l-kwalità tal-proċedura u rriskjaw li jippreġudikaw l-għażla finali.

---

([1]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-30 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fit-18 ta' Lulju 2008.

([4]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([5]) Tliet każijiet.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)**

| Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 kif emendat mit-Regolament (KE) Nru 1111/2005 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni *(Data għall-2006)* | Attivitajiet u servizzi provduti |
|---|---|---|---|---|---|
| “Il-Komunità u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali, … għandu jkollhom bħala mira … it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja … il-Komunità għandha ssostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma li ġejjin; … b) kondizzjonijiet tax-xogħol; ċ) is-sigurtà soċjali u l-ħarsien soċjali tal-ħaddiem; d) il-protezzjoni tal-ħaddiem meta l-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom ikun mitmum; e) informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiem;f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiem u ta' min iħaddem, inkluża l-kodeterminazzjoni, g) il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għal persuni ta' ċittadinanza ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorju tal-Komunità; ħ) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq ta' l-impieg; i) l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa…”<br>*(L-Artikoli 136 u 137 ta-Trattat)* | **Objettivi**<br>L-għan tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet tal-ħajja u tax- xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa li tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:<br>— Il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol.<br>— L-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn ta' l-impjieg.<br>— Problemi li jirrigwardaw ċertu kategoriji ta' ħaddiema,<br>— Aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent.<br>— It-tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien. | **Kompiti**<br>— Biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma.<br>— Biex tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi.<br>— Biex twettaq studji jew biex tikkonkludi kuntratti ta' studji u biex tipprovdi assistenza għal proġetti pilota.<br>— Biex tikkoopera mill-viċin kemm jista' jkun ma' istituti speċjalizzati fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali. | 1. **Il-Bord Amministrattiv (BA)**<br>— Minn kull Stat Membru: rappreżentant wieħed mill-gvern, rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema.<br>— Tliet rappreżentanti mill-Kummissjoni.<br>2. **Il-bureau tal-BA**<br>— Magħmul minn 11-il membru; tliet membri minn kull wieħed mill-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, tnejn mill-Kummissjoni.<br>— Huwa jimmonitorja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BA u jieħu miżuri sabiex jassigura ġestjoni kif suppost bejn il-laqgħat tal-BA.<br>3. **Id-Direttur** huwa maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentata mill-BA, huwa jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-BA u tal-Bureau tal-BA u jmexxi l-Fondazzjoni.<br>4. **Il-Kumitati Konsultattivi** huma magħmula minn mhux aktar minn 3 membri mill-Kummissjoni, gvernijiet u msieħba soċjali, bil-għan li jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti kbar u dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati.<br>5. **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br>6. **Awtorità ta' kwittanza**<br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finalibgħall-2007:**<br>20,2 million Euro (*19,8 milljun euro*)<br>**Persunal f'Diċembru 2007:**<br>94 (*94*) kariga provduta fil-pjan ta' twaqqif, minn liema 84 (*89*) kienu okkupati<br>Persunal ieħor:<br>Esperti Nazzjonali ssekondati u persunal ta' aġenzija ta' l-impjiegi: 3 (*1*)<br>Aġenti Kontrattwali: 10 (*9*)<br>**Total tal-persunal impjegat**: 97 (*99*)<br>Attivitajiet operattivi: 55 (*58*)<br>Kompiti amministrattivi: 30 (*32*)<br>Varji: 4 (*4*) | **Monitoraġġ u stħarriġ:**<br>— Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO), Osservatorju Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) u l-Monitor Ewropew tar-Ristrutturar (ERM);<br>— ir-4 Stħarriġ Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol: analiżi sekondarja (temi ta' ġeneri u ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, l-età tal-ħaddiema li qed tavvanza, organizzazzjoni tax-xogħol, ħin tax-xogħol u intensità tax-xogħol …);<br>— Stħarriġ Ewropew fuq il-ħin tax-xogħol u l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol: ħames rapporti ppubblikati fl-2007. Preparazzjonijiet għat-tieni stħarriġ.<br>**Impjiegi u ristrutturar:**<br>— Xogħol mhux iddikkjarat;<br>— Każijiet ta' studju tal-Monitor Ewropew tar-Ristrutturar;<br>— Servizz ta' informazzjoni għall-partijiet interessati.<br>**Il-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol:**<br>— Postijiet tax-xogħol ta' attrazzjoni għal kulħadd;<br>— Flessibilita u sigurtà tal-ħajja;<br>— Tibdiliet fl-istruttura tax-xogħol.<br>**Relazzjonijiet industrijali u sħubija:**<br>— Kodiċi ta' kondotta u ftehimiet qafas;<br>— Bini ta' kapaċità għal-livelli settorjali u lokali; djalogu soċjali fl-UE 10;<br>— Ħin tax-xogħol u relazzjonijiet industrijali. |

| Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji stipulati fit-Trattat | Kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 kif emendat mit-Regolament (KE) Nru 1111/2005 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni *(Data għall-2006)* | Attivitajiet u servizzi provduti |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Il-Koeżjoni soċjali u l-kwalità tal-ħajja:**<br>— Rwol ta' l-awtoritajiet nazzjonali fl-integrazzjoni ta' l-emigranti;<br>— Żviluppi fis-servizzi ta' teħid ta' ħsieb tat-tfal f'żoni żvantaġġjati;<br>— Promozzjoni tal-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa rurali.<br>**Komunikazzjoni u qsim ta' ideat u esperjenzi:**<br>— 376 pubblikazzjoni, 1,57 miljun sessjoni ta' utenti (medja ta' 4 303/ġurnata);<br>— 37 attività ta' l-istampa, 45 stqarrija għall-istampa, 28 % ogħla fuq l-2006;<br>— 1 126 artiklu b'valur ta' reklamar ekwivalenti (AVE) għal 2,1 miljun euro, li laħqu madwar58 765 000 persuna, 80 % ogħla mill-32 536 000 fl-2006. 252 inkjesta ġurnalistika, + 9 % ogħla mis-sena preċedenti;<br>— Kampanja ta' promozzjoni Ir-Raba' Stħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol: xi jgħidu l-ħaddiema, "Il-Kwalità tal-Ħajja fit-Turkija";<br>— Roadshows f'ħames pajjiżi;<br>— Seminarji tan-Netwerk tal-Kumpaniji dwar id-Diversità fl-Ewropa u t-Tibdil Ambjentali;<br>— Serje ta' Seminars tal-Fondazzjoni "Żgħażagħ u Xogħol";<br>— Ċentri Nazzjonali ta' Kuntatt li jkopru 10 Stati Membri;<br>— 16-il wirja;<br>— 58 żjara lill-Fondazzjoni, inkluż mill-President Finlandiż. |

*Sors:* informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

*Tabella 2*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul ieħor [1] | | | Dħul ieħor [1] | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | | Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Sussidji komunitarji | 19 600 | 19 600 | Titolu I Persunal | 10 687 | 10 260 | 10 084 | 243 | 360 | 120 | 94 | 26 |
| Sussidji oħrajn | 300 | 340 | Titolu II Amministrazzjoni | 1 272 | 1 190 | 892 | 370 | 10 | 635 | 567 | 68 |
| Dħul ieħor | 280 | 321 | Titolu III Attivitajiet operattivi | 8 221 | 7 943 | 3 712 | 4 397 | 112 | 3 557 | 3 410 | 147 |
| **Total** | **20 180** | **20 261** | **Total** | **20 180** | **19 393** | **14 688** | **5 010** | **482** | **4 312** | **4 071** | **241** |

([1]) Inkluż id-dħul assenjat.

*Sors:* Data mogħtija mill-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul Operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 19 600 | 19 000 |
| Sussidji oħrajn | 340 | 517 |
| Dħul ieħor | 884 | 248 |
| **Total (a)** | **20 824** | **19 765** |
| **Spejjeż Operattivi** | | |
| Spejjeż tal-persunal | 9 132 | 8 908 |
| Spejjeż relatati ma' attiv fiss | 608 | 724 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 2 416 | 2 106 |
| Spejjeż relatati ma' operazzjonijiet | 8 597 | 7 409 |
| **Total (b)** | **20 753** | **19 147** |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet Operattivi (c = a – b)** | **71** | **618** |
| Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e) | 0 | 0 |
| Spejjeż minn operazzjonijiet finanzjarji (f) | 4 | 10 |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet mhux Operattivi (g = e – f)** | **– 4** | **– 10** |
| **Riżultat Ekonomiku għas-sena (h = c+g)** | **67** | **608** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 46 | 84 |
| Attiv fiss tanġibbli | 3 327 | 2 388 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira | 732 | 344 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 1 095 | 690 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 4 635 | 3 111 |
| **Total ta' l-attiv** | **9 835** | **6 617** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti | 141 | 274 |
| Kontijiet pagabbbli | 3 695 | 1 643 |
| **Total tal-passiv** | **3 836** | **1 917** |
| **Attiv nett** | **5 999** | **4 700** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 5 932 | 4 092 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 67 | 608 |
| **Kapital nett** | **5 999** | **4 700** |

*Sors:* Data mogħtija mill-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IT-TWEĠIBIET TAL-EUROFOUND GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI TA' L-AWDITURI

7. Mill-2008 'l hemm, inkorporajna il-linji tal-baġit R0 fl-ABAC u se nipproċedu b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet al-Qorti.

8. Kien hemm dewmien fl-irkupru tal-VAT għall-2007 minħabba l-introduzzjoni tas-softwer finanzjarju ġdid ABAC. Il-VAT ġiet ipproċessata u rkuprata bis-sħiħ f'April ta' l-2008

9. L-Eurofound diġà adatta l-proċedura tiegħu ta' reklutaġġ sabiex jindirizza l-kwistjonijiet mqajjma mill-Qorti.

10. L-Eurofound kellu juża l-proċedura li ġiet ikkritikata minħabba xi inċertezzi buġetarji. Madanakollu, l-Eurofound huwa konfidenti li nkiseb l-aħjar valur għall-flus. Fil-ġejjieni, il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prezz se jiġi iddefinit b'mod li jevita mill-bidu kull poter diskrezzjonarju.

Fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja, Art. 135.2 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni jistipula li l-Eurofound jista' jippreskrievi l-livelli minimi ta' kapaċità. Fil-ġejjieni, l-Eurofound se jippreskrievi l-kriterji għall-applikazzjoni ta' livelli minimi ta' kapaċità finanzjarja.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2008/C 311/24)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 165 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 165 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-8 | 165 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 167 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 171 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie mwaqqaf permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 (1). Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jiġbor *data* dwar id-drogi u d-dipendenza fuq id-drogi sabiex jipprepara u jippubblika informazzjoni li hija oġġettiva, affidabbli u komparabbli fil-livell Ewropew. Din l-informazzjoni hija intiża li tipprovdi bażi sabiex tkun analizzata d-domanda għad-droga u l-modi kif, kemm din, kif ukoll b'mod ġenerali, il-fenomeni assoċjati mas-suq tad-droga, jistgħu jiġu mnaqqsa.

2. It-*Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. *Data* prinċipali meħudha mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007 hija mogħtija fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2). Hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 (3) ġew ippreparati mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 302/93, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-ISSAI (4), safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

(1) ĠU L 36, 12.2.1993. Dan ir-Regolament ġie emendat permezz tar-Regolamenti (KE) Nru 3294/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 341, 30.12.1994, p. 7) u (KE) Nru 1651/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-30 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fis-7 ta' Lulju 2008.

(4) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit finali taċ-Ċentru ta' l-2007 ammonta għal 14,4 miljun euro meta mqabbel mat-13,1 miljun euro għas-sena ta' qabel. Il-baġit taċ-Ċentru fil-parti l-kbira tiegħu huwa ffinanzjat minn sussidji tal-Kummissjoni. Il-baġit finali, adottat fit-23 ta' Ottubru 2007, inkluda approprijazzjonijiet supplimentarji ta' 469 000 euro; il-biċċa l-kbira tagħhom, jiġifieri 420 000 euro, li kabbru l-ammont inizjali tal-linja tal-baġit tal-operazzjonijiet ta' l-IT b'aktar minn 80 %.

8. Iċ-Ċentru ma jaqbilx man-Norveġja fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja għall-parteċipazzjoni tagħha fix-xogħol taċ-Ċentru (applikabbli mill-2007 'il quddiem). In-nuqqas ta' qbil huwa minħabba l-fatt li l-formula tal-ftehim oriġinali ffirmat (applikata miċ-Ċentru) hija differenti mill-formula misjuba fil-ftehim hekk kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali (applikata min-Norveġja). Iċ-Ċentru ta kont ta' din il-kontribuzzjoni skond l-interpretazzjoni tiegħu tal-formula. Iċ-Ċentru għandu jfittex li jsolvi dan in-nuqqas ta' ftehim mill-iktar fis possibbli peress li għandu impatt fuq il-baġit u fuq ir-rendikonti finanzjarji taċ-Ċentru (5).

(5) L-istima taċ-Ċentru hija bejn wieħed u ieħor 80 000 euro ogħla minn dik ta' l-awtoritajiet Norveġiżi.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Il-poteri taċ-Ċentru kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament u tal-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2006 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru 2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 *(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità għandha tikkumplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni.<br><br>*(l-Artikolu 152 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>Li jipprovdi lill-Komunità u l-Istati Membri tagħha b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u kumparabbli fil-livell Ewropew rigward droga u l-vizzji tad-droga u l-konsegwenzi tagħhom.<br><br>Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ għandu jiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin:<br><br>1) monitoraġġ ta' l-istat tal-problema tad-droga, u xejriet li qed jiżviluppaw, partikolarment dawk li jinvolvu użu ta' diversi drogi;<br><br>2) monitoraġġ tas-soluzzjonijiet u għoti ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattiċi;<br><br>3) evalwazzjoni tar-riskji ta' sustanzi psikoattivi ġodda u l-manteniment ta' sistema ta' informazzjoni rapida;<br><br>4) żvilupp ta' għodda u instrumenti sabiex jgħinu lill-Istati Membri jissorveljaw u jevalwaw il-politika nazzjonali tagħhom u lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u tevalwa l-politika UE. | **Kompiti**<br><br>— Jiġbor u janalizza d-*data*.<br><br>— Itejjeb metodi ta' komparabilità tad-*data*<br><br>— Jikkomunika d-*data*<br><br>— Jikkoopera ma' Korpi Ewropej u Internazzjonali, ma' organizzazzjonijiet u ma' pajjiżi terzi.<br><br>— Jidentifika żviluppi ġodda u xejriet il qegħdin jinbidlu. | 1 **Bord Amministrattiv**<br><br>Huwa magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u żewġ esperti indipendenti, maħtura mill-Parlament Ewropew.<br><br>Huwa jadotta il-Programm taxxogħol, ir-rapport ta' l-attivitajiet ġenerali u l-baġit.<br><br>2 **Direttur**<br><br>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.<br><br>3 **Kumitat Xjentifiku**<br><br>Jagħti opinjonijiet. Huwa magħmul minn 15-il xjentist magħrufa ħafna, maħtura in vista ta' l-eċċellenza tagħhom mill-Bord Amministrattiv wara sejħa għal espressjoni ta' interess. Il-Bord Amministrattiv jista' jaħtar ukoll grupp ta' esperti għall-Kumitat Xjentifiku estiż għall-evalwazzjoni tar-riskju tas-sustanzi psikoattivi ġodda.<br><br>4 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br><br>5 **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Parlament jagixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit finali**<br><br>14,4 miljun euro (*13,1miljun euro*). Sussidji Komunitarji 93 % (*92 %*).<br><br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment: 82 (*77*)<br><br>Karigi okkupati: 73 (*68*)<br><br>+ 25 (*23*) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, persunal b'kuntratt u persunal temporanju)<br><br>Total tal-Persunal: 98 (*91*)<br><br>Assenjati l-kompiti li ġejjin:<br><br>operattivi 60 (*53,5*)<br><br>sostenn amministrattiv u ta' l-IT: 29 (*30*)<br><br>mħallta: 9 (*7,5*) | **Netwerk:**<br><br>Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ imexxi network kompjuterizzata għall-ġbir u skambju ta' informazzjoni msejjaħ Network Ewropew ta' "Informazzjoni dwar id-Drogi u Tossiku Dipendenza" (Reitox), din in-network tgħaqqad in-networks nazzjonali dwar l-informazzjoni fuq id-drogi, iċ-ċentri speċjalizzati fil-Pajjiżi Membri u s-sistemi ta' informazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu maċ-Ċentru ta' Monitoraġġ.<br><br>**Il-Pubblikazzjonijiet:**<br><br>— Rapport annwali dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Ewropa (23 verżjoni lingwistika, pubblikazzjoni u website interattiva)<br><br>— Ċerti ħarġiet ippubblikati flimkien mar-Rapport Annwali (**3 ħarġiet**, publikazzjonijiet, sommarji u websites interattivi, EN);<br><br>— Rapport Statistiku u website interattiva li tinkludi iktar minn **350** (*250*) tabella, **100** (*150*) grafika u fajls PDF;<br><br>— Rapport ġenerali ta' l-attivitajiet (annwali, EN)<br><br>— Newsletter Drugnet Europe — 4 ħarġiet, EN (4);<br><br>— Drugs in Focus (sommarji tal-politika) — **3** ħarġiet, 25 verżjoni lingwistika;<br><br>— Studji tekniċi u xjentifiċi, inklużi Artikli u sommarji xjentifiċi **57** (*37*); |

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Il-poteri taċ-Ċentru kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament u tal-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2006 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru 2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 *(Data għall-2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Websites oħra:**<br>It-twaqqif/l-aġġornament/l-iżvilupp tal-kontenut tal-website pubblika EMCDDA:<br>— Profil tad-droga,<br>— Sommarji tas-sitwazzjoni ta' pajjiż<br>— Profili tad-*data* ta' pajjiz<br>— Analizi ġenerali tat-trattament tad-droga<br>— Database legali ewropea dwar id-drogi<br>— Bank ta' l-istrumenti ta' evalwazzjoni<br>— Skambji fuq l-azzjonijiet għat-tnaqqis tad-domanda tad-droga<br>— FONTE: sistema ta' kollezzjoni, validazzjoni, ħażna u rkupru ta' *data*<br>**Fuljetti promozzjonali: 3** (4) products<br>**Prodotti tal-medja**: -174 (***174***) **prodotti mħallta**<br>**Parteċipazzjoni f'konferenzi/laqgħat internazzjonali 230** (***162***)<br>**Organizzazzjoni ta' laqgħat tekniċi u xjentifiċi 41** (***27***) |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

*Tabella 2*

**Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluz fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul irċevut | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | | |
| | | | | imdaħħla | impenjati | imħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | imħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati |
| Sussidji Komunitarji | 13 469 | 13 469 | Titolu I<br>Persunal (NDA) | 7 118 | 7 098 | 7 011 | 87 | 20 | 95 | 88 | 0 | 7 |
| Sussidji oħrajn | 412 | 333 | Titolu II<br>Amministrazzjoni (NDA) | 2 093 | 2 064 | 1 294 | 770 | 30 | 405 | 307 | 0 | 97 |
| | | | Titolu III<br>Attivitajiet Operattivi (DA) | | | | | | | | | |
| | | | CA | 4 669 | 4 498 | | | 172 | | | | |
| | | | PA | 4 669 | | 4 452 | | 218 | | | | |
| Dħul assenjat (Phare u CARDS) | 550 | 0 | Dħul assenjat (Phare u CARDS) | 550 | 26 | 0 | | 550 | 584 | 257 | 327 | 0 |
| Dħul assenjat iehor | pm | 251 | Dħul assenjat ieħor | pm | 220 | 177 | 74 | 0 | 144 | 139 | 0 | 5 |
| | | | **Total CA** | **14 431** | **13 906** | | | **772** | | | | |
| **Total** | **14 431** | **14 053** | **Total PA** | **14 431** | | **12 934** | **931** | **818** | **1 228** | **791** | **327** | **109** |

IOB: ikke-opdelte bevillinger (beløbet for forpligtelsesbevillingerne og beløbet for betalingsbevillingerne er det samme).
OB: opdelte bevillinger (beløbet for forpligtelsesbevillingerne kan være forskelligt fra beløbet for betalingsbevillingerne).
FB: forpligtelsesbevillinger (opdelte bevillinger).
BB: betalingsbevillinger (opdelte bevillinger).
*Sors:* *Data* pprovduta miċ-Ċentru. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* provduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

*Tabella 3*

**Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi — (Liżbona) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **dħul operattiv** | | |
| Sussidji komunitarji | 13 369 | 13 394 |
| Dħul ieħor | 662 | 93 |
| **Total (a)** | **14 031** | **13 488** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 7 044 | 6 566 |
| Nefqa relatata ma' l-attiv fiss | 358 | 292 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1 289 | 2 369 |
| Nefqa operattiva | 5 028 | 4 629 |
| **Total (b)** | **13 719** | **13 857** |
| **Bilanc favur/(Kontra) minn attivitajiet Operattivi (c = a – b)** | **312** | **– 370** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | — | — |
| Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f) | 17 | 16 |
| **Bilanc favur/(Kontra) minn attivitajiet mhux Operattivi (g = e – f)** | **– 17** | **– 16** |
| **Rizultat Ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **295** | **– 385** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

*Tabella 4*

**Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tangibbli | 426 | 374 |
| Attiv fiss tangibbli | 2 725 | 2 809 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Ricevibbli ta' skadenza qasira | 556 | 416 |
| Likwidità u likwidi ekwivalenti | 1 847 | 1 881 |
| **Total tal-attiv** | **5 554** | **5 480** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Provizjonijiet għal riskji u spejjez | 165 | 149 |
| Kontijiet pagabbli | 2 606 | 2 843 |
| **Total tal-passiv** | **2 771** | **2 992** |
| **Attiv nett** | **2 783** | **2 488** |
| **Rizervi** | | |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 2 488 | 2 872 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 295 | – 385 |
| **Kapital nett** | **2 783** | **2 488** |

*Sors:* *Data* mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

## RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU TA' MONITORAĠĠ

7. L-approprijazzjonijiet supplimentari li saret referenza għalihom iddaħħlu fil-baġit tal-EMCDDA tal-2007 permezz tal-baġit ta' emenda u dak supplimentari adottat mill-EMCDDA fit-23 ta' Ottubru 2007. Dawn l-approprijazzjonijiet kienu mmirati biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet supplimentari li ma setgħux jiġu antiċipati meta ġie adottat il-baġit inizjali tal-2007 (Diċembru 2006). Dawn il-ħtiġijiet kienu jiddependu fuq xi fatturi/avvenimenti li kienu magħrufa biss matul it-tielet trimestru tal-2007, jiġifieri l-iskeda għat-trasferiment tal-EMCDDA fil-bini l-ġdid tiegħu u ħtiġijiet tekniċi ta' IT relatati. Madankollu, skond il-pożizzjoni li esprimiet il-Qorti, l-EMCDDA huwa impenjat bis-sħiħ biex jissokta bl-isforzi kostanti tiegħu biex jantiċipa u jippjana, kemm jista' jkun, il-ħtiġijiet tal-baġit tiegħu.

8. L-EMCDDA qed jipprova b'mod attiv biex jilħaq kompromess mal-awtoritajiet Norveġiżi sabiex jegħleb l-impass preżenti, waqt li jiġi evitat li jiġu pperikolati l-attivitajiet/operazzjonijiet tal-EMCDDA u r-relazzjonijiet tajba tiegħu man-Norveġja.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

(2008/C 311/25)

## WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 173 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 173 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7 | 173 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 174 |
| **Ir-risposti ta' l-Uffiċċju** | | 177 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 ([1]). Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jirreġistra u jeżamina applikazzjonijiet għall-għotja ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-Komunità għal varjetajiet ta' pjanti u jassigura li l-eżamijiet tekniċi neċessarji huma mwettqa minn uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. *Data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2007 hija ppreżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Kunsill Amministrattiv ta' l-Uffiċċju, skond l-Artikolu 111 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([2]) ġew ippreparati mill-President tiegħu, skond l-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([3]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONI**

7. Sabiex jinkisbu interessi ogħla milli fuq kont ta-tfaddil standard, l-Uffiċċju xtara ishma ġo fondi ta' investiment għal 3 sa 6 xhur għal ammonti li jvarjaw bejn 2 sa 10 miljun euro ([4]). Fi Frar ta' l-2007, investa wkoll 5 miljun euro ġo fond ta' investiment ta' sentejn. L-Uffiċju għandu jadotta politika ta' ġestjoni tat-teżor qabel ma jinvesti fi strumenti finanzjarji bħal dawn.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

---

([1]) ĠU L 227, 1.9.1994, p. 27.

([2]) Dawn il-kontijiet ġew ppreparati fis-27 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2008.

([3]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([4]) Fl-aħħar tas-sena 2007, dawk l-investimenti kollha kienu ġew imħallsa.

*Tabella 1*

**Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetà tal-Pjanti (Angers)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati fit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Uffiċċju kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2007 *(2006)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2007 *(2006)* |
|---|---|---|---|---|---|
| **Moviment ħieles tal-merkanzija**<br><br>Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet iġġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri.<br><br>*(Estratt mill-Artikolu 30 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br><br>— Li japplika s-sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva ta' protezzjoni tal-Komunità għall-varjetajiet ta' pjanti. | **Kompiti**<br><br>— Jiddeċiedi jekk jagħtix jew jirrifjutax applikazzjonijiet għal drittijiet tal-Komunità fuq il-varjetajiet ta' pjanti.<br><br>— Jiddeċiedi fuq objezzjonijiet.<br><br>— Jiddeċiedi fuq appelli.<br><br>— Jiddeċiedi fuq ir-revoka jew l-annullament ta' dritt tal-varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità. | 1 **Il-President**<br><br>Imexxi l-Uffiċċju. Huwa jiġi nominat mill-Kunsill minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv.<br><br>2 **Il-Kunsill Amministrattiv**<br><br>Il-Kunsill Amministrattiv jissorvelja l-programm ta' xogħol ta' l-uffiċċju u jiffissa ir-regoli dwar il-metodi ta' xogħol ta' l-Uffiċċju. Huwa kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alternati tagħhom.<br><br>3 Deċiżjonijiet rigward l-għotja ta' drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti tal-Komunità jiġu adottati mill-**Kumitati** magħmula minn tliet membri tal-persunal ta' l-Uffiċċju u mill-**Bord ta' l-Appell** fil-proċeduri ta' l-appell.<br><br>4 **Kontroll tal-legalità ta' atti ta' l-Uffiċċju**<br><br>Analiżi mill-Kummissjoni dwar il-legalità ta' l-Atti tal-President ta' l-Uffiċċju li dwarhom il-liġi tal-Komunità ma tipprovdix għall-kontroll fuq il-legalità minn xi korp ieħor, u ta' dawk l-atti tal-Kunsill Amministrattiv li għandhom x'jaqsmu mal-baġit ta' l-Uffiċċju.<br><br>5 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>6 **Awtorità ta' kwittanza**<br><br>Il-Kunsill Amministrattiv. | **Baġit finali:**<br><br>13,4 (*13,0*) miljun euro<br><br>**Numru ta' impjegati sa l-31 ta' Diċembru 2007:**<br><br>Numru ta' persunal fil-pjan ta' twaqqif: 42 (*41*)<br><br>Karigi okkupati: 42 (*41*)<br><br>+ 2,5 (*4*) karigi oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali, persunal impenjat fl-aġenzija)<br><br>*Total tal-Persunal*: 44,5 (*45*)<br><br>Assenjati fil-kompiti li ġejjin:<br><br>Operattivi: 17,5<br><br>Amminitrazzjoni: 21<br><br>Varji: 6 | Applikazzjonijiet eżaminati: 2 977 (*2 751*)<br><br>Drittijiet mogħtija: 2 616 (*2 289*)<br><br>Drittijiet Komunitarji fis-Seħħ Fil-31 ta' Diċembru 2007: 14 598 (*12 933*) |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju.

*Tabella 2*

**Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja [1] | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta’ l-infiq | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba ’l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba ’l quddiem | annullati | disponibbli | mħallsa | annullati |
| Dħul proprju | 8 991 | 8 999 | Titolu I<br>Persunal (NDA) | 4 857 | 4 556 | 4 508 | 48 | 301 | 53 | 51 | 2 |
| Bilanċ favur akkumulat | 3 545 | 0 | | | | | | | | | |
| Sussidji Komunitarji | 172 | 0 | Titolu II<br>Amministrazzjoni (NDA) | 2 857 | 2 477 | 997 | 1 481 | 380 | 852 | 408 | 444 |
| Dħul ieħor | 707 | 575 | Titolu III — CA | 6 896 | 5 458 | | 0 | 1 438 | — | | — |
| | | | Attivitajiet operattivi (DA) — PA | 5 701 | | 5 161 | 0 | 540 | | | |
| | | | **Total CA** | **14 610** | **12 492** | **5 505** | **1 528** | **2 118** | **—** | **—** | **—** |
| **Total** | **13 415** | **9 574** | **Total PA** | **13 415** | **7 033** | **10 666** | **1 528** | **1 221** | **905** | **459** | **446** |

[1] Il-baġit ppublikat fih 13 405 (000) bħala dħul totali u 13 399 (000) bħala total ta’ l-approprijazzjonijiet ta’ pagament. L-Ammont korrett, iżda, kellu jkun 13 415 (000). Din it-tabella fiha l-ammonti korretti.

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta’ impenji huma daqs l-approprijazzjonijiet ta’ pagament).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta’ impenji jistgħu jkunu differenti mill-approprijazzjonijet ta’ pagament).

CA: approprijazzjonijiet ta’ impenji f’sistema ta’ approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta’ pagament fil-kuntest ta’ approprijazzjonijiet differenzjati.

*Sors:* Data mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-Tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Onorarji rċevuti | 8 983 | 8 844 |
| Dħul ieħor | 387 | 29 |
| **Total (a)** | **9 370** | **8 873** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Nefqa fuq il-persunal | 4 554 | 4 398 |
| Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss | 184 | 191 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1 130 | 1 031 |
| Spejjeż operattivi | 4 814 | 4 535 |
| **Total (b)** | **10 682** | **10 155** |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet Operattivi (c = a – b)** | **– 1 312** | **– 1 282** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 602 | 495 |
| Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f) | 8 | 0 |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet mhux Operattivi (g = e – f)** | **594** | **495** |
| Dħul straordinarju | 0 | 7 |
| Nefqa straordinarja | 7 | 38 |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet Straordinarji** | **– 7** | **– 31** |
| **Riżultat Ekonomiku għas-sena** | **– 725** | **– 818** |

*Sors:* Data provduta mill-Uffiċċju. Din it-tabella taghti sommarju tad-*data* moghtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tieghu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attiv mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss intanġibbli | 269 | 43 |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 3 677 | 3 316 |
| Attiv fiss finanzjarji | 5 003 | 3 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 2 644 | 1 866 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 11 905 | 18 487 |
| **Total ta' l-attiv** | **23 498** | **23 715** |
| Kontijiet pagabbli | 8 591 | 8 342 |
| **Total tal-passiv** | **8 591** | **8 342** |
| **Assi netti** | **14 907** | **15 373** |
| **Riżerva** | | |
| Bilanċ favur/(kontra) akkumulat | 15 373 | 16 191 |
| Proviżjonijiet għal riskji u imposti | 259 | 0 |
| Riżultati ekonomiku għas-sena | – 725 | – 818 |
| **Kapital nett** | **14 907** | **15 373** |

*Sors:* Data provduta mill-Uffiċċju. Din it-tabella taghti sommarju tad-*data* moghtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tieghu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

## IT-TWEĠIBIET TA' L-UFFIĊĊJU

7. L-Uffiċċju jieħu nota ta' l-osservazzjoni. Id-deċiżjonijiet ta' investiment ittieħdu abbażi ta' l-analiżi u l-informazzjoni ppreżentata mill-akkawntant lill-maniġment. Dan ta' l-aħħar ikkonferma l-ordnijiet kollha ta' sottoskrizzjoni.

Minn Ottubru ta' l-2007 'l hemm, it-teżorerija disponibbli ġiet biss investita f'kontijiet b'terminu fiss. L-Uffiċċju se jifformalizza politika ta' ġestjoni ta' teżorerija.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

(2008/C 311/26)

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1-2 | 179 |
| DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI | 3-6 | 179 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 7-10 | 179 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 181 |
| **Ir-risposti ta' l-Uffiċċju** | | 184 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Uffiċċju" kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ([1]) ta' l-20 ta' Diċembru 1993. Il-mandat tiegħu hu li jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq trademarks u disinji, li jagħti lill-intrapriżi protezzjoni uniformi fiż-żona ta' l-Unjoni kollha.

2. *It-Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. Sommarju tad-*data* prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2007 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Kumitat tal-Baġit ta' l-Uffiċċju skond l-Artikolu 137 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007 ([2]) kienu ppreparati mill-President tiegħu, skond l-Artikolu 119 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tipprovdi dikjarazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-ISSAI ([3]), sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2007, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Legalità u regolarità tat-tranżazzjonjiet ta' bażi***

It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Il-baġit ta' l-2007 ta' l-Uffiċċju kien jammonta għal 276 miljun euro, meta mqabbel ma' 212-il miljun euro fis-sena ta' qabel. Il-baġit ta' l-2007 jinkludi riserva ta' 118 miljun euro, meta mqabbla ma' 77 miljun euro s-sena ta' qabel. Il-baġit ta' l-Uffiċċju huwa ffinanzjat minn onorarji imħallsa mill-utenti tas-servizzi tiegħu.

8. Fis-snin li għaddew, l-Uffiċċju naqqas sinifikatament in-numru ta' persunal permanenti filwaqt li żied il-volum ta' l-attivitajiet tiegħu permezz ta' awtomatizzazzjoni sistematika tal-proċessi u bgħit ta' xogħol barra għall-attivitajiet ta' sostenn. In-nefqa fuq konsultazzjoni ta' l-IT, żvilupp u manutenzjoni żdiedet minn 7,5 miljun euro fl-2000 għal 17-il miljun euro fl-2006 u għal 22 miljun euro fl-2007. Il-benefiċċji ta' dan l-approċċ għandhom jiġu evalwati mill-Uffiċċju permezz ta' analiżi globali ta' l-ispiża meta mqabbla mal-benefiċċju.

9. Għall-proġetti ta' l-2007 ġestiti mid-dipartiment tal-ġestjoni tal-Kwalità ta' l-Uffiċċju, analiżi tan-nefqa meta mqabbla mal-benefiċċju, estimi finanzjarji u ġustifikazzjonijiet xierqa ma ġewx dejjem ippreparati. Rabta diretta bejn il-proġetti u l-impenji baġitarji ma ġietx stabbilita, u dan ma ppermettiex kontroll tan-nefqa u ġesjtoni effiċjenti.

10. Fir-rapport tagħha ([4]) dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-2006, il-Qorti osservat il-bżonn għall-Uffiċċju sabiex jipproponi lill-Kummissjoni livell ta' onorarji li jirrifletti b'mod aktar preċiż il-bżonnijiet reali tiegħu ([5]). Il-bilanċ favur akkumulat ([6]) fl-2006 kien ta' 201 miljun euro u fl-2007 laħaq il-273 miljun euro. L-Uffiċċju, flimkien mal-Kummissjoni jrid jirrifletti wkoll fuq kif jista' jagħmel użu aħjar u aktar effettiv tal-fondi preżentament miżmuma fir-riżervi.

([1]) ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1.

([2]) Dawn il-kontijiet ġew magħmula fl-20 ta' Ġunju 2008 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2008.

([3]) Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

([4]) ĠU C 309, 19.12.2007, p. 142.

([5]) L-Artikolu 134(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993.

([6]) Riżultati tal-baġit miġjuba 'l quddiem flimkien ma' fondi ta' riżerva skond l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Uffiċċju.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta’ l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta’ Settembru 2008.

*Għall-Qorti ta’ l-Awdituri*
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

*Tabella 1*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante)**

| Qasam ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat | Kompetenzi ta' l-Uffiċċju kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 | | Tmexxija | Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2007 *(Data għall-2006)* | Prodotti u servizzi provduti fis-sena finanzjarja 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Moviment ħieles tal-merkanizija**<br>Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġustifikati abbażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri<br>*(Mill-Artikolu 30 tat-Trattat)*<br>Ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jingħataw is-servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi.<br>*(Mill-Artikolu 49 tat-Trattat)* | **Objettivi**<br>— Biex jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq it-trade marks u d-diżinjali, li tagħti lill-intrapriżi d-dritt għal protezzjoni uniformi tul iż-żona kollha ta' l-Unjoni Ewropea. C8 | **Kompiti**<br>— Biex jirċievi u jdaħħal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.<br>— Biex jeżamina l-kundizzjonijiet għad-dħul fir-Reġistru u l-kompatibilità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità.<br>— Biex ifittex fl-uffiċċji ta' proprjetà industrijali ta' l-Istati Membri għal kwalunkwe trade marks nazzjonali.<br>— Biex jippubblika applikazzjonijiet.<br>— Biex jeżamina kwalunkwe oppożizzjoni minn partijiet terzi.<br>— Biex jirreġistra jew jirrofta applikazzjonijiet.<br>— Biex jeżamina applikazzjonijiet għar-revoka jew invalidità.<br>— Biex jittratta appelli kontra deċiżjonijiet. | 1 **Bord Amministrattiv**<br>*Kompożizzjoni*<br>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.<br>— Rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alterni tagħhom.<br>*Kompitu*<br>— Biex jagħti pariri lill-President dwar kwistjonijiet li l-Uffiċċju huwa responsabbli għalihom.<br>— Biex jipprepara listi ta' kandidati (l-Artikolu 120) għall-President, Viċi-Presidenti u chairmen u membri tal-Bordijiet ta' l-Appell.<br>2 **President ta' l-Uffiċċju**<br>— Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' mill-inqas tliet kandidati li ġiet ippreparata mill-Bord Amministrattiv.<br>3 **Kumitat tal-Baġit**<br>*Kompożizzjoni*<br>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alterni tagħhom.<br>*Kompitu*<br>— Jadotta l-baġit u r-regolament finanzjarju; jagħti approvazzjoni lill-President u jiddetermina l-prezz tar-rapporti tat-tfittxija.<br>4 **Deċiżjonijiet konnessi ma' l-applikazzjonijiet**<br>Id-deċiżjonijiet huma meħuda minn:<br>a) l-Eżaminaturi;<br>b) id-Diviżjonijiet ta' l-Oppożizzjoni;<br>c) l-Amministrazzjoni tat-Trade Marks u d-Diviżjoni Legali;<br>d) id-Diviżjonijiet ta' l-Annullament;<br>e) il-Bordijiet ta' l-Appell<br>5 **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri.<br>6 **Awtorità ta' Kwittanza**<br>Il-Kumitat tal-Baġit ta' l-Uffiċċju. | **Baġit finali**<br>276 miljun euro<br>*(212-il miljun euro)*<br>Inkluż sussidju Komunitarju<br>Sussidju: 0 % (0%)<br>**Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2007**<br>647 (*675*) kariga fil-pjan ta' stabbiliment, karigi okkupati: 619 (*603*) + 89 (*72*) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali u ta' l-aġenziji ta' l-impjiegi, konsulenti speċjali)<br>Total ta' persunal: 708 (*675*) | **Trade marks**<br>Numru ta' applikazzjonijiet: 88 200<br>Numru ta' reġistrazzjonijiet: 68 000<br>Numru ta' każijiet ta' oppożizzjoni:: 16 400<br>li minnhom kazijiet kienu miftehma: 12 200<br>Appelli lill-Bord ta' l-Appell: 1 970<br>Żmien medju għar-reġistrazzjoni<br>(esklużi l-oppożizzjoni jew l-appell):<br>— qabel il-publikazzjoni: 7,5 months<br>— bejn il-pubblikazzjoni u r-reġistrazzjoni: 6,5 xhur<br>**Disinji**<br>Disinji rċevuti: 78 000<br>Disinji rreġistrati: 77 000 |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

*Tabella 2*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007**

*(1 000 euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul irċevut | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprijazzjonijiet tal-baġit finali | | | | | Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti | | |
| | | | | mdaħħla | impenjati | mħallsa | miġjuba 'l quddiem | annullati | disponibbli | imħallsa | annullati |
| Dħul proprju | 172 887 | 179 777 | Titolu I<br>Persunal | 63 716 | 60 066 | 58 968 | 1 097 | 3 650 | 1 390 | 1 056 | 333 |
| Dħul ieħor | 465 | 6 801 | Titolu II<br>Amministrazzjoni | 37 363 | 35 272 | 25 402 | 9 870 | 2 091 | 10 691 | 9 616 | 1 075 |
| Interessi | 11 100 | 12 284 | Titolu III<br>Attivitajiet operattivi | 56 294 | 48 091 | 30 390 | 17 702 | 8 203 | 14 407 | 13 193 | 1 214 |
| Bilanċ tas-sena finanzjarja preċedenti | 91 123 | 124 682 | Titolu X<br>Riżerva | 118 202 | 0 | 0 | 0 | 118 202 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | **275 575** | **323 544** | **Total** | **275 575** | **143 429** | **114 760** | **28 669** | **132 146** | **26 488** | **23 865** | **2 622** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-Tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati abbażi tal-likwidità.

*Tabella 3*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Dħul Operattiv** | | |
| Dħul minn onorarji | 179 040 | 184 066 |
| Dħul mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet | 186 | 285 |
| Dħul ieħor | 6 583 | 172 |
| **Total (a)** | **185 809** | **184 523** |
| **Spejjeż Operattivi** | | |
| Spejjeż tal-persunal | 59 640 | 58 055 |
| Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss | 3 650 | 3 586 |
| Spejjeż amministrattivi oħra | 34 100 | 26 833 |
| Spejjeż operattivi | 40 745 | 34 720 |
| **Total (b)** | **138 136** | **123 194** |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet Operattivi (c = a – b)** | **47 673** | **61 329** |
| Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) | 14 011 | 8 149 |
| Spejjeż minn operazzjonijiet finanzjarji (f) | 74 | 63 |
| **Bilanċ favur/(Kontra) minn attivitajiet mhux Operattivi (g = e – f)** | **13 938** | **8 086** |
| **Riżultat Ekonomiku għas-sena (h = c + g)** | **61 611** | **69 415** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

*Tabella 4*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2007 u 2006**

*(1 000 euro)*

| | 2007 | 2006 |
|---|---|---|
| **Attivi mhux kurrenti** | | |
| Attiv fiss mhux tanġibbli | 1 307 | 1 023 |
| Attiv fiss tanġibbli | 25 728 | 25 948 |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Finanzjament bil-quddiem ta' skadenza qasira | 186 | 124 |
| Riċevibbli ta' skadenza qasira | 4 105 | 2 520 |
| Likwidità u ekwivalenti likwidi | 343 350 | 281 510 |
| **Total ta' l-attiv** | **374676** | **311 125** |
| **Passiv mhux kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u imposti | 834 | 727 |
| Passiv ieħor ta' skadenza twila | 23 | 20 |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż | 8 849 | 12 266 |
| Kontijiet pagabbli | 59 928 | 54 681 |
| **Total tal-passiv** | **69 634** | **67 694** |
| **Attiv Nett** | **305 042** | **243 431** |
| **Riżervi** | | |
| Riżervi | 90 171 | 72 353 |
| Bilanċ favur/kontra akkumulat | 153 261 | 101 663 |
| Riżultat ekonomiku għas-sena | 61 611 | 69 415 |
| **Kapital Nett** | **305 042** | **243 431** |

*Sors:* *Data* mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-tabella tagħti sommarju tad-*data* mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

**IR-RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU**

8. Matul l-ippjanar tad-daqsijiet tat-tabella tal-impjegati u tal-proċessi ta' reklutaġġ se jitqiesu sistematikament il-proċessi ta' awtomatizzazzjoni futuri u tal-esternalizzazzjoni eventwali ta' kompiti ulterjuri. Iż-żieda fil-baġit għat-teknoloġiji tal-informazzjoni hija r-riżultat ta' żieda sinifikanti tas-sistemi informatiċi, minħabba l-introduzzjoni ta' kompiti ġodda (protokoll ta' Madrid, disinji Komunitarji, tiġdid) jew minħabba l-istrateġija tal-e-business u l-proġettazzjoni mill-ġdid (re-engineering) tas-sistemi interni ta' ġestjoni tat-trade marks tagħna kif ukoll investimenti importanti fis-sigurtà informatika (kontinwità tal-attivitajiet). Il-metodoloġija interna diġà tipprevedi analiżi tal-ispiża meta mqabbla mal-benefiċċju għal kull proġett informatiku. Metodoloġija simili se tkun implimentata għall-attivitajiet esternalizzati.

9. Hija prevista l-introduzzjoni ta' strumenti ġodda għall-ġestjoni tal-proġetti (inkluża l-ġestjoni tal-estimi finanzjarji). Bil-għan li dawn l-aspetti kollha jitqiesu sistematikament f'kull proġett se nirrikorru dejjem aktar għall-metodoloġija eżistenti fi ħdan id-dipartiment Ġestjoni tal-Kwalità.

10. F'Diċembru 2006 l-Kummissjoni għamlet proposti fir-rigward tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ġdid tal-onorarji. Il-Kunsill, f'Mejju 2007, talab lill-Kummissjoni tressaq proposta ta' tnaqqis immedjata.

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.